

Rapport Speċjali

**L-integrità  
u l-implimentazzjoni  
tal-EU ETS**



IL-QORTI  
EWROPEA  
TAL-AWDITURI

IL-QORTI EWROPEA TAL-AWDITURI  
12, rue Alcide De Gasperi  
1615 Luxembourg  
LUXEMBOURG

Tel. +352 4398-1

E-mail: [eca-info@eca.europa.eu](mailto:eca-info@eca.europa.eu)  
Internet: <http://eca.europa.eu>

Twitter: @EUAuditorsECA  
YouTube: EUAuditorsECA

Ħafna informazzjoni addizzjonali dwar l-Unjoni Ewropea hija disponibbli fuq l-Internet.  
Jista' jsir aċċess għaliha permezz tas-server Europa (<http://europa.eu>).

Il-Lussemburgu: L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2015

Print	ISBN 978-92-872-2376-0	ISSN 1831-0907	doi:10.2865/933254	QJ-AB-15-005-MT-C
PDF	ISBN 978-92-872-2399-9	ISSN 1977-5741	doi:10.2865/4432	QJ-AB-15-005-MT-N
EPUB	ISBN 978-92-872-2394-4	ISSN 1977-5741	doi:10.2865/135577	QJ-AB-15-005-MT-E

© L-Unjoni Ewropea, 2015  
Ir-riproduzzjoni hija awtorizzata kemm-il darba jissemma s-sors oriġinali.

*Printed in Luxembourg*

Rapport Speċjali

## L-integrità u l-implimentazzjoni tal-EU ETS

(skont l-Artikolu 287(4), it-tieni subparagrafu, TFUE)

Ir-rapporti speċjali tal-QEA jagħtu r-risultati tal-awditi tal-prestazzjoni u tal-konformità tagħha ta' oqsma baġitarji jew suġġetti ta' ġestjoni speċifiċi. Il-QEA tagħżel u tfassal dawn il-kompiti tal-awditjar biex ikollhom impatt massimu billi tqis ir-riskji għall-prestazzjoni jew għall-konformità, il-livell ta' introjtu jew ta' nfiq involut, l-iżviluppi li jkunu għad iridu jseħħu u l-interess politiku u pubbliku.

Dan l-awditu tal-prestazzjoni ġie prodott mill-Awla I tal-Awditjar — immexxija mill-Membru tal-QEA Augustyn Kubik — li tispċjalizza fl-oqsma ta' nfiq ta' preservazzjoni u ġestjoni tar-riżorsi naturali. L-awditu tmexxa mill-Membru tal-QEA Kevin Cardiff, b'appoġġ minn Mary Kerrigan, kap tal-kabinett; Gediminas Macys, attaché tal-kabinett; Colm Friel, kap tal-unità; Emese Fésűs, kap tat-tim; Stefan den Engelsen, deputat kap tat-tim; Marco Dentamaro, awditur; Andreas Dürrwanger, awditur; María Luisa Gómez-Valcárcel, awditur; Laura Gores, awditur; Joanna Kokot, awditur; Loulla Puisais-Jauvin, awditur; Frédéric Soblet, awditur u Anna Zalega, awditur.



Mix-xellug għal-lemin: S. den Engelsen, E. Fésűs, K. Cardiff, C. Friel.

## Paragrafu

### Abbrevjazzjonijiet

### Glossarju

## I–VII Sommarju eżekuttiv

### 1–8 Introduzzjoni

### 1–8 Skema tal-Unjoni Ewropea għan-Negożjar ta' Emissjonijiet (EU ETS)

4–6 L-EU ETS fil-prattika mill-2005 sal-2012 (il-Fażijiet I u II)

7–8 L-EU ETS mill-2013 'il quddiem (il-Fażi III)

## 9–11 Ambitu u approċċ tal-awditjar

## 12–86 Osservazzjonijiet

### 12–41 Il-qafas għall-protezzjoni tal-integrità tal-EU ETS

14–24 Ir-regolamentazzjoni u s-sorveljanza tas-suq tal-emissjonijiet ġew imtejba kontinwament mill-Kummissjoni, iżda jeħtieġ aktar progress

25–28 Tħassib relatat mad-definizzjoni ta' kwoti tal-emissjonijiet

29–41 Is-sistemi relatati mar-Reġistru tal-UE għall-ipproċessar ta' informazzjoni fundamentali tal-EU ETS urew ċerti nuqqasijiet

### 42–86 L-implimentazzjoni tal-EU ETS

46–63 Is-sistemi tal-Istati Membri għar-reġistrazzjoni u r-rappurtar tal-emissjonijiet matul il-Fażi II tal-EU ETS ma ġewx żviluppati biżżejjed

64–79 Kien hemm lakuni fil-gwida u l-monitoraġġ mill-Kummissjoni, tal-implimentazzjoni min-naħa tal-Istati Membri matul il-Fażi II tal-EU ETS

80–86 Instabu ċerti dgħufijiet fl-implimentazzjoni nazzjonali kemm tar-reġim tas-sanzjonar tal-EU ETS kif ukoll fil-prattiki għaċ-ċediment ta' krediti internazzjonali tal-proġetti

87-97 **Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet**

Anness — Informazzjoni ta' Sfond

**Risposta tal-Kummissjoni**

- CDM:** Mekkaniżmu għal Żvilupp Nadif
- CER:** Tnaqqis Iċċertifikat ta' Emissjonijiet
- CF:** Forum ta' Konformità
- CO<sub>2</sub>:** Diossidu tal-Karbonju
- CO<sub>2</sub>e:** Ekwivalenti ta' Diossidu tal-Karbonju
- DĠ:** Direttorat Ġenerali
- EA:** Kooperazzjoni Ewropea għall-Akkreditazzjoni
- ERU:** Unità ta' Tnaqqis tal-Emissjonijiet
- ETS:** Skema għan-Negozjar ta' Emissjonijiet
- EU ETS:** Skema tal-UE għan-Negozjar ta' Emissjonijiet
- EUA:** Kwota tal-Emissjonijiet tal-Unjoni Ewropea
- EUTL:** Reġistru tat-Tranżazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea
- GHG:** Gass serra
- IPCC:** Grupp Intergovernattiv ta' Esperti dwar it-Tibdil fil-Klima
- IPPC:** Prevenzjoni u Kontroll Integrati tat-Tniġġis
- JI:** Implimentazzjoni Konġunta
- KYC:** Kun af lill-klijent tiegħek (Know your customer)
- MAD:** Direttiva dwar l-Abbuż tas-Suq
- MAR:** Regolament dwar l-Abbuż tas-Suq
- MIFiD:** Direttiva dwar is-Swieq fl-Istrumenti Finanzjarji

**MRG:** Linji gwida dwar il-Monitoraġġ u r-Rappurtar

**OTC:** Barra l-Borża

**PNA:** Pjan Nazzjonali ta' Allokazzjoni

**RAA:** Rapport Annwali tal-Attività

**UNFCCC:** Konvenzjoni Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima

**VAT:** Taxxa fuq il-Valur Miżjud

**ŻEE-EFTA:** Żona Ekonomika Ewropea — Assoċjazzjoni Ewropea tal-Kummerċ Ħieles



**Amministratur Ċentrali:** Skont id-Direttiva dwar l-ETS<sup>1</sup>, l-amministratur ċentrali jiġi nominat mill-Kummissjoni biex iżomm reġistru indipendenti tat-tranżazzjonijiet li jirreġistra l-ħruġ, it-trasferiment u l-kanċellazzjoni tal-kwoti tal-emissjonijiet, u li jwettaq kontroll awtomatizzat fuq kull waħda mit-tranżazzjonijiet biex jiżgura li ma jkun hemm l-ebda irregolarità fil-ħruġ, it-trasferiment u l-kanċellazzjoni tal-kwoti tal-emissjonijiet. Ir-Regolament dwar ir-Reġistru jispeċifika li l-amministratur ċentrali jħaddem u jżomm ir-Reġistru tal-Unjoni<sup>2</sup>.

**Amministratur Nazzjonali:** L-Amministratur Nazzjonali huwa l-entità responsabbli għall-ġestjoni, f'isem Stat Membru, ta' sett ta' kontijiet tal-utenti li jaqgħu taħt il-ġurisdizzjoni ta' Stat Membru fir-Reġistru tal-Unjoni.

**Awtorità Kompetenti:** L-Istati Membri jaħtru Awtorità jew awtoritajiet Kompetenti għall-implimentazzjoni tar-regoli tad-Direttiva dwar l-EU ETS.

**Ċediment ta' kwoti tal-emissjonijiet:** Sat-30 ta' April ta' kull sena, l-operatur ta' kull waħda mill-installazzjonijiet għandu jċedi għadd ta' kwoti ugwali għall-emissjonijiet ivverifikati totali minn din l-installazzjoni matul is-sena kalendarja ta' qabel<sup>3</sup>. Taħt l-EU ETS fil-Fażi II, l-operaturi jistgħu wkoll, suġġett għal ċerti limitazzjonijiet, iċedu krediti internazzjonali (CERs u ERUs) iġġenerati permezz tal-mekkaniżmi tal-Protokoll ta' Kjoto (CDM u JI). B'kollox, l-operatur irid iċedi biżżejjed EUAs, CERs u ERUs biex ikopri l-emissjonijiet ivverifikati tiegħu.

**Detentur ta' kont:** Detentur ta' kont<sup>4</sup> huwa persuna fiżika jew ġuridika li jkollha kont fir-Reġistru tal-Unjoni.

**Direttiva dwar is-Swieq fl-Istrumenti Finanzjarji (MiFID):** Id-Direttiva inizjali dwar is-Swieq fl-Istrumenti Finanzjarji tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' April 2004 dwar is-swieq fi strumenti finanzjarji (id-Direttiva Nru 2004/39/KE) tħassret u ġiet sostitwita b'regoli ġodda adottati fl-2014. Dawn huma d-Direttiva l-ġdida Nru 2014/65/UE dwar is-swieq fl-istrumenti finanzjarji u r-Regolament (UE) Nru 600/2014 dwar is-swieq fl-istrumenti finanzjarji. Ir-regoli l-ġodda se jkunu applikabbli minn Jannar 2017 'il quddiem<sup>5</sup>.

**Direttiva u Regolament dwar l-Abbuż tas-Suq (MAD/MAR):** Id-Direttiva inizjali, dwar l-Abbuż tas-Suq, tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' Jannar 2003 dwar insider dealing u manipulazzjoni tas-suq (abbuż tas-suq) (id-Direttiva Nru 2003/6/KE) tħassret u ġiet sostitwita b'regoli ġodda adottati fl-2014. Dawn huma r-Regolament (UE) Nru 596/2014 dwar l-abbuż tas-suq (MAR)<sup>6</sup> u d-Direttiva Nru 2014/57/UE dwar sanzjonijiet kriminali għal abbuż tas-suq (MAD)<sup>7</sup>. Ir-Regolament dwar l-Abbuż tas-Suq jibda japplika f'Lulju 2016 u l-Istati Membri għandhom sentejn biex jitttrasponu d-Direttiva<sup>8</sup> l-ġdida fil-liġi nazzjonali.

1 L-Artikolu 20 tad-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Ottubru 2003 li tistabbilixxi skema għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra ġewwa l-Komunità u li temenda d-Direttiva 96/61/KE (ĠU L 275, 25.10.2003, p. 32).

2 L-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 389/2013.

3 L-Artikolu 12(3) tad-Direttiva Nru 2003/87/KE.

4 L-Artikolu 3 tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 389/2013 tat-2 ta' Mejju 2013 li jistabbilixxi Reġistru tal-Unjoni skont id-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, id-Deċiżjonijiet Nri 280/2004/KE u 406/2009/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kummissjoni (UE) Nri 920/2010 u 1193/2011 (ĠU L 122, 3.5.2013, p. 1).

5 Ibid.

6 Ir-Regolament (UE) Nru 596/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' April 2014 dwar l-abbuż tas-suq (ir-Regolament dwar l-abbuż tas-suq) u li jħassar id-Direttiva 2003/6/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u d-Direttivi tal-Kummissjoni Nru 2003/124/KE, Nru 2003/125/KE u Nru 2004/72/KE (ĠU L 173, 12.6.2014, p. 1).

7 Id-Direttiva Nru 2014/57/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' April 2014 dwar sanzjonijiet kriminali għal abbuż tas-suq (id-Direttiva dwar l-abbuż tas-suq) (ĠU L 173, 12.6.2014, p. 179).

8 [http://ec.europa.eu/finance/securities/index\\_en.htm](http://ec.europa.eu/finance/securities/index_en.htm)

**Emissjonijiet ta' gassijiet serra (GHG):** Il-gassijiet atmosferiċi miżmuma responsabbli li jikkawżaw it-tiġin globali u t-tibdil fil-klima. L-akbar GHGs huma d-diossidu tal-karbonju (CO<sub>2</sub>), il-metan (CH<sub>4</sub>) u l-ossidu nitruż (N<sub>2</sub>O). Il-gassijiet serra — anqas prevalenti — iżda b'saħħithom ħafna — huma l-idrofluorokarburi (HFCs), il-perfluorokarburi (PFCs) u l-eżafuorur tal-kubrit (SF<sub>6</sub>)<sup>9</sup>.

**Iffriżar tal-kwoti:** Bħala miżura fuq terminu qasir, il-Kummissjoni pposponiet l-irkantar ta' 900 miljun kwota tal-emissjonijiet sal-2019-2020 biex tħalli d-domanda tiżdied<sup>10</sup>. Il-volum kumplessiv ta' kwoti tal-emissjonijiet li għandhom jiġu rkantati fil-Fażi III ma jinbidilx minħabba dan l-iffriżar tal-kwoti; tinbidel biss id-distribuzzjoni ta' kwoti rkantati tal-emissjonijiet matul il-perjodu 2013-2020 (il-"profil taż-żmien tal-irkantar"). L-iffriżar tal-kwoti tal-irkanti jiġi implimentat permezz ta' emenda għar-Regolament dwar l-irkantar tal-EU ETS<sup>11</sup> adottat mill-Kummissjoni fl-2014, wara l-approvazzjoni mill-Kunsill tal-UE dwar it-Tibdil fil-Klima u l-iskrutinju mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill. Fl-2013, saret ukoll emenda għad-Direttiva dwar l-EU ETS biex titwitta t-triq għal din l-emenda<sup>12</sup>.

**Implimentazzjoni Konġunta (JI):** Flimkien mas-CDMs din hija wieħed miż-żewġ mekkaniżmi, ibbażati fuq il-proġetti, introdotti taħt il-Protokoll ta' Kjoto. Pajjiżi industrijalizzati jwettqu proġetti għall-implimentazzjoni konġunta għat-tnaqqis tal-emissjonijiet ma' pajjiżi żviluppanti oħra biex jiġġeneraw Unitajiet ta' Tnaqqis tal-Emissjonijiet (ERUs) negożjabbli li jistgħu jintużaw, taħt ċerti kundizzjonijiet, fi ħdan l-EU ETS.

**Installazzjoni:** Installazzjoni hija unità teknika stazzjonarja<sup>13</sup>, fejn titwettaq attività waħda jew aktar li jarmu gassijiet GHG u kwalunkwe attività oħra direttament assoċjata li jkollhom konnessjoni teknika mal-attivitàjiet imwettqa fuq dak is-sit u li jista' jkollhom effett fuq l-emissjonijiet u t-tniġġis.

**Kwota tal-emissjonijiet:** Taħt l-Iskema tal-Unjoni Ewropea għan-Negożjar ta' Emissjonijiet (EU ETS), Kwota waħda tal-Emissjonijiet tal-Unjoni Ewropea (EUA) tikkorrispondi għad-dritt ta' emissjoni ta' tunnellata ta' ekwivalenti ta' diossidu tal-karbonju matul perjodu speċifiku (CO<sub>2</sub>e)<sup>14</sup>. Il-Kwoti tal-emissjonijiet tal-Unjoni Ewropea jistgħu jintużaw minn operaturi fi ħdan l-EU ETS biex ikopru l-emissjonijiet ivverifikati tagħhom jew jistgħu jiġu nnegożjati ma' operaturi oħra li jkunju jeħtieġu l-EUAs.

9 Il-Glossarju tal-akronimi għat-tibdil fil-klima, Konvenzjoni Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima (UNFCCC).

10 Il-Kummissjoni Ewropea, id-DĠ Azzjoni Klimatika: [http://ec.europa.eu/clima/policies/ets/reform/index\\_en.htm](http://ec.europa.eu/clima/policies/ets/reform/index_en.htm)

11 Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 176/2014 tal-25 ta' Frar 2014 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1031/2010, b'mod partikolari, sabiex jiġu stabbiliti l-volumi ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra li għandhom jiġu rkantati fl-2013-2020 (ĠU L 56, 26.2.2014, p. 11).

12 Id-Deċiżjoni Nru 1359/2013/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li temenda d-Direttiva 2003/87/KE fejn tiċċara d-dispożizzjonijiet dwar l-għażla taż-żmien tal-irkantar tal-kwoti tal-gassijiet serra (ĠU L 343, 19.12.2013, p. 1).

13 L-Artikolu 3 tad-Direttiva Nru 2003/87/KE.

14 L-Artikolu 3 tad-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Ottubru 2003 li tistabbilixxi skema għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra għewwa l-Komunità u li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 96/61/KE (ĠU L 275, 25.10.2003, p. 32).

**Limitu u skambju:** L-EU ETS titqies bħala sistema ta' "limitu u skambju". Dan ifisser li hemm limitu fuq l-ammont totali ta' emissjonijiet permessi mill-installazzjonijiet koperti fis-sistema. Fil-Fażi I u l-Fażi II tal-EU ETS, il-limiti ġew issettjati fil-livell nazzjonali, bl-approvazzjoni mill-Kummissjoni. Għall-Fażi III, il-limitu huwa ssettjat fil-livell tal-UE. Fi ħdan il-limitu, il-kumpaniji tal-industrija u l-operaturi tal-inġenji tal-ajru jirċievu kwoti tal-emissjonijiet li huma jistgħu jbigħu lil jew jixtru mingħand xulxin kif meħtieġ. Negozjanti volontarji jistgħu wkoll jidħlu fis-suq biex jixtru u jbigħu kwoti tal-emissjonijiet. Il-limitu fuq l-għadd totali ta' kwoti tal-emissjonijiet disponibbli jiżgura li jkollhom valur.

**Mekkaniżmi tal-Protokoll ta' Kjoto:** Il-Protokoll ta' Kjoto (ara l-**Kaxxa tal-Anness** għal aktar dettalji) introduċa tliet mekkaniżmi li jistgħu jintużaw għall-ilħuq tal-miri għat-tnaqqis tal-emissjonijiet: negozjar ta' emissjonijiet, mekkaniżmi għal żvilupp nadif (CDM) u implimentazzjoni konġunta (JI). In-negozjar ta' emissjonijiet jippermetti lil pajjiżi li għandhom unitajiet tal-emissjonijiet, mhux użati, ibigħuhom lil pajjiżi li jaqbżu l-limiti tagħhom. Il-JI u s-CDM huma mekkaniżmi bbażati fuq il-proġetti, li jiġġeneraw krediti li jistgħu jiġu negozjati biex jiġu kkompensati l-emissjonijiet.

**Mekkaniżmu għal Żvilupp Nadif (CDM):** Il-proġetti għas-CDM taħt il-Protokoll ta' Kjoto jinvolve investimenti fi proġetti għall-żvilupp sostenibbli, f'pajjiżi fil-fażi tal-iżvilupp, għat-tnaqqis tal-emissjonijiet. Dawn jiġġeneraw Tnaqqis Iċċertifikat ta' Emissjonijiet (CERs) negozjabbli. Dawn l-hekk imsejja krediti huma permessi, taħt ċerti kundizzjonijiet, għall-użu taħt l-EU ETS.

**Mekkaniżmu tar-reverse charge tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud (VAT):** Dan il-mekkaniżmu jinvolve t-trasferiment tal-obbligazzjoni ta' taxxa mingħand il-fornitur għal għand ir-riċevitur, jiġifieri li l-klijent, meta jiġi identifikat bħala persuna taxxabbli, ikun obligat iħallas il-VAT minflok il-fornitur. X'aktarx li sistema tar-reverse charge tkun telimina l-frodi karusell tal-VAT.

**Operatur:** Kwalunkwe persuna<sup>15</sup> li tħaddem jew tikkontrolla installazzjoni jew, meta dan huwa previst fil-leġiżlazzjoni nazzjonali, li lilha tkun iddelegata s-saħħa ekonomika deċiżiva fuq il-funzjonament tekniku tal-installazzjoni.

**OTC:** It-terminu barra l-Borża (OTC) jiddeskrivi t-tranżazzjonijiet kollha fis-swieq finanzjarji li mhumiex negozjati f'Borża, u lanqas ma jiġu esegwiti f'suq irregolat, iżda minflok jiġu negozjati privatament bejn żewġ kontropartijiet.

**Reġistru tal-Unjoni:** Ir-reġistru huwa sistema elettronika li żżomm rekord tas-sjeda tal-kwoti tal-emissjonijiet. L-amministratur ċentrali<sup>16</sup> jħaddem u jżomm ir-Reġistru tal-Unjoni. Ir-reġistru<sup>17</sup> huwa aċċessibbli għall-pubbliku u fih kontijiet separati sabiex jirreġistra l-kwoti tal-emissjonijiet miżmuma minn kull waħda mill-persuni li lilhom jew mingħandhom joħorġu jew jiġu ttrasferiti l-kwoti tal-emissjonijiet. Fir-reġistru tal-Unjoni kwalunkwe persuna tista' żżomm kwoti tal-emissjonijiet.

<sup>15</sup> L-Artikolu 3 tad-Direttiva 2003/87/KE.

<sup>16</sup> L-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 389/2013.

<sup>17</sup> L-Artikolu 19 tad-Direttiva Nru 2003/87/KE.

**Regoli tal-allokazzjoni armonizzata:** Fil-Fażi III tal-EU ETS, il-Kummissjoni żviluppat regoli tal-allokazzjoni armonizzata<sup>18</sup>, b'parametri referenzjarji għal kull prodott fuq il-bażi tal-prestazzjoni medja tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra tal-10 % tal-installazzjonijiet bl-aqwa prestazzjoni fl-UE. Il-parametri referenzjarji jiġu kkalkolati b'mod indipendentement mit-teknoloġija applikabbli, il-fjuwil, id-daqs tal-installazzjoni jew il-pożizzjoni ġeografika tagħha.

**Suq sekondarju:** Suq fejn l-investituri jixtru titoli jew assi mingħand investituri oħra u mhux mingħand l-emittent.

**Suq spot:** Suq fejn it-titoli jew il-komoditajiet jiġu negozjati għal twassil immedjat, għall-kuntrarju ta' suq tal-futuri.

**Tranżazzjoni:** Tranżazzjoni hija proċess<sup>19</sup> fir-Reġistru tal-Unjoni li jinkludi t-trasferiment ta' kwota tal-emissjonijiet jew unità ta' Kjoto minn kont wieħed għal kont ieħor.

**Tunnellata ta' ekwivalenti għas-CO<sub>2</sub>e (CO<sub>2</sub>e):** Tfiisser tunnellata metrika ta' diossidu tal-karbonju jew ammont ta' kull gass serra ieħor b'potenzjal ekwivalenti għaż-żieda tas-sħana globali<sup>20</sup>.

18 Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni Nru 2011/278/UE tas-27 ta' April 2011 li tiddetermina regoli tranżitorji madwar l-Unjoni kollha għal allokazzjoni armonizzata mingħajr flus tal-kwoti tal-emissjonijiet skont l-Artikolu 10a tad-Direttiva Nru 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 130, 17.5.2011, p. 1).

19 L-Artikolu 3 tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 389/2013.

20 L-Anness II tad-Direttiva 2003/87/KE.

L-Iskema tal-Unjoni Ewropea għan-Negożjar ta' Emis-sjonijiet (EU ETS) hija l-politika emblematika tal-UE għall-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima. Hija l-akbar sistema ta' limitu u skambju fid-dinja għall-emissjonijiet ta' gassijiet serra (GHG). Tqiegħed limitu fuq l-emissjonijiet kumplessivi minn setturi tal-industrija b'livell għoli ta' emissjonijiet, li jitnaqqas matul iż-żmien. Il-limitu jirrestrinġi emissjonijiet ta' aktar minn 11 000 installazzjoni madwar l-UE, li jużaw ħafna enerġija, li jkopri madwar nofs l-emissjonijiet ta' GHG. Dawn l-installazzjonijiet jirċievu kwoti tal-emissjonijiet jew jixtruhom fl-irkanti, u jistgħu wkoll jinnegozjaw il-kwoti tal-emissjonijiet kif meħtieġ. Kull kwota tal-emissjonijiet tirrappreżenta d-dritt ta' emissjoni ta' tunnellata ta' ekwivalenti ta' diossidu tal-karbonju (CO<sub>2</sub>). Kull sena, l-installazzjonijiet iridu jċedu kwoti tal-emissjonijiet li jkunu ekwivalenti għall-ammont ta' ekwivalenti ta' diossidu tal-karbonju (CO<sub>2</sub>e) emess.

L-EU ETS spiss tiġi kkwotata bħala l-mudell referenzjali għal skemi emerġenti ta' politika dwar it-tibdil fil-klima u skemi għan-negożjar ta' emissjonijiet b'modi oħra fid-dinja. Din l-iskema innovattiva introdotta fl-2005 u mtejbja progressivament, issa tinsab fit-tielet fażi tagħha tal-implimentazzjoni. Fil-livell Ewropew, l-għan ambjentali tal-EU ETS mhuwiex biss it-tnaqqis fl-emissjonijiet f'konformità mal-limitu, iżda wkoll it-tqegħid ta' prezz fuq il-karbonju u l-għoti ta' valur finanzjarju lil kull tunnellata ffrankata ta' CO<sub>2</sub>e. Il-prezz jiġi determinat mis-suq fil-kwoti tal-emissjonijiet. Dan iħeġġeġ lill-installazzjonijiet japplikaw il-miżuri l-aktar kosteffettivi ta' tnaqqis tal-emissjonijiet, u jippromwovi l-investiment f'teknoloġiji b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju, b'mod partikolari jekk il-prezzijiet tal-kwoti tal-emissjonijiet ikunu għoljin.

Sabiex l-EU ETS taħdem kif intenzjonat, jeħtieġ li l-integrità tas-sistema tkun żgurata, u li l-iskema tiġi implimentata b'mod korrett. Il-Qorti vvalutat jekk l-Iskema tal-Unjoni Ewropea għan-Negożjar ta' Emis-sjonijiet tal-Unjoni Ewropea kinitx immaniġġjata b'mod adegwat, billi eżaminat jekk ġiex stabbilit qafas xieraq għall-protezzjoni tal-integrità tagħha bħala mekkaniżmu bbażat fuq is-suq, kif ukoll billi eżaminat l-implimentazzjoni reali tagħha. Fir-rigward tal-implimentazzjoni, il-Qorti ffukat fuq il-fażi II tal-EU ETS (2008-2012) biex b'hekk ikunu jistgħu jinsiltu tagħlimiet għall-iżviluppi futuri ta' din il-politika.

## IV

Kumplessivament, il-Qorti kkonkludiet li l-ġestjoni tal-EU ETS mill-Kummissjoni u mill-Istati Membri ma kinitx adegwata fl-aspetti kollha. Kienet imxekkla minn ċerti kwistjonijiet relatati mar-robustezza tal-qafas għall-protezzjoni tal-integrità tagħha, u minn dgħufijiet sinifikanti fl-implimentazzjoni tal-Fażi II tal-EU ETS.

## V

Sar titjib sinifikanti fil-qafas għall-protezzjoni tal-integrità tas-sistema, notevolment permezz tal-inklużjoni tal-biċċa l-kbira mis-suq spot għal kwoti tal-emissjonijiet taħt id-Direttiva dwar is-Swieq fl-Istrumenti Finanzjarji (MiFID) u s-sistemi tal-Abbuż tas-Suq (MAD (id-Direttiva dwar l-Abbuż tas-Suq)/MAR (ir-Regolament dwar l-Abbuż tas-Suq)) permezz tal-kwalifikazzjoni ta' kwoti tal-emissjonijiet bħala strumenti finanzjarji. Madankollu, għadd ta' kwistjonijiet xorta għandhom jiġu indirizzati biex il-qafas isir robust biżżejjed, biex jiġu pprovduti regolamentazzjoni u superviżjoni aħjar, u biex titħeġġeġ il-kunfidenza tal-investituri, sabiex l-EU ETS tiġi ingranata bħala għodda tal-politika ambjentali.

- (a) Hemm kwistjonijiet li jifdal rigward ir-regolamentazzjoni u s-sorveljanza tas-suq tal-emissjonijiet relatati ma' negozjanti li huma meħtieġa jikkonformaw, negozjar spot barra l-Borża (OTC) bilaterali u parteċipanti iżgħar fis-suq.
- (b) Ma hemm l-ebda sorveljanza, fil-livell tal-UE, tas-suq tal-emissjonijiet u ma hemmx biżżejjed kooperazzjoni regolatorja.
- (c) Id-definizzjoni legali ta' kwoti tal-emissjonijiet mhijiex ċara biżżejjed u hemm ukoll nuqqas ta' ċarezza rigward il-ħolqien u l-protezzjoni ta' interessi ta' sigurtà fi kwoti tal-emissjonijiet.

- (d) Ir-Reġistru tal-Unjoni jipproċessa *data* fundamentali tal-EU ETS u għandu profil tar-riskju għoli minħabba l-interessi finanzjarji sinifikanti u l-firxa wiesgħa ta' detenturi ta' kontijiet. Fil-waqt li s-sigurtà tar-reġistru ttejjeb b'mod sinifikanti matul il-Fażi II tal-EU ETS, għad hemm ħtieġa għal aktar progress. Il-proċeduri tal-Istati Membri għall-kontroll tal-ftuħ ta' kontijiet tal-EU ETS, għall-monitoraġġ tat-tranżazzjonijiet, u għall-kooperazzjoni ma' awtoritajiet regolatorji kellhom nuqqasijiet sinifikanti u l-Kummissjoni ma tistax timmonitorja t-tranżazzjonijiet b'mod adegwat minħabba kunsiderazzjonijiet fir-rigward tal-protezzjoni tad-*data*. Barra minn hekk, problemi ta' koordinazzjoni interna u restrizzjonijiet ta' riżorsi xekklu l-iżvilupp u l-operazzjoni tar-Reġistru fil-Kummissjoni, kif deskritt fil-paragrafi 39 sa 41.

## VI

Kien hemm dgħufijiet sinifikanti fl-implimentazzjoni min-naħa tal-Istati Membri u l-Kummissjoni, tal-qafas ta' kontroll tal-EU ETS fil-Fażi II. Dawn jeħtieġ li jiġu indirizzati matul il-Fażi III biex ikun hemm aċċertament biżżejjed li s-sistema qed topera kif intenzjonat.

- (a) Is-sistemi għall-monitoraġġ, għar-rappurtar u għall-verifikazzjoni tal-emissjonijiet ma ġewx implimentati jew armonizzati tajjeb biżżejjed. L-Awtoritajiet Kompetenti ma ċċekkjawx b'mod adegwat ix-xogħol imwettaq mill-verifikaturi, u wettqu kontrolli limitati fuq il-post fil-livell tal-installazzjoni.
- (b) Kien hemm lakuni fil-gwida u l-monitoraġġ mill-Kummissjoni, tal-implimentazzjoni min-naħa tal-Istati Membri matul il-Fażi II tal-EU ETS, u l-valutazzjoni tal-Pjanijiet Nazzjonali ta' Allokazzjoni (PNA) tal-Fażi II tal-Istati Membri mill-Kummissjoni ma kinitx trasparenti biżżejjed.
- (c) Xi Stati Membri ma pprovdewx ir-rapporti kollha meħtieġa dwar l-operazzjoni tal-EU ETS, u l-Kummissjoni ma ppubblikatx ir-rapport annwali ta' implimentazzjoni meħtieġ taħt id-Direttiva dwar l-EU ETS.

- (d) L-impatt ta' *fora* ta' konsultazzjoni u koordinazzjoni, siewja bejn il-Kummissjoni u l-Istati Membri kien limitat minħabba l-livell baxx ta' parteċipazzjoni mill-Istati Membri.
- (e) Il-Kummissjoni kellha rwol limitat fl-iżgurar tal-armonizzazzjoni ta' kontrolli ewlenin fl-implimentazzjoni tal-EU ETS mill-Istati Membri.
- (f) Il-Qorti ma setgħetx tivvaluta l-effettività tas-sistemi diversi tas-sanzjonijiet tal-Istati Membri minħabba nuqqas ta' informazzjoni konsolidata fil-livell tal-Istati Membri u dak Ewropew. Kien hemm prattiki diverġenti li jikkonċernaw regoli speċifiċi għaċ-ċediment ta' krediti internazzjonali tal-proġetti bejn l-Istati Membri. Dawn il-kwistjonijiet potenzjalment jaffettwaw il-kundizzjonijiet ekwi għall-operaturi.

## VII

Sabiex tindirizza l-osservazzjonijiet deskritta hawn fuq, li jikkonċernaw il-qafas għall-protezzjoni tal-integrità tas-sistema u tal-implimentazzjoni tagħha, il-Qorti tagħmel ir-rakkomandazzjonijiet li ġejjin.

1. Il-kwistjonijiet li jifdal fir-regolamentazzjoni u s-sorveljanza tas-suq tal-emissjonijiet għandhom jiġu indirizzati mill-Kummissjoni sabiex tittejjeb aktar l-integrità tas-suq (ara r-Rakkomandazzjonijiet 1 (a) sa (c) dettaljati lill-Kummissjoni, wara l-paragrafu 91).
2. L-istatus legali tal-kwoti tal-emissjonijiet għandu jiġi kkjarifikat aktar sabiex jikkontribwixxi għall-istabbiltà u l-kunfidenza tal-investituri (ara r-Rakkomandazzjoni 2 wara l-paragrafu 92).
3. Ċerti aspetti tas-sistemi għall-ipproċessar ta' informazzjoni fundamentali tal-EU ETS (ir-Reġistru tal-Unjoni tal-UE u proċeduri relatati) għandhom jittejjbu aktar. B'mod partikolari, il-Kummissjoni għandha tqis kif il-monitoraġġ effettiv tat-tranżazzjonijiet transkonfinali jista' jiġi żviluppat u koordinat fil-livell tal-UE biex jiġu mitigati r-riskji ta' abbuż u ta' attivitajiet frodulenti, u tidentifika miżuri xierqa biex issaħħaħ il-qafas ta' kontroll u tippromwovi l-aħjar prattiki mill-Istati Membri dwar il-ftuħ ta' kontijiet madwar l-UE. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li dawn il-kontrolli jiġu implimentati (ara r-Rakkomandazzjonijiet 3 (a) sa (e) dettaljati lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri, wara l-paragrafu 93).
4. Il-qafas ta' kontroll fil-livell tal-Istati Membri għandu jiġi applikat aħjar biex jiżgura li d-dgħufijiet identifikati jittieħdu inkunsiderazzjoni għall-implimentazzjoni tal-Fażi III (ara r-Rakkomandazzjonijiet 4 (a) sa (f) dettaljati lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri wara l-paragrafu 94).
5. Matul il-Fażi III, il-livell ta' gwida u informazzjoni dwar l-implimentazzjoni tal-EU ETS għandu jittejjeb (ara r-Rakkomandazzjonijiet 5 (a) sa (c) dettaljati lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri wara l-paragrafu 96).
6. L-implimentazzjoni ta' sanzjonijiet fir-rigward tal-EU ETS għandha ssir aktar trasparenti. Informazzjoni aġġornata u preċiża għandha tkun disponibbli fil-livell tal-Istati Membri u dak tal-UE dwar l-implimentazzjoni u r-riżultati ta' proċeduri ta' penali, u l-Kummissjoni għandha timmonitorja aħjar il-prattiki ta' infurzar madwar l-UE kif ukoll l-applikazzjoni konsistenti ta' penali nazzjonali (ara r-Rakkomandazzjonijiet 6 (a) sa (c) dettaljati lill-Kummissjoni u l-Istati Membri lill-Istati Membri wara l-paragrafu 97).

## Skema tal-Unjoni Ewropea għan-Negożjar ta' Emissjonijiet (EU ETS)

### 01

L-EU ETS hija pilastru essenzjali tal-politika tal-Unjoni Ewropea għall-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima (għal aktar informazzjoni ta' sfond dwar il-qafas internazzjonali għan-negożjar ta' emissjonijiet ara l-**Parti I tal-Anness**). L-objettiv tagħha huwa li tippromwovi tnaqqis tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra b'mod kosteffettiv u ekonomikament effiċjenti. Hija waħda mill-komponenti prinċipali tal-pakkett tal-UE dwar il-klima u l-enerġija<sup>21</sup>, li għandu tliet objettivi għall-2020 (magħrufa bħala l-miri "20/20/20"):

- tnaqqis ta' 20 % fl-emissjonijiet ta' gassijiet serra tal-UE mil-livelli tal-1990;
- żieda għal 20 % fis-sehem tal-konsum tal-enerġija mill-UE, prodotta minn riżorsi rinnovabbli;
- titjib ta' 20 % fl-effiċjenza enerġetika tal-UE.

### 02

L-EU ETS hija l-akbar sistema ta' limitu u skambju (ara l-**Kaxxa 1**) tad-dinja għal emissjonijiet ta' GHG u spiss tiġi kkwotata bħala l-mudell referenzjali għal skemi emerġenti ta' politika dwar it-tibdil fil-klima u skemi għan-negożjar ta' emissjonijiet bnadi oħra fid-dinja. Il-limitu jirrestrinġi emissjonijiet ta' aktar minn 11 000 installazzjoni madwar l-UE, li jużaw ħafna enerġija<sup>22</sup>. Mill-2013 'il quddiem, l-EU ETS tkopri madwar 50 % tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra (GHG) fl-UE<sup>23</sup>. Minbarra li tillimita l-emissjonijiet totali bi prezz għoli biżżejjed tal-karbonju, l-EU ETS għandha tkegġeg lill-installazzjonijiet japplikaw il-miżuri l-aktar kosteffettivi ta' tnaqqis tal-emissjonijiet, u tippromwovi l-investiment f'teknoloġiji b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju<sup>24</sup>.

- 21 COM(2008) 30 final tat-23.1.2008, "20 20 by 2020 Europe's climate change opportunity" (20 għal 20 sal-2020 L-opportunità dwar it-tibdil fil-klima għall-Ewropa).
- 22 Dawn ikopru s-setturi prinċipali li għejjin: installazzjonijiet tal-kombustjoni, siment, gagazza, ġir, raffineriji taż-żejt minerali, ħadid fondut grezz u azzar. Setturi li mhumiex inklużi jinkludu t-trasport fuq l-art, l-agrikoltura u s-settur tas-servizzi.
- 23 COM(2012) 652 final tal-14.11.2012, "L-istat tas-suq Ewropew tal-karbonju fl-2012".
- 24 L-Azzjoni Klimatika tal-Kummissjoni Ewropea, l-iskeda informattiva "The EU Emissions Trading System (EU ETS)" (L-Iskema tal-UE għan-Negożjar ta' Emissjonijiet (EU ETS)), disponibbli fuq [http://ec.europa.eu/clima/publications/docs/factsheet\\_ets\\_en.pdf](http://ec.europa.eu/clima/publications/docs/factsheet_ets_en.pdf)

## Kaxxa 1

### Is-sistema ta' limitu u skambju tal-EU ETS

Is-sistema ta' limitu u skambju taħdem billi jitqiegħed limitu fuq l-emissjonijiet kumplessivi minn setturi tal-industrija b'livell għoli ta' emissjonijiet. Dan il-limitu jitnaqqas matul iż-żmien. Fi ħdan dan il-limitu, il-kumpaniji jistgħu jixtru u jbigħu kwoti tal-emissjonijiet kif meħtieġ. Kull kwota tal-emissjonijiet tirrappreżenta d-dritt ta' emissjoni ta' tunnellata ta' CO<sub>2</sub>e. L-ammont ta' kwoti tal-emissjonijiet jiddetermina l-ammont ta' emissjonijiet permessi, jiġifieri l-emissjonijiet jiġulimitati. Il-kwoti tal-emissjonijiet jiġu distribwiti lill-installazzjonijiet, u jistgħu jiġu nnegożjati liberament fis-suq<sup>25</sup>. Kull sena, l-installazzjonijiet iridu jċedu kwoti tal-emissjonijiet ekwivalenti għall-ammont ta' CO<sub>2</sub>e emess. Il-prezz jiġi determinat mis-suq.

25 KUMM(2010) 796 finali tal-21.12.2010, "Lejn qafas ta' sorveljanza tas-suq imsaħħa għall-Iskema tal-UE għan-Negożjar ta' Kwoti ta' Emissjonijiet".



## Introduzzjoni

### 03

L-EU ETS ġiet stabbilita permezz tad-Direttiva 2003/87/KE<sup>26</sup>. Taħt din id-Direttiva, l-Istati Membri huma meħtieġa jiżviluppaw u jstabbilixxu s-sistemi u l-arranġamenti amministrattivi neċessarji biex jimplimentaw l-EU ETS fil-livell nazzjonali. Id-Direttiva tagħti wkoll firxa ta' responsabbiltajiet speċifiċi lill-Kummissjoni, li ħafna minnhom għandhom l-għan li jiżguraw implimentazzjoni koordinata u konsistenti tal-EU ETS. Peress li l-EU ETS ħolqot ukoll suq għan-negozjar ta' kwoti tal-emissjonijiet, l-Istati Membri u l-Kummissjoni jeħtieġ li jiżguraw l-integrità u l-istabbiltà tal-EU ETS, biex b'hekk din tista' tikkontribwixxi b'mod effettiv għall-oġġettivi ambjentali tagħha.

### L-EU ETS fil-prattika mill-2005 sal-2012 (il-Fażijiet I u II)

### 04

L-operazzjoni tal-EU ETS hija organizzata f'perjodi jew f'fażijiet ta' negozjar: għall-ewwel żewġ fażijiet (2005-2012), il-limitu fuq il-kwoti tal-emissjonijiet ġie ssettjat fil-livell nazzjonali permezz ta' Pjanijiet Nazzjonali ta' Allokazzjoni (PNA) stabbiliti mill-Istati Membri u vvalutati mill-Kummissjoni.

### 05

L-ewwel fażi (2005-2007) tal-EU ETS kienet perjodu pilota fuq tliet snin għat-tnejn ta' fażi (2008-2012). Il-kwoti tal-emissjonijiet ġew distribwiti mingħajr ħlas. Billi l-biċċa l-kbira mill-Istati Membri għad ma kellhomx *data* storika dwar l-emissjonijiet tal-installazzjonijiet inklużi fl-EU ETS, il-limiti tal-Fażi I kienu bbażati fuq studji u tbassiriet. L-oġġettiv tal-ewwel fażi kien li jiġi stabbilit suq li jiffunzjona, li jiġi ssettjat prezz għall-karbonju u li tinbena l-infrastruttura neċessarja għall-monitoraġġ, ir-rappurtar u l-verifikazzjoni tal-emissjonijiet reali. Imbagħad, id-*data* ġġenerata mill-ewwel fażi mljet il-lakuna fl-informazzjoni u għenet fl-issettjar ta' limiti nazzjonali għat-tieni fażi.

### 06

It-tieni fażi (2008-2012)<sup>27</sup> kienet tikkoinċidi mal-ewwel fażi ta' impenn tal-Protokoll ta' Kjoto — il-perjodu fuq ħames snin li matulu l-Istati Membri tal-UE kellhom inaqqsu l-emissjonijiet tagħhom skont il-miri ssettjati taħt il-Protokoll ta' Kjoto<sup>28</sup>. Abbażi tal-emissjonijiet ivverifikati, li ġew irrappurtati mill-Fażi I, il-volum ta' kwoti tal-emissjonijiet permessi fil-Fażi II tnaqqas għal 6.5 % taħt il-livell tal-2005 (jiġifieri l-ewwel sena ta' konformità tal-EU ETS), u għaldaqstant ġie żgurat li t-tnaqqis reali tal-emissjonijiet kien se jseħħ (ara l-**Parti II tal-Anness** għal aktar informazzjoni dwar l-iżviluppi tal-forniment u d-domanda matul il-Fażi II tal-EU ETS).

- 26 Id-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Ottubru 2003 li tistabbilixxi skema għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra ġewwa l-Komunità u li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 96/61/KE (ĠU L 275, 25.10.2003, p. 32).
- 27 Fil-Fażi II, il-membri taż-ŻEE-EFTA (Żona Ekonomika Ewropea – Assoċjazzjoni Ewropea tal-Kummerċ Ħieles) l-Iżlanda, il-Liechtenstein u n-Norveġja ssieħbu fl-EU ETS.
- 28 L-Unjoni Ewropea impenjat ruħha biex tilħaq tnaqqis kumplessiv ta' 8 % tal-emissjonijiet ta' GHG fil-perjodu 2008-2012 meta mqabbel mal-livelli tal-1990 (li huwa oġġla mill-mira msemmija għal pajjiżi kumplessivament industrijalizzati, fil-**Kaxxa tal-Anness**). Din il-mira hija kondiviża bejn il-15-il Stat Membru taħt ftehim legalment vinkolanti, id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2002/358/KE tal-25 ta' April 2002 dwar l-approvazzjoni f'isem il-Komunità Ewropea, tal-Protokoll ta' Kjoto għall-Konvenzjoni Kwadru tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima u t-tweqqig konġunt tal-obbligi tiegħu (ĠU L 130, 15.5.2002, p. 1).

### L-EU ETS mill-2013 'il quddiem (il-Fażi III)

#### 07

Għall-Fażi III (2013-2020), is-sistema tal-PNA ġiet sostitwita. Issa, il-limitu għall-emissjonijiet mill-installazzjonijiet koperti taħt l-EU ETS huwa ssettjat fil-livell tal-UE. Għal dawk il-kwoti tal-emissjonijiet li għadhom jingħataw mingħajr hłas, japplikaw regoli tal-allokkazzjoni armonizzata li huma bbażati fuq parametri referenzjarji ambizzjużi, madwar l-UE kollha, tar-rendiment tal-emissjonijiet. Bħal fil-fażijiet preċedenti, l-installazzjonijiet li mhuma allokati l-ebda kwota, jew li huma allokati għadd insuffiċjenti ta' kwoti tal-emissjonijiet mingħajr hłas biex ikopru l-emissjonijiet tagħhom jeħtieġ li jixtru kwoti tal-emissjonijiet addizzjonali fis-suq, jew li jnaqqsu l-emissjonijiet tagħhom.

#### 08

Fil-bidu tal-Fażi III, aktar minn 40 % tal-kwoti kollha tal-emissjonijiet huma rkantati. L-irkantar jitqies mill-Kummissjoni u mit-teorija ekonomika bħala l-aktar metodu trasparenti ta' allokkazzjoni u jpoġġi fil-prattika l-prinċipju li min iniġġes iħallas (il-**Parti III tal-Anness** jipprovdi aktar informazzjoni ta' sfond dwar ir-riforma u l-perspettivi futuri tal-EU ETS).

# Ambitu u approċċ tal-awditjar

## 09

Bid-determinazzjoni tal-ambitu u l-approċċ tal-awditjar, il-Qorti ffukat fuq il-kwistjonijiet fundamentali tal-integrità u l-implimentazzjoni tas-sistema. L-awditu ma eżaminax l-effettività kumplessiva tal-EU ETS. L-objettiv tal-awditu kien li jwieġeb il-mistoqsija "L-Iskema tal-Unjoni Ewropea għan-Negożjar ta' Emis-sjonijiet hija mmaniġġjata b'mod adegwat mill-Kummissjoni u mill-Istati Membri?" Dan sar billi ġew indirizzati s-sottomistoqsijiet li ġejjin:

- (a) **Hemm qafas xieraq għall-protezzjoni tal-integrità tal-EU ETS?** Sabiex twieġeb din il-mistoqsija, il-Qorti eżaminat ix-xerqien tar-regolamentazzjoni tas-suq u r-regoli ta' sorveljanza li japplikaw għan-negożjar ta' emis-sjonijiet, l-istatus u d-definizzjoni legali ta' kwoti tal-emissjonijiet, u s-sistema tar-Reġistru tal-Unjoni għar-reġistrazzjoni u d-divulgazzjoni tad-*data* tal-EU ETS. Din il-parti tal-awditu ffukat fuq firxa ta' miżuri f'dawn l-oqsma, li ġew żviluppati u proposti mill-Kummissjoni mill-2011 'il hawn inklużi żviluppi introdotti sat-30 ta' Settembru 2014. L-ambitu tal-awditjar ma kienx jinkludi valutazzjoni ta' miżuri nazzjonali biex jiġi indirizzat ir-riskju tal-frodi karusell tal-VAT<sup>29</sup>.
- (b) **L-EU ETS tiġi implimentata b'mod korrett?** Sabiex twieġeb din il-mistoqsija, il-Qorti eżaminat l-implimentazzjoni tal-EU ETS mill-Istati Membri u mill-Kummissjoni matul il-Fażi II tal-EU ETS. Din il-parti tal-awditu kienet tikkonċerna biss l-implimentazzjoni tal-EU ETS għall-installazzjonijiet stazzjonarji<sup>30</sup>.

## 10

L-awditu twettaq kemm fil-livell tal-Kummissjoni kif ukoll f'dak tal-Istati Membri. Ix-xogħol fil-livell tal-Kummissjoni eżamina kif il-Kummissjoni ggwidat l-implimentazzjoni tal-EU ETS mill-Istati Membri u jekk din issodisfatx l-obbligi tagħha stess taħt il-qafas legali applikabbli. L-evidenza nkisbet minn seba' Stati Membri. Dawn intgħażlu fuq il-bażi ta' volumi u tipi ta' emissjonijiet. Saru żjarat lil awtoritajiet rilevanti f'ħames Stati Membri (il-Ġermanja, Franza, l-Italja, il-Polonja u r-Renju Unit). Evidenza dokumentata nkisbet mingħand tnejn oħra (il-Greċja u Spanja). L-awditu fil-livell tal-Istati Membri ffoka fuq l-allokazzjoni (PNA) u ċ-ċediment ta' kwoti tal-emissjonijiet, fuq sistemi għall-monitoraġġ, għar-rappurtar u għall-verifikazzjoni tal-emissjonijiet u fuq sanzjonijiet applikati f'każ ta' nuqqas ta' konformità. Huwa ma kopriex l-irkantar, billi dan tal-aħħar għadu qed jiġi implimentat biss fuq skala żgħira ħafna u f'għadd limitat ta' Stati Membri lejn tmiem il-Fażi II.

## 11

Barra minn hekk, l-evidenza nkisbet permezz ta' ttestjar sostantiv tad-dokumentazzjoni disponibbli f'Awtoritajiet Kompetenti nazzjonali relatati ma' 150 installazzjoni magħżula minn dawn is-7 Stati Membri, u permezz ta' analiżi tad-*data* tal-installazzjoni u tal-konformità, miksuba mir-Reġistru tat-Tranżazzjonijiet tal-UE (EUTL — ara l-**Kaxxa 2**). L-installazzjonijiet magħżula ma saritil-homx żjara fuq il-post, billi l-Qorti ma kellhiex id-drittijiet ta' aċċess.

29 Jekk jogħġbok ara l-**Kaxxa 3** għal aktar dettalji dwar kwistjonijiet tal-VAT.

30 L-avjazzjoni ġiet inkluża biss fl-EU ETS fl-2012.

## Il-qafas għall-protezzjoni tal-integrità tal-EU ETS

### 12

Sabiex tiġi żgurata biżżejjed likwidità fis-suq tal-kwoti tal-emissjonijiet mañluq mill-EU ETS, u biex jiġi stabbilit mekkaniżmu li jiffunzjona tajjeb u li jikkontribwixxi għall-ilħuq tal-objettivi ambjentali tal-politika, is-suq għandu jkun sikur u attraenti<sup>31</sup> għal xerrejja li mhumiex meħtieġa jikkonformaw<sup>32</sup>, kif ukoll għal operaturi (xerrejja li huma meħtieġa jikkonformaw) li għandhom obbligu taħt id-Direttiva dwar l-EU ETS li jipparteċipaw fl-iskema. Għalhekk, huwa importanti li jitqies jekk l-integrità tal-EU ETS hijiex protetta biżżejjed biex tinżamm stabbiltà u biex tiġi żgurata l-kunfidenza tal-investituri fis-suq. Protezzjoni bħal din teħtieġ regolamentazzjoni u sorveljanza tas-suq xierqa, li huma xierqa kif ukoll kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet regolatorji. Barra minn hekk, l-istatus legali u d-definizzjoni ta' kwoti tal-emissjonijiet għandhom ikunu ċari biżżejjed sabiex jikkontribwixxu għall-istabbiltà u l-kunfidenza fis-suq għal kwoti tal-emissjonijiet.

### 13

Ir-Reġistru tal-UE (ara l-**Kaxxa 2**) huwa element ewlieni fil-protezzjoni tal-integrità tal-EU ETS, billi dan jirreġistra u jittraċċa t-"tranżazzjonijiet fiżiċi" kollha tal-kwoti tal-emissjonijiet u jippermetti d-divulgazzjoni ta' informazzjoni essenzjali għas-suq. Barra mill-valur ambjentali tal-istrument, l-interessi finanzjarji tal-EU ETS huma konsiderevoli. Il-valur irrappreżentat mill-kwoti kollha tal-emissjonijiet u minn unitajiet oħra ta' konformità miżmuma fir-Reġistru tal-Unjoni huwa stmat għal aktar minn EUR 10 biljun, skont il-prezz ta' dawk l-unitajiet u ż-żmien tal-kejl. Barra minn hekk, l-integrità tal-EU ETS għandha tkun protetta biżżejjed kontra t-tip ta' inċidenti li seħħew bejn l-2008 u l-2011 (jiġifieri serq irrapportat ta' kwoti tal-emissjonijiet, skemi ta' frodi tal-VAT, u theddid ċibernetiku bħal phishing). Għalhekk, huwa wkoll essenzjali li proċeduri effettivi jkunu jeżistu għall-kontroll kemm tal-ftuħ ta' kontijiet kif ukoll tat-tranżazzjonijiet li jseħħu fir-Reġistru tal-Unjoni.

## Ir-regolamentazzjoni u s-sorveljanza tas-suq tal-emissjonijiet ġew imtejba kontinwament mill-Kummissjoni, iżda jeħtieġ aktar progress

### 14

Il-Kummissjoni rrikonoxxiet<sup>35</sup> li kien meħtieġ li jissaħħu r-regolamentazzjoni u s-sorveljanza tas-suq u li jitjiebu s-sigurtà tar-Reġistru biex jipprevjenu rikorrenzi tal-inċidenti ta' sigurtà (ara wkoll il-paragrafi 12 u 13, u l-**Kaxxa 2**) li seħħew fil-Fażi II. Il-Kummissjoni żviluppat pakkett komprensiv ta' miżuri biex tindirizza dawn ir-riskji (kif diskuss hawn taħt fil-paragrafi 15 u 16).

31 Ara pereżempju KUMM(2010) 796 finali.

32 Xerrejja li mhumiex meħtieġa jikkonformaw (jew negozjanti li mhumiex meħtieġa jikkonformaw) huma entitajiet li jipparteċipaw volontarjament fis-suq tal-emissjonijiet (eż. negozjanti, investituri, individwi, intermedjarji finanzjarji eċċ.) għall-kuntrarju ta' xerrejja li huma meħtieġa jikkonformaw (operaturi li huma meħtieġa bil-leġiżlazzjoni li jipparteċipaw).

33 [http://ec.europa.eu/clima/policies/ets/oversight/faq\\_en.htm](http://ec.europa.eu/clima/policies/ets/oversight/faq_en.htm), Ensuring the integrity of the European carbon market (Niżguraw l-integrità tas-suq Ewropew tal-karbonju), FAQ, April 2014: Ir-regoli [jiġifieri r-regoli tas-swieq finanzjarji] għandhom ukoll l-għan li jipprovdur ambjent tan-negozjar sikur u effiċjenti biex tissaħħa il-kunfidenza fis-suq tal-karbonju wara sensiela ta' attivitajiet frodulenti sfortunati li s-suq esperjenza f'it snin ilu. Ara wkoll KUMM(2010) 796 finali, b'mod partikolari l-Kapitolu 1 - Introduzzjoni.

## Is-sistema ta' reġistri nazzjonali u r-Reġistru tal-Unjoni

Matul il-Fażi I u I-biċċa I-kbira mill-Fażi II, l-Istati Membri operaw reġistri nazzjonali b'kontijiet li fihom kwoti tal-emissjonijiet u krediti internazzjonali setgħu jinżammu u jiġu ttrasferiti. Sabiex tiġi simplifikata s-sistema u biex jitħallew isiru rabtiet futuri tal-EU ETS ma' skemi internazzjonali oħra għan-negozjar ta' emissjonijiet, fl-2009 ġie deċiż minn koleġiżlaturi li jiġu ċentralizzati r-reġistri nazzjonali f'Reġistru tal-Unjoni miżmum u amministrat mill-Kummissjoni Ewropea. Fl-2008-2011, seħħew għadd ta' inċidenti ta' sigurtà li kienu jinvolvu prinċipalment frodi tal-VAT u attacchi ċibernetiċi. Il-migrazzjoni tal-kontijiet u tad-*data* seħħet f'Ġunju 2012. Minkejja din iċ-ċentralizzazzjoni tas-sistema ta' reġistri, l-Istati Membri xorta għadhom responsabbli waħidhom għall-ftuħ, l-immaniġġjar u l-aġġornar tal-kontijiet fit-taqsimiet nazzjonali tagħhom tar-Reġistru tal-Unjoni. L-Amministratur Ċentrali tal-Kummissjoni mhuwiex involut fit-tweqqif ta' dawn l-attivajiet. Sistema ta' Reġistru tat-Tranżazzjonijiet tal-UE (EUTL) tiċċekkja, tirrekordja u tawtorizza t-tranżazzjonijiet kollha inizjati fir-Reġistru tal-Unjoni biex tiżgura li kwalunkwe trasferiment tal-kwoti tal-emissjonijiet huwa konsistenti mar-regoli tal-EU ETS<sup>33</sup>. Id-*data* rilevanti tal-EU ETS issir aċċessibbli għall-pubbliku permezz ta' verżjoni pubblika tal-EUTL. L-operazzjoni tar-Reġistru (u s-sistema preċedenti ta' reġistri nazzjonali) hija rregolata permezz tar-Regolamenti tal-Kummissjoni<sup>34</sup>.

34 [http://ec.europa.eu/clima/policies/ets/registry/index\\_en.htm](http://ec.europa.eu/clima/policies/ets/registry/index_en.htm)

35 B'mod partikolari, din tinvolvi r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2216/2004 tal-21 ta' Diċembru 2004 għal sistema standardizzata u sikura ta' reġistri skont id-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u d-Deċiżjoni 280/2004/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 386, 29.12.2004, p. 1) u r-Regolament (UE) Nru 920/2010 tas-7 ta' Ottubru 2010 għal sistema standardizzata u sikura ta' reġistri skont id-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u d-Deċiżjoni 280/2004/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 270, 14.10.2010, p. 1), ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1193/2011 li jistabbilixxi Reġistru tal-Unjoni mill-1 ta' Jannar 2013 'il quddiem u li jemenda r-Regolamenti tal-Kummissjoni (KE) Nru 2216/2004 u Nru 920/2010 biex jiġi stabbilit Reġistru tal-Unjoni għall-perjodu li jagħlaq fil-31 ta' Diċembru 2012 u r-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 389/2013 li jistabbilixxi Reġistru tal-Unjoni għall-Fażi III.

## 15

Il-ħtieġa li titjeb ir-regolamentazzjoni għas-suq tal-karbonju kienet tikkoinċidi mal-proċess ta' reviżjoni tal-qafas għar-regolamentazzjoni tas-swieq finanzjarji (MiFID/MAD)<sup>36</sup>. Din ippreżentat opportunità għall-Kummissjoni biex tqis ir-regolamentazzjoni tas-suq tal-karbonju fil-kuntest tar-regolamentazzjoni kumplessiva tas-swieq finanzjarji. Skont il-Valutazzjoni tal-Impatt<sup>37</sup> li takkumpanja l-proposta ta' reviżjoni tal-MiFID ippreżentata f'Ottubru 2011, iż-żewġ għażliet prinċipali meqjusa mill-Kummissjoni kienu li tinħoloq sistema mfassla apposta għas-suq tal-karbonju, jew li jiġu kklassifikati kwoti tal-emissjonijiet bħala strumenti finanzjarji u li jiġu inklużi fil-qafas tar-regolamentazzjoni tal-MiFID/MAD. Il-kwistjoni ta' liema approċċ regolatorju jkun l-aktar adattat għas-suq tal-emissjonijiet kienet lil hinn mill-ambitu ta' dan l-awditu. Id-derivattivi tal-emissjonijiet<sup>38</sup>, li huma stmati mill-Kummissjoni li jirrappreżentaw aktar minn 90 % tas-suq tal-karbonju, huma strumenti finanzjarji u għalhekk kienu diġà rregolati taħt il-MiFID u l-MAD fil-Fażi I u l-Fażi II tal-EU ETS (2005-2012). In-negożjar sekondarju ta' kwoti spot tal-emissjonijiet ma kienx irregolat. Fl-2011, il-Kummissjoni ppropriet li l-MiFID tiġi estiża u mfassla apposta biex tkopri wkoll in-negożjar sekondarju ta' kwoti spot tal-emissjonijiet billi tikklassifika, b'mod ċar, kwoti tal-emissjonijiet bħala strumenti finanzjarji. Din il-proposta ġiet adottata fl-2014<sup>39</sup> u twassal ukoll biex il-kwoti tal-emissjonijiet ikunu fi ħdan l-ambitu tal-qafas tal-MAD/MAR. Dawn ir-regoli l-ġodda se japplikaw minn Jannar 2017 'il quddiem'<sup>40</sup>.

## 16

Miżuri importanti oħra li ttieħdu mill-Kummissjoni biex jissaħħu l-integrità u s-sigurtà tal-EU ETS kienu jinkludu:

- l-għoti tal-possibbiltà, lill-Istati Membri, li japplikaw mekkaniżmu tar-reverse charge biex tiġi indirizzata l-frodi tat-taxxa fuq il-valur miżjud (VAT) (ara l-**Kaxxa 3**);
- miżuri addizzjonali ta' sigurtà għar-Reġistru tal-Unjoni għall-ġlieda kontra ċ-ċiberkriminalità potenzjali u r-riċiklaġġ ta' krediti internazzjonali;
- l-integrazzjoni ta' dispożizzjonijiet dwar il-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus fir-Regolamenti dwar ir-Reġistru, ispirati mid-Direttiva dwar il-Ġlieda kontra l-ħasil tal-Flus<sup>41</sup>; u
- l-istabbiliment ta' regoli tal-kondotta u tal-parteċipazzjoni għas-suq primarju fir-Regolament dwar l-Irkantar<sup>42</sup>.

## 17

Dawn il-miżuri jirrappreżentaw titjeb sinifikanti għar-regolamentazzjoni tas-suq tal-karbonju, u tabilħaqq kien hemm tnaqqis sinifikanti f'inċidenti rrapportati fis-snin reċenti. Madankollu, minkejja dawn l-isforzi, il-Qorti identifikat ċertu għadd ta' dgħufijiet li jikkonċernaw l-introduzzjoni tal-miżuri, u l-kwistjonijiet li jifdal li jeħtieġ jitqiesu sabiex il-qafas isir robust biżżejjed. Dawn jiġu identifikati fit-taqsimiet li ġejjin.

- 36 Il-MiFID u l-MAD huma żewġ pilastri ewlenin tar-regolamentazzjoni tas-swieq finanzjarji. Il-MiFID (id-Direttiva dwar is-Swieq fl-Istrumenti Finanzjarji) tkopri l-għoti ta' servizzi ta' investiment fl-istrumenti finanzjarji, il-MAD (id-Direttiva dwar l-Abbuż tas-Suq) tkopri l-abbuż tas-suq.
- 37 Commission Staff Working Paper, Impact Assessment accompanying the document Proposal for a Directive of the European Parliament and of the Council on Markets in financial instruments (Recast) and the proposal for a regulation of the European Parliament and of the Council on markets in financial instruments of 20 October 2011 (Id-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni, Valutazzjoni tal-Impatt li takkumpanja d-dokument Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar is-Swieq fl-istrumenti finanzjarji (Tfassil mill-ġdid) u l-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar is-Swieq tal-istrumenti finanzjarji tal-20 ta' Ottubru 2011 (SEC(2011) 1226 final).
- 38 Derivattiva hija kuntratt finanzjarju marbut mal-valur jew l-istatus futur tal-assi ta' bażi li tirreferi għalih (eż. l-iżvilupp tar-rati tal-imgħax jew ta' valur f'munita, jew il-falliment possibbli ta' debitor). ([http://europa.eu/rapid/press-release\\_MEMO-12-232\\_en.htm?locale=en](http://europa.eu/rapid/press-release_MEMO-12-232_en.htm?locale=en))
- 39 Id-Direttiva 2014/65/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 dwar is-swieq fl-istrumenti finanzjarji u li temenda d-Direttiva 2002/92/KE u d-Direttiva 2011/61/UE (ĠU L 173, 12.6.2014, p. 349).
- 40 Minn Lulju 2016 'il quddiem għar-Regolament dwar l-Abbuż tas-Suq.
- 41 Id-Direttiva 2005/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ottubru 2005 dwar il-prevenzjoni tal-użu tas-sistema finanzjarja għall-iskop tal-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu (ĠU L 309, 25.11.2005, p. 15). Fl-2013, il-Kummissjoni adottat proposti biex taġġornaha u l-Parlament Ewropew u l-Kunsill laħqu ftehim politiku fi tmiem l-2014.
- 42 Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1031/2010 tat-12 ta' Novembru 2010 dwar l-għażla taż-żmien, l-amministrazzjoni u aspetti oħra ta' rkantar ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra skont id-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tistabbilixxi skema għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra għewwa l-Komunità (ĠU L 302, 18.11.2010, p. 1).

### Is-suq tal-ETS jibqa' f'riskju fir-rigward tal-frodi tal-VAT

Fir-Rapport Ġenerali tiegħu dwar l-Attivitajiet għall-2009, l-Europol stama li t-telf għall-frodi tal-kreditu tal-karbonju (permezz ta' frodi karusell tal-VAT) bejn Ġunju 2008 u Diċembru 2009 kien bejn wieħed u ieħor EUR 5 biljun. Is-suq tal-ETS kien partikolarment vulnerabbli għal dan it-tip ta' attività kriminali ta' negozjar transkonfinali. B'rispons għall-inċidenti ta' frodi, id-Direttiva (2010/23/UE)<sup>43</sup> ġiet adottata biex tagħti lill-Istati Membri l-possibbiltà li jimplimentaw mekkaniżmu tar-reverse charge tal-VAT, u b'hekk l-obbligu tal-ħlas tal-VAT jitqiegħed fuq il-persuna li lilha jiġu trasferiti kwoti tal-emissjonijiet jew unitajiet oħra ta' konformità. Din id-dispożizzjoni ġiet imtawla sa Diċembru 2018 (id-Direttiva 2013/43/UE)<sup>44</sup>.

Fiż-żmien tal-awditu, kważi terz mill-Istati Membri ma kinux implimentaw il-mekkaniżmu tar-reverse charge għall-kwoti tal-emissjonijiet. Konsegwentement, ir-riskju tal-frodi tat-taxxa fuq il-valur miżjud (VAT) fuq il-kwoti tal-emissjonijiet tal-EU ETS għadu mhuwiex indirizzat bis-sħiħ fl-Unjoni Ewropea.

Mill-ħames Stati Membri li saritilhom żjara mill-Qorti, l-Italja biss kienet għadha ma applikatx il-mekkaniżmu tar-reverse charge tal-VAT fiż-żmien tal-awditu. L-unika pjattaforma ta' negozjar għall-kwoti tal-emissjonijiet fl-Italja ssospendiet l-operazzjonijiet tagħha tas-suq tal-kwoti tal-emissjonijiet f'Diċembru 2010 minħabba anomaliji osservati fil-flutwazzjonijiet tan-negozjar. L-operazzjonijiet tal-iskambju ngħalqu b'mod permanenti f'Marzu 2014. Naturalment, in-negozjar bilaterali ta' kwoti tal-emissjonijiet li jinvolvi kontijiet Taljani fir-Reġistru tal-EU ETS għadu possibbli. L-Awtorità Kompetenti u l-Amministratur tar-Reġistru Nazzjonali qiesu, fiż-żmien tal-awditu, li kien hemm riskju materjali li jseħħ ta' frodi karusell tal-VAT fl-Italja minħabba n-nuqqas tal-mekkaniżmu tar-reverse charge tal-VAT.

43 Id-Direttiva tal-Kunsill 2010/23/UE tas-16 ta' Marzu 2010 li temenda d-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud, fir-rigward ta' applikazzjoni fakultattiva u temporanja tal-mekkaniżmu tar-reverse charge fil-konfront tal-fornimenti ta' ċerti servizzi suxxettibbli għal frodi (ĠU L 72, 20.3.2010, p. 1).

44 Id-Direttiva tal-Kunsill 2013/43/UE tat-22 ta' Lulju 2013 li temenda d-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud, rigward applikazzjoni fakultattiva u temporanja tal-mekkaniżmu tar-reverse charge fir-rigward ta' fornimenti ta' ċerti prodotti u servizzi li jistgħu jkunu suġġetti għal frodi (ĠU L 201, 26.7.2013, p. 4).

### Minkejja l-kwalifikazzjoni ta' kwoti tal-emissjonijiet bħala strumenti finanzjarji, l-awditu identifika ċerti kwistjonijiet li jifdal, li huma relatati mar-regolamentazzjoni u s-sorveljanza tas-suq tal-emissjonijiet

#### 18

Il-Qorti eżaminat kif il-proposta 2011 ta' reviżjoni tal-MiFID, tal-Kummissjoni indirizzat l-ispeċifitajiet tan-negozjar ta' emissjonijiet. Waħda minn dawn l-ispeċifitajiet hija l-preżenza ta' negozjanti li huma meħtieġa jikkonformaw, fis-suq tal-emissjonijiet tal-EU ETS (in-negozjar kemm ta' kwoti spot tal-emissjonijiet kif ukoll ta' derivattivi). Issa dan is-suq huwa fil-biċċa l-kbira suq finanzjarju, iżda huwa kkaratterizzat mill-parteċipazzjoni ta' negozjanti li huma meħtieġa jikkonformaw u għalhekk jeħtieġ kunsiderazzjoni bir-reqqa meta r-regolamenti jiġu riveduti. Il-proposta ta' reviżjoni, mill-Kummissjoni, kienet tinkludi l-eżenzjoni ta' negozjanti għall-EU ETS li huma meħtieġa jikkonformaw, mir-rekwiżit li jiksbu l-awtorizzazzjoni tal-MiFID<sup>45</sup>. Il-Qorti identifika ċerti aspetti fir-rigward tal-applikazzjoni tal-MiFID għas-suq tal-emissjonijiet, li jqajmu kwistjonijiet relatati mar-regolamentazzjoni u s-sorveljanza tiegħu u li ma ġewx analizzati biżżejjed. Dawn huma stipulati fil-paragrafi li ġejjin.

#### 19

In-negozjanti li huma meħtieġa jikkonformaw, kif ukoll ċerti entitajiet oħra li jinnegozjaw kwoti tal-emissjonijiet<sup>46</sup>, se jiġu eżentati mill-kisba ta' awtorizzazzjoni tal-MiFID taħt il-qafas tal-MiFID riveduta. B'mod partikolari, negozjanti kbar li huma meħtieġa jikkonformaw, li spiss ikollhom għadd sostanzjali ta' postijiet tan-negozjar speċjalizzati sostanzjali se jiġu eżentati jekk jinnegozjaw f'isimhom stess<sup>47</sup> għall-EU ETS. Entitajiet żgħir li jinnegozjaw volontarjament kwoti spot tal-emissjonijiet f'isimhom stess jistgħu wkoll joperaw mingħajr awtorizzazzjoni tal-MiFID<sup>48</sup>. Il-Qorti tqis li hemm riskju għall-integrità tas-suq jekk entitajiet bħal dawn jabbużaw mill-eżenzjoni introdotta mill-MiFID billi jinvolvu ruħhom f'attivitajiet ta' negozjar mhux koperti mill-eżenzjoni tagħhom. Barra minn hekk, il-Qorti identifika riskju li l-eżenzjoni mill-MiFID, ta' entitajiet ta' negozjar li huma meħtieġa jikkonformaw għandha mnejn tiġi abbużata minn partijiet li jkunu qed jippruvaw jakkwistaw installazzjonijiet għall-iskop tax-xiri u l-bejgħ ta' kwoti spot tal-emissjonijiet mingħajr liċenzja taħt il-MiFID. Il-Qorti sabet li l-Kummissjoni ma kinitx analizzat biżżejjed l-impatt tan-negozjanti li huma meħtieġa jikkonformaw, fuq is-suq tal-emissjonijiet biex tidmostra li kwalunkwe riskju riżultanti tal-eżenzjoni ta' gruppi ta' parteċipanti fis-suq ma kienx sinifikanti.

- 45 Sabiex tipprovdi servizzi ta' investment, id-ditta ta' investment jeħtieġ li tikseb awtorizzazzjoni mingħand ir-regolatur nazzjonali.
- 46 Eż. l-Artikolu 2(1)(j)(i) tad-Direttiva 2014/65/UE relatat ma' persuni li jinnegozjaw f'isimhom stess fi kwoti tal-emissjonijiet jew derivattivi tagħhom.
- 47 U jekk jikkonformaw mar-rekwiżiti stipulati fl-Artikolu 2(1)(e) tad-Direttiva 2014/65/UE.
- 48 Rapport ta' espert tal-2012 ikkuntrattat mill-Kummissjoni dwar il-partijiet tal-Valutazzjoni tal-Impatt tal-MiFID, li hija rilevanti għas-suq tal-emissjonijiet, irrefera wkoll għall-implikazzjonijiet potenzjali ta' eżenzjonijiet possibbli tal-MiFID għal atturi iżgħar tas-suq, li setgħu wkoll kienu involuti fi frodi u f'serq allegat ta' kwoti tal-emissjonijiet, u li mhux se jeħtieġu awtorizzazzjoni tal-MiFID, anke jekk il-kwoti tal-emissjonijiet tal-karbonju ġew ikklassifikati bħala strumenti finanzjarji.



## Osservazzjonijiet

### 20

Barra minn hekk, in-negozji OTC purament bilaterali, inkluż in-negozjar ta' kwoti tal-emissjonijiet, li jiġu esegwiti barra ċ-ċentri rregolati tal-MiFID se jibqgħu barra l-kamp ta' applikazzjoni tal-MiFID riveduta. It-twassil "fiżiku" ta' kwota tal-emissjonijiet innegozjati b'mod bilaterali bejn żewġ partijiet teħtieġ li ż-żewġ partijiet ikollhom kont miżmum fir-Reġistru tal-Unjoni tal-EU ETS. Madankollu, kif diskuss hawn taħt fil-paragrafi 37 u 38, dawn it-tranżazzjonijiet "fiżiċi" fir-Reġistru tal-Unjoni mhumiex suġġetti għal superviżjoni. Dan ifisser li jista' jkun hemm atturi li joperaw f'partijiet tas-suq b'viżibbiltà limitata għal regolaturi u awtoritajiet kompetenti. Għalhekk, il-klassifikazzjoni ta' kwoti tal-emissjonijiet bħala strumenti finanzjarji taħt il-MiFID mhux se tnaqqas din il-lakuna regulatorja. Madankollu, in-negozjar spot bilaterali mhux irregolati, li huwa relattiv għan-negozjar ta' derivattivi, skont il-Kummissjoni jirrappreżenta proporzjon żgħir (madwar 1 %) tas-suq sekondarju tal-emissjonijiet.

### 21

Il-Kummissjoni pproponiet ukoll<sup>49</sup> eżenzjoni, suġġetta għal livell limitu, għal parteċipanti iżgħar fis-suq mid-dmir li jiddivulgaw informazzjoni privileġġata taħt regoli riveduti dwar l-abbuż tas-suq (MAD/MAR). L-awditu ma sabx evidenza li l-Kummissjoni analizzat biżżejjed l-identità u l-imġiba ta' parteċipanti bħal dawn u l-informazzjoni miżmuma minnhom, kif ukoll l-effett kumulattiv potenzjali tagħhom fuq is-suq tal-emissjonijiet. Is-sinifikat ta' din il-kwistjoni jiddependi minn kif jiġu definiti l-partiċipanti "iżgħar", li kien għadu ma ġiex stabbilit fiż-żmien tal-awditu.

### Hemm tħassib rigward xi elementi tax-xerqan tal-qafas superviżorju għas-suq tal-kwoti tal-emissjonijiet

### 22

Bħal fil-każ ta' kull mekkaniżmu tas-suq, sorveljanza xierqa tas-suq hija meħtieġa għall-protezzjoni tal-integrità tal-EU ETS (ara wkoll il-paragrafu 12). Din għandha tinvolvi konsulenza mill-Kummissjoni ma' regolaturi finanzjarji nazzjonali fir-rigward tal-funzjonament tas-suq tal-emissjonijiet, u l-kunsiderazzjoni minnha tal-kwistjoni ta' kooperazzjoni regulatorja fis-suq tal-emissjonijiet. Huwa importanti wkoll li sistema ta' kooperazzjoni effettiva u li għadha għaddeja li tikkonċerna l-funzjonament tas-suq tal-karbonju tiġi stabbilita fi ħdan il-Kummissjoni Ewropea, prinċipalment bejn is-servizzi responsabbli għall-EU ETS u r-regolamentazzjoni tas-swieq finanzjarji, jiġifieri d-DG Azzjoni Klimatika<sup>50</sup> u d-DG Suq Intern u Servizzi<sup>51</sup>.

- 49 Commission Staff Working Paper, Impact Assessment accompanying the document Proposal for a Regulation of the European Parliament and of the Council on insider dealing and market manipulation (market abuse) and the proposal for a Directive of the European Parliament and of the Council on criminal sanctions for insider dealing and market manipulation of 20.10.2011 (Id-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni, Valutazzjoni tal-Impatt li takkumpanja d-dokument Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-abbuż minn informazzjoni privileġġata u l-manipulazzjoni tas-suq (abbuż tas-suq) u l-proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar sanzjonijiet kriminali għal abbuż minn informazzjoni privileġġata u manipolazzjoni tas-suq tal-20.10.2011), SEC(2011) 1217 final.
- 50 Id-Direttorat Ġenerali tal-Kummissjoni responsabbli għall-Azzjoni Klimatika.
- 51 Id-Direttorat Ġenerali tal-Kummissjoni responsabbli għas-suq intern u s-servizzi. Mill-2015 'il quddiem, id-DG Suq Intern u Servizzi jissejjaħ id-DG Stabilità Finanzjarja, Servizzi Finanzjarji, u Unjoni tas-Swieq Kapitali.

## 23

Minkejja n-natura transkonfinali tagħha u t-tħassib espress dwar il-frodi u attivitajiet kriminali oħra (ara wkoll il-paragrafi 13, 14 u l-**Kaxxa 2**), il-Qorti sabet li l-ebda sorveljanza fil-livell tal-UE, tas-suq tal-emissjonijiet ma ġiet stabbilita. Ir-regolaturi finanzjarji nazzjonali jistgħu jitolbu lill-amministraturi nazzjonali tagħhom jew lill-amministratur ċentrali jipprovdu informazzjoni mir-Reġistru tal-Unjoni dwar tranżazzjonijiet fil-kwoti tal-emissjonijiet taħt proċeduri ristretti definiti fir-Regolament dwar ir-Reġistru. Madankollu, il-Qorti sabet li fiż-żmien tal-awditu, Prattiki bħal dawn intużaw rarament fil-livell tal-Istati Membri. Barra minn hekk, ir-Reġistru tal-Unjoni ma jirreġistraz informazzjoni dwar il-prezzijiet jew informazzjoni finanzjarja relatata mat-tranżazzjonijiet. B'konsegwenza ta' dan, ir-regolaturi nazzjonali ma jistgħu jiksbu stampa sħiħa fir-rigward tal-ebda tranżazzjoni transkonfinali li jqisu bħala suspettuża u għandhom anqas informazzjoni disponibbli fir-rigward ta' tranżazzjonijiet li għandhom mnejn ikunu suspettużi. Il-Kummissjoni ma għandha l-ebda setgħa superviżorja f'dan il-qasam (ara wkoll il-paragrafi 37 u 38). Dan iżid l-importanza tal-kooperazzjoni bejn ir-regolaturi nazzjonali biex jiġi żgurat li n-negozjar ta' kwoti tal-emissjonijiet ikun suġġett għal livell adegwat ta' superviżjoni, u li l-potenzjal għal abbuż jinżamm f'livell minimu.

## 24

Il-Qorti tqis li ma hemm l-ebda proċedura integrata bejn ir-regolaturi nazzjonali għall-organizzazzjoni ta' superviżjoni, fil-livell tal-UE, tas-suq tal-emissjonijiet speċifikament għas-suq tal-emissjonijiet, u li jibqa' t-tħassib dwar il-qafas għas-superviżjoni tas-suq tal-emissjonijiet li se jkun stabbilit ladarba l-MiFID u l-MAR riveduti jidħlu fis-seħħ<sup>52</sup>. Fi ħdan il-Kummissjoni nfi-sha, il-kooperazzjoni bejn id-DĠ Azzjoni Klimatika u d-DĠ Suq Intern u Servizzi tiġi organizzata b'mod informali u *ad hoc*, u b'hekk approċċ koordinat għall-monitoraġġ tas-suq tal-emissjonijiet ma jiġix iffaċilitat biżżejjed. Il-proċeduri formali eżistenti għal konsultazzjoni bejn is-servizzi u biex isiru proposti leġiżlattivi mhumiex imfassla għall-koordinazzjoni tar-regolamentazzjoni u l-monitoraġġ tas-suq tal-emissjonijiet.

### Tħassib relatat mad-definizzjoni ta' kwoti tal-emissjonijiet

## 25

Sabiex jiffunzjona tajjeb, is-suq tal-emissjonijiet jeħtieġ biżżejjed likwidità (ara wkoll il-paragrafu 12). F'dan ir-rigward, l-operazzjoni tas-suq tal-emissjonijiet tista' titjeb li kieku kien hemm aktar ċertezza dwar id-definizzjoni, madwar l-UE kollha, ta' kwoti tal-emissjonijiet u li kieku l-kwoti tal-emissjonijiet kienu kummerċjalment aktar intersanti għall-parteċipanti volontarji, pereżempju bl-appoġġ tal-abbiltà li jinħolqu u jiġu protetti interessi ta' sigurtà sikuri u li jistgħu jkunu infurzati<sup>53</sup>.

- 52 Rapport ta' espert ikkuntrattat mill-Kummissjoni jidentifika wkoll lakuni potenzjali li jifdal fil-qafas għas-superviżjoni tal-kwoti tal-emissjonijiet, anke wara l-adozzjoni tar-regolamenti tas-swieq finanzjarji riveduti. Ħafna atturi differenti se jikkondividu parti mir-responsabbiltà superviżorja għas-suq tal-karbonju. Dan iqajjem tħassib dwar il-lakuni li jifdal, u b'hekk potenzjalment ikunu jinħtieġu aktar aġġustamenti tar-regolamenti, f'każ li l-operazzjoni tas-swieq tiġi sfrattata.
- 53 L-interessi ta' sigurtà huma drittijiet legali tal-partijiet terzi, bħal ipoteki jew imposti legali oħra.

## Osservazzjonijiet

### 26

Id-Direttiva dwar l-EU ETS ma ddefini nixxiex l-istatus legali ta' kwoti tal-emissjonijiet. Id-deskrizzjoni ta' kwoti tal-emissjonijiet bħala strumenti funġibbli, dematerjalizzati u negozjabbli fir-Regolament dwar ir-Reġistru tal-UE<sup>54</sup> tispjega biss uħud mill-modi li bihom il-kwoti tal-emissjonijiet jistgħu jintużaw. Barra minn hekk, it-tismija ta' kwoti tal-emissjonijiet bħala strumenti finanzjarji tiċċara biss kif dawn għandhom jiġu ttrattati taħt il-leġiżlazzjoni dwar is-servizzi finanzjarji. Għadu mhuwiex ċar xi drittijiet għandhom id-detenturi ta' kwoti tal-emissjonijiet. L-Istati Membri awdijati għandhom approċċi differenti għall-istatus u n-natura legali tal-kwoti tal-emissjonijiet. Fi Franza u fir-Renju Unit, il-karatteristiċi tal-kwoti tal-emissjonijiet huma kompatibbli mal-attributi legali tal-proprietà jew jiġu trattati bħala tali. Madankollu, fil-biċċa l-kbira mill-Istati Membri awdijati, ma hemm l-ebda definizzjoni legali ta' kwoti tal-emissjonijiet.

### 27

In-nuqqas ta' ċertezza legali fil-livell tal-UE u f'dak tal-Istati Membri, u l-approċċi differenti meħuda, jfisser li problemi legali li jirriżultaw jiġu ttrattati fuq bażi ta' każ b'każ. Dan ikompli jżid ir-riskju għal definizzjoni u trattament legali diverġenti, mhux biss bejn l-Istati Membri (li l-biċċa l-kbira minnhom għad iridu jiddefinixxu l-kwoti tal-emissjonijiet fis-sistemi legali nazzjonali tagħhom), iżda wkoll fi ħdan il-liġi nazzjonali ta' Stat Membru uniku. Din il-kwistjoni tan-nuqqas ta' definizzjoni legali madwar l-UE kollha, ta' kwoti tal-emissjonijiet diġà rriżultat f'bosta rapporti ta' esperti<sup>55</sup> kkuntrattati mill-Kummissjoni. Madankollu, il-Kummissjoni ma ħadet l-ebda azzjoni biex tiġi indirizzata din il-kwistjoni. Il-Qorti tqis li ċarezza akbar rigward id-definizzjoni legali ta' kwoti tal-emissjonijiet għandha l-potenzjal li tkun ta' benefiċċju għall-funzjonament tas-suq.

### 28

Barra minn hekk, bħalissa mhuwiex ċar minn perspettiva legali u Prattika jekk il-kwoti tal-emissjonijiet jistgħu jintużaw biex jappoġġaw l-interessi ta' sigurtà, bħalma huwa l-każ bi strumenti finanzjarji tradizzjonali ta' valur kummerċjali. Ma hemm l-ebda dispożizzjoni espliċita għar-reġistrazzjoni ta' interessi ta' sigurtà fil-kwoti tal-emissjonijiet. Taħt ir-Regolament dwar ir-Reġistru tal-UE, is-soluzzjoni Prattika għar-reġistrazzjoni ta' interessi fi kwoti tal-emissjonijiet hija billi jiġu nominati "rappreżentanti awtorizzati addizzjonali"<sup>56</sup>, li l-permess tagħhom ikun meħtieġ biex iwettqu tranżazzjonijiet li jinvolvu dawn il-kwoti tal-emissjonijiet. Dispożizzjoni espliċita fil-livell tal-UE li l-kwoti tal-emissjonijiet huma kapaċi jappoġġaw l-eżistenza ta' interessi ta' sigurtà, u mekkaniżmu ta' reġistrazzjoni għal interessi bħal dawn, jistgħu jżidu l-valur kummerċjali tal-kwoti tal-emissjonijiet għall-parteċipanti fis-suq.

54 L-Artikolu 40(1) tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 389/2013.

55 Il-Qorti kisbet żewġ rapporti ta' esperti, ikkuntrattati mill-Kummissjoni Ewropea; wieħed dwar il-partijiet tal-Valutazzjoni tal-Impatt tal-MiFID rilevanti għas-suq tal-emissjonijiet (2012) u wieħed dwar l-azzjoni reċiproka bejn ir-Reġistru tal-EU ETS u l-infrastruttura ta' wara n-negozjar (2013), li t-tnejn li huma jidentifikaw riskji simili għal dawk identifikati mill-Qorti.

56 L-Artikolu 21(3) tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1193/2011, u l-Artikolu 23(3) tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 389/2013.

## Is-sistemi relatati mar-Reġistru tal-UE għall-ipproċessar ta' informazzjoni fundamentali tal-EU ETS urew ċerti nuqqasijiet

### 29

Ir-Reġistru tal-Unjoni huwa s-sistema elettronika għar-reġistrazzjoni ta' kwoti tal-emissjonijiet u s-sjieda tagħhom u l-ipproċessar ta' *data* fundamentali tal-EU ETS għall-installazzjonijiet u għall-entitajiet ta' negozjar (ara wkoll il-paragrafu 13 u l-**Kaxxa 2** hawn fuq). Ir-regoli għall-proċeduri għall-ftuħ ta' kontijiet huma inklużi fir-Regolament dwar ir-Reġistru<sup>57</sup> u jiġu implimentati mill-amministraturi nazzjonali. Il-proċeduri tal-ftuħ ta' kontijiet għall-parteċipanti volontarji (eż. għal skopijiet ta' negozjar jew ta' investiment) huma partikolarment importanti, billi jiddefinixxu l-kundizzjonijiet li taħthom entitajiet minbarra negozjanti li huma meħtieġa jikkonformaw, jistgħu joħolqu kont għan-negozjar ta' kwoti tal-emissjonijiet. Barra minn hekk, ladarba n-negozjanti jkollhom aċċess għal kont, jistgħu jinizjaw tranżazzjonijiet transkonfinali.

### 30

Ir-Reġistru tal-Unjoni għandu profil tar-riskju għoli u għalhekk l-operazzjoni tiegħu għandha tinvolvi identifikazzjoni u traċċar immirat ta' tranżazzjonijiet, kif ukoll kontrolli u identifikazzjoni ta' detenturi u bilanċi ta' kontijiet. Sabiex tiġi appoġġata l-integrità tas-suq, proċeduri rigorużi tal-ftuħ ta' kontijiet għandhom jiġu implimentati b'mod konsistenti

mill-Istati Membri kollha, u monitoraġġ transkonfinali ta' tranżazzjonijiet potenzjalment suspettużi għandu jittwettaq biex jiskoraġġixxi u jaqbad attivitajiet frodulenti jew kriminali. Dispożizzjonijiet dwar il-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus u dwar il-finanzjament kontra t-terroriżmu ġew inklużi fir-Regolament dwar ir-Reġistru u jispeċifikaw kif l-amministraturi nazzjonali għandhom jikkooperaw ma' awtoritajiet kompetenti rilevanti f'dawn id-dominji, notevolment l-unitajiet tal-intelliġenza finanzjarja u l-korpi inkarigati bl-infurzar tal-liġi. Minħabba l-interessi finanzjarji u r-riskji tas-sigurtà, it-tnejn li huma ta' livell għoli, l-operazzjoni b'suċċess tar-Reġistru teħtieġ strutturi ta' governanza tajba, b'segregazzjoni xierqa tad-dmirijiet tal-IT u tan-negozju fl-organizzazzjoni interna tal-Kummissjoni u biżżejjed riżorsi.

### 31

L-iżvilupp tal-arkitettura ta' sigurtà tar-Reġistru tal-Unjoni ħa inkunsiderazzjoni wkoll inċidenti fil-passat (ara l-paragrafu 13). Il-Qorti sabet li filwaqt li s-sistemi u l-proċessi tar-reġistri ttejbju matul iż-żmien, ċerti nuqqasijiet jibqgħu kif deskritt fit-taqsimiet li ġejjin.

57 Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 920/2010.

## Il-proċeduri għall-ftuħ ta' kontijiet ma kinux robusti biżżejjed

### 32

Wara sensiela ta' inċidenti serji li affettwaw is-sigurtà tas-sistema tar-Reġistri bejn l-2008 u l-2011 (ara l-paragrafu 13 u l-**Kaxxa 2**), is-sigurtà tal-EU ETS issa h'het aktar fl-2011. Ir-regoli għall-ftuħ ta' kontijiet u l-aċċettazzjoni ta' rappreżentanti awtorizzati (jiġifieri l-hekk imsejħa kontrolli tal-KYC<sup>58</sup>) ġew estiżi b'mod sinifikanti. Ir-Regolament dwar ir-Reġistru jstabbilixxi regoli dwar il-ftuħ ta' kontijiet ta' depożitu ta' persuna fir-Reġistru tal-Unjoni u jagħti r-raġunijiet għalfejn l-amministraturi nazzjonali jistgħu jirrifjutaw li jifidu kont għal parteċipanti volontarji, notevolment jekk il-persuna li tkun qed titlob il-ftuħ ta' kont tkun qed tiġi investigata talli tkun involuta fi frodi li tinvolvi kwoti tal-emissjonijiet jew unitajiet ta' Kijoto, ħasil tal-flus, finanzjament tat-terroriżmu jew reati serji oħra li għalihom il-kont seta' kien strument. Barra minn hekk, l-Istati Membri ngħataw il-possibbiltà li jiddefinixxu regoli nazzjonali aktar dettaljati biex jirrifjutaw li jifidu kontijiet fir-Reġistru. Hemm ukoll rekwiżit għall-kondiviżjoni ta' informazzjoni bejn l-Istati Membri dwar rifjuti ta' ftuħ ta' kontijiet.

### 33

Għalkemm iċ-ċentralizzazzjoni tas-Sistema tar-Reġistru ġiet introdotta f'Ġunju 2012, meta r-reġistri nazzjonali tmexxew għar-Reġistru tal-Unjoni l-ġdid immaniġġjat mill-Kummissjoni, il-ġestjoni tal-kontijiet (u l-aċċess ta' individwi u ta' entitajiet legali għal kontijiet ta' negozjar tal-emissjonijiet) għadha r-responsabbiltà unika tal-Istati Membri u tal-amministraturi nazzjonali tagħhom. B'mod simili għas-sitwazzjoni qabel iċ-ċentralizzazzjoni tar-reġistri nazzjonali, l-amministraturi nazzjonali ma għandhomx aċċess għal data minn taqsimiet tar-Reġistru ta' Stati Membri oħra.

### 34

Il-Qorti identifikat ħafna differenzi fil-proċessi, fl-organizzazzjoni interna u fil-kapaċità amministrattiva rigward il-kontrolli tal-KYC u l-prattiki ta' tfassil tal-profilu tar-riskju bejn l-Istati Membri, bi Franza u r-Renju Unit bħala eżempji ta' Stati Membri li jmorru lil hinn mir-rekwiżiti minimi f'dan il-qasam. Dawn l-Istati Membri ddimostraw proċeduri estensivi għall-valutazzjonijiet tar-riskju u għall-iċċekkjar dettaljat tal-isfond.

### 35

Madankollu, minkejja t-tqawwija tal-qafas għall-ftuħ ta' kontijiet mill-2011 'il hawn, il-Qorti sabet li d-dgħufijiet li ġejjin ippersistew fil-biċċa l-kbira mill-Istati Membri li saritilhom żjara:

- it-talbiet għall-ftuħ ta' kontijiet ma kinux qed jiġu rrifjutati<sup>59</sup>, anke meta dan kien ikun jiġi ġġustifikat fuq il-bażi tal-kriterji pprovduti fir-Regolament dwar ir-Reġistru, għar-rifjut ta' ftuħ ta' kont (ara l-paragrafu 32);
- l-informazzjoni dwar applikazzjonijiet suspettużi għall-ftuħ ta' kontijiet ma ġietx kondiviża bejn l-amministraturi nazzjonali u l-Kummissjoni b'mod effettiv (eż. minħabba n-nuqqas ta' bażi legali ma hemm l-ebda lista permanenti madwar l-UE kollha, ta' ftuħ irrifjutat ta' kontijiet, din l-informazzjoni tiġi kondiviża biss temporanjament, u l-applikazzjonijiet li ma ġewx irrifjutati formalment iżda xorta ġew interrotti minħabba suspetti tal-amministratur nazzjonali, ma ġewx kondiviżi ma' Stati Membri oħra bħala ftuħ irrifjutat ta' kontijiet);

58 Kun af lill-klijent tiegħek (KYC) huwa l-proċess użat minn istituzzjonijiet finanzjarji jew entitajiet oħra għat-twertiq ta' diliġenza dovuta tal-klijent, (jiġifieri t-twertiq ta' kontrolli fuq il-klijenti sabiex tiġi vverifikata l-identità tagħhom, l-identità tas-sid benefiċjarju, il-fehim tan-natura tar-relazzjoni tan-negozju, u l-iżgurar li dan il-proċess jiġi mmonitorjat fuq bażi kontinwa). Dan huwa meħtieġ sabiex ikun hemm konformità mad-diliġenza dovuta u l-leġiżlazzjoni regolatorja finanzjarja, bħall-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus (AML) u l-ġlieda kontra l-finanzjament tat-terroriżmu (CFT) ([http://ec.europa.eu/internal\\_market/company/docs/financial-crime/130205\\_impact-assessment\\_en.pdf](http://ec.europa.eu/internal_market/company/docs/financial-crime/130205_impact-assessment_en.pdf)).

59 Matul l-awditu, il-Qorti ġiet infurmata dwar tliet każijiet biss bħal dawn mill-Ġermanja (1) u minn Franza (2), li tnejn minnhom kienu japplikaw għall-Fażi III.

- il-biċċa l-kbira mill-Istati Membri li saritilhom żjara ma użawx l-għażla li jiżviluppaw regoli nazzjonali għall-ftuħ ta' kontijiet;
- il-proċeduri interni għall-ftuħ ta' kontijiet biex jiġi vverifikat li kienu ngābru l-elementi kollha meħtieġa tal-applikazzjonijiet minn detenturi prospettivi ta' kontijiet, f'ħafna każijiet ma kinux dokumentati kif suppost jew kienu suġġetti għal prinċipju ta' erba' għajnejn aħjar minn tnejn (eż. il-Ġermanja, l-Italja, il-Polonja); u
- ir-relazzjonijiet formali tal-Awtoritajiet Kompetenti u tal-amministraturi nazzjonali ma' unitajiet nazzjonali tal-intelligence finanzjarja jew korpi inkarigati bl-infurzar tal-liġi kienu għadhom qed jiġu żviluppati u ma kinux operazzjonali fiż-żmien tal-awditu (notevolment l-Italja u l-Polonja).

## 36

Il-proċeduri għall-ftuħ ta' kontijiet imexxu l-aċċess tas-sistema billi jivvalutaw l-integrità tal-parteċipanti fis-suq. Il-pajjiżi li huma anqas strinġenti fil-kontrolli tagħhom għall-ftuħ ta' kontijiet jistgħu jiġu mmirati minn individwi b'intenzjonijiet kriminali. Madankollu, fir-rigward ta' dawn il-proċeduri, ir-Regolament dwar ir-Reġistru ma jipprovdix lill-Kummissjoni (fir-rwol tagħha bħala amministratur ċentrali) bl-awtorità li tinforza implimentazzjoni koordinata tas-sistemi tal-Istati Membri.

## It-tranżazzjonijiet mhumiex issorveljati u mmonitorjati biżżejjed fil-livell tal-UE

### 37

Avvenimenti kriminali preċedenti (ara l-paragrafu 13 u l-**Kaxxa 2**) fl-EU ETS ikkawżaw ħsara finanzjarja serja għall-Istati Membri u għal xi parteċipanti individwali, u ħolqu riskju sinifikanti għar-reputazzjoni tal-EU ETS u tal-Kummissjoni Ewropea. Dan huwa wkoll rifless fir-riżeva ripetuta mid-DĠ Azzjoni Klimatika fir-Rapporti Annwali tal-Attività tiegħu 2012 u 2013, li ilhom jiġu prodotti minn meta r-Reġistru ġie ċentralizzat fl-2012 (ara wkoll il-paragrafu 41). Anke jekk il-Kummissjoni topera r-Reġistru tal-UE fil-livell ċentrali, hija ma għandha l-ebda bażi legali biex tissorvelja u timmonitorja t-tranżazzjonijiet. Ma hemm l-ebda monitoraġġ, fil-livell tal-UE, għal tranżazzjonijiet potenzjalment suspettużi fir-Reġistru tal-Unjoni (ara wkoll il-paragrafu 23). Din is-sitwazzjoni tista' timmina l-integrità tal-EU ETS.

## Osservazzjonijiet

### 38

L-amministraturi tar-reġistri tal-Istati Membri jridu jinfurmu lill-awtoritajiet nazzjonali inkarigati mill-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus (Unitajiet tal-Intelligence Finanzjarja) dwar suspetti ta' ħasil tal-flus jew attivit kriminali. Il-Qorti tqis li sabiex dan isir b'mod effettiv, proċeduri xierqa għandhom jiġu żviluppati għall-monitoraġġ ta' tranżazzjonijiet potenzjalment suspettużi. Miċ-ċentralizzazzjoni fl-2012, fil-livell tal-Kummissjoni, tar-Reġistru tal-Unjoni 'l hawn, l-Istati Membri ma għadx għandhom aċċess dirett għall-bażijiet tad-*data* tar-reġistri nazzjonali tagħhom. L-Istati Membri għandhom diffikultajiet biex janalizzaw id-*data* tat-tranżazzjonijiet transkonfinali. Xi Stati Membri<sup>60</sup> jikkoooperaw fuq bażi *ad hoc* u jiżviluppaw għodod komuni barra s-sistema tar-Reġistru. Għalkemm il-Kummissjoni timmaniġġja l-bażi tad-*data* ċentralizzata, ma tistax tisfrutta bis-sħiħ id-*data* li għandha għad-dispożizzjoni tagħha minħabba kwistjonijiet ta' protezzjoni tad-*data* u ta' kunfidenzjalit. Il-Qorti tqis li f'din is-sitwazzjoni, li fiha l-Istati Membri u l-Kummissjoni jiffaċċjaw limitazzjonijiet tekniċi u restrizzjonijiet ta' protezzjoni tad-*data*, ir-riskji ta' abbuż li diġ mmaterjalizzaw ma jistgħux jiġu indirizzati bis-sħiħ.

### Problemi ta' koordinazzjoni interna u restrizzjonijiet ta' riżorsi xekklu l-ġestjoni u l-iżvilupp tar-Reġistru tal-Unjoni

### 39

Kif imsemmi fil-paragrafu 30, l-implimentazzjoni effettiva tar-Reġistru teħtieġ valutazzjoni bir-reqqa tal-objettivi u l-prijoritajiet, u allokkazzjoni adegwata ta' riżorsi. Barra minn hekk, arranġamenti adegwati għandhom jiġu stabbiliti għas-segregazzjoni tad-dmirijiet bejn id-dmirijiet tal-IT u tan-negozju fi ħdan is-servizz responsabbli tal-Kummissjoni.

### 40

Matul il-Fażi II tal-EU ETS, il-Qorti nnutat li l-Kummissjoni kienet involuta b'mod attiv f'ħafna attivitajiet importanti (ara l-paragrafu 16), immirati lejn iż-żieda fil-maturit u l-kredibbilt tal-EU ETS.

### 41

Madankollu, il-Qorti tqis li l-istruttura organizzazzjonali u r-riżorsi disponibbli fis-servizzi tal-Kummissjoni ma ffaċilitawx biżżejjed il-ġestjoni u l-iżvilupp tar-Reġistru. Il-Qorti sabet li r-responsabbiltajiet tal-IT u tan-negozju ma ġewx definiti b'mod adegwat u ġew issegregati fis-servizzi tad-DĠ Azzjoni Klimatika, li huwa responsabbli għall-implimentazzjoni tal-EU ETS. Id-deskrizzjonijiet tal-funzjonijiet fit-tim tar-Reġistru tad-DĠ Azzjoni Klimatika kienu ġeneriċi u juru trikkib. Is-Servizz tal-Awditjar Intern tal-Kummissjoni diġ ħareġ rakkomandazzjonijiet tal-awditjar f'dan id-dominju<sup>61</sup>. Għalkemm, fiż-żmien tal-awditu, kien qed jiġi implimentat pjan ta' azzjoni għal dawn ir-rakkomandazzjonijiet, aktar progress huwa huwa meħtieġ, biex tiżdied l-effettivit tal-ġestjoni u l-iżvilupp tar-Reġistru. F'dan il-kuntest, il-Qorti tiġbed ukoll l-attenzjoni għar-riżervi li saru mid-DĠ Azzjoni Klimatika fir-Rapporti Annwali tal-Attivit tiegħu għall-2012 u l-2013 rigward theddidiet tas-sigurt għar-Reġistru tal-Unjoni<sup>62</sup>.

60 Skont il-Kummissjoni, bejn wieħed u ieħor 10 Stati Membri fiż-żmien tal-awditu.

61 Is-sejbiet tal-Qorti huma appoġġati permezz ta' rapport intern tal-Kummissjoni. Għal aktar informazzjoni, ara r-Rapport Annwali tal-Attivit 2013 tad-DĠ Azzjoni Klimatika, il-Kapitolu 2.3 Assessments of audit results and follow-up of audit recommendations (Valutazzjoni tar-riżultati tal-awditjar u segwitu tar-rakkomandazzjonijiet tal-awditjar).

62 Ir-Rapport Annwali tal-Attivit (RAA) 2013 tad-DĠ Azzjoni Klimatika, Sommarju eżekuttiv: "The Reservation on reputational grounds related to remaining significant security weakness identified in the Union Registry for the Emissions Trading System (EU ETS) issued in the AAR 2010, 2011 and 2012 is repeated in the AAR 2013. No reasonable assurance can be provided that the current security measures could successfully prevent a future attack. This security assurance is conditional to lifting the reservation". (Ir-Riżerva bbażata fuq raġunijiet reputazzjonali, krelata ta' mad-dghufija sinifikanti li kien jifdal, ta' sigurt identifikata fir-Registru tal-Unjoni għall-Iskema għan-Negozjar ta' Emissjonijiet (EU ETS) maħruġa fir-RAA 2010, fir-RAA 2011 u fir-RAA 2012 tiġi ripetuta fir-RAA 2013. Ma jista' jiġi pprovdut l-ebda aċċertament raġonevoli ma jista' jiġi previst li l-miżuri attwali ta' sigurt jkunu jistgħu jipprevjenu b'suċċess attakk futur. Dan l-aċċertament ta' sigurt huwa kundizzjonali għat-tneħħija tar-riżerva).

## L-implimentazzjoni tal-EU ETS

### 42

L-implimentazzjoni tal-EU ETS bdiet fl-2005, iżda l-ewwel perjodu reali ta' impenn taħt il-Protokoll ta' Kjoto opera mill-2008 sal-2012 (il-Fażi II tal-EU ETS). L-implimentazzjoni tal-EU ETS mill-Istati Membri għandha tinvolvi l-allokazzjoni ta' kwoti tal-emissjonijiet għall-installazzjonijiet, l-implimentazzjoni tal-PNA u regoli rilevanti mill-Istati Membri, proċeduri ta' monitoraġġ, rappurtar u verifikazzjoni tal-emissjonijiet, inkluż l-akkreditament jew ir-rikonoxximent tal-verifikaturi fejn applikabbli.

### 43

Iċ-ċiklu annwali ta' konformità tal-EU ETS fl-Istati Membri matul il-Fażi II jiġi deskritt fil-**Kaxxa 4**. F'dan il-qafas, l-approvazzjoni ta' pjanijiet ta' monitoraġġ hija kontroll ewlieni billi l-korrettezza tad-*data* u tal-parametri inklużi f'dawn il-pjanijiet hija ta' importanza sinifikanti għar-rappurtar affidabbli tal-emissjonijiet. Id-Direttiva dwar l-EU ETS u l-Linji Gwida dwar il-Monitoraġġ u r-Rappurtar (MRG) maħruġa mill-Kummissjoni għall-Fażi II<sup>63</sup> iddeskrivew il-kontenut ta' permessi għall-emissjonijiet, pjanijiet ta' monitoraġġ, rapporti dwar l-emissjonijiet u, sa ċertu punt, rapporti ta' verifikazzjoni, kif ukoll id-dati ta' skadenza sa meta għandhom jiġu pprovduti. Ma ddefinixxewx liema kontrolli għandhom jiġu applikati lilhom mill-Awtoritajiet Kompetenti. Għall-Fażi III, ġie rivedut il-qafas ta' kontroll, u ġew introdotti responsabbiltajiet addizzjonali għall-verifikazzjoni, u għall-akkreditament tal-verifikaturi<sup>64</sup>.

### 44

Id-Direttiva ddefinixxiet ir-rwol tal-Kummissjoni Ewropea li jinkludi l-valutazzjoni tal-PNA, l-għoti ta' gwida lill-Istati Membri, il-koordinazzjoni ta' skambju ta' informazzjoni bejn l-Awtoritajiet Kompetenti u l-monitoraġġ, sa ċertu punt, tal-implimentazzjoni min-naħa tal-Istati Membri.


### 45

Sabiex jiġi infurzat iċ-ċediment korrett ta' kwoti tal-emissjonijiet, għandhom jiġu stabbiliti reġimi xierqa tas-sanzjonijiet li jkunu effettivi, proporzjonati u dissważivi. Id-Direttiva pprevediet piena ta' "EUR 100" għal kull tunnel-lata ta' CO<sub>2</sub> e f'każijiet fejn operatur ma jkunx ċeda biżżejjed kwoti tal-emissjonijiet biex ikopri l-emissjonijiet tiegħu matul is-sena<sup>65</sup>. L-Istati Membri kienu meħtieġa wkoll jistabbilixxu dispożizzjonijiet nazzjonali dwar il-penali għal tipi oħra ta' ksur tar-regoli tal-EU ETS.

- 63 Fit-18 ta' Lulju 2007, il-Kummissjoni adottat id-Deċiżjoni 2007/589/KE li tistabbilixxi linji ta' gwida dwar il-monitoraġġ u r-rapportaġġ tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra skont id-Direttiva dwar l-EU ETS, li kienu japplikaw u ġew aġġornati matul il-Fażi II (2008-2012) (ĠU L 229, 31.8.2007, p. 1).
- 64 Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 600/2012 tal-21 ta' Ġunju 2012 dwar il-verifika tar-rapporti dwar l-emissjonijiet tal-gassijiet serra u r-rapporti dwar it-tunnelati kilometri u l-akkreditazzjoni tal-verifikaturi skont id-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 181, 12.7.2012, p. 1).
- 65 L-Artikolu 16 tad-Direttiva 2003/87/KE.



**Ħarsa ġenerali globali lejn iċ-ċiklu ta' konformità tal-Fażi II tal-EU ETS**



**Awtorità Kompetenti:** L-Istati Membri jassenjaw lil Awtorità Kompetenti waħda jew aktar (p. eż. reġjonali) li huma responsabbli għall-implimentazzjoni tad-Direttiva dwar l-EU ETS.

**Permess u pjan ta' monitoraġġ:** f'konformità mad-Direttiva dwar l-ETS u l-linji gwida dwar il-monitoraġġ u r-rappurtar maħruġa mill-Kummissjoni, l-Awtorità Kompetenti tadotta l-permessi għall-emissjonijiet ta' GHG għall-installazzjonijiet tal-operaturi li jinkludu pjan ta' monitoraġġ li jiddeskrivi d-dettalji tekniċi tal-installazzjoni u kif l-emissjonijiet se jiġu mmonitorjati (jiġifieri bl-applikazzjoni ta' kalkoli u/jew kejl) u rrapportati.

**Rapport annwali dwar l-emissjonijiet u rapport ta' verifikazzjoni:** fuq il-bażi tal-monitoraġġ imwettaq matul is-sena, l-operaturi jħejju rapport annwali dwar l-emissjonijiet li jiġi vverifikat minn verifikatur indipendenti kkuntrattat minnhom. Il-verifikatur jiċċekkja r-rapport annwali dwar l-emissjonijiet u joħroġ rapport ta' verifikazzjoni li jinkludi opinjoni ta' verifikazzjoni. Dawn id-dokumenti jintbagħtu lill-awtorità kompetenti qabel il-31 ta' Marzu tas-sena ta' wara. Il-verifikatur jistabbilixxi wkoll rapport dettaljat ta' verifikazzjoni interna li jista' jintbagħat lill-operatur u/jew lill-Awtorità Kompetenti.

**Ċediment ta' kwoti tal-emissjonijiet:** fuq il-bażi taċ-ċifri fir-rapporti annwali vverifikati dwar l-emissjonijiet, l-għadd korrett ta' kwoti tal-emissjonijiet jiġi ċedut mill-kont tal-operatur fir-Reġistru qabel it-30 ta' April tas-sena ta' wara.

Sors: Analiżi tal-QEA bbażata fuq qafas leġiżlattiv u gwida dwar il-monitoraġġ u r-rappurtar.

### Is-sistemi tal-Istati Membri għar-reġistrazzjoni u r-rappurtar tal-emissjonijiet matul il-Fażi II tal-EU ETS ma ġewx żviluppati biżżejjed

#### 46

Is-sistemi tal-Istati Membri għar-reġistrazzjoni u r-rappurtar tal-emissjonijiet kienu jinkludu:

- o proċeduri biex jiġi żgurat li l-emissjonijiet tal-installazzjonijiet ġew immonitorjati b'mod korrett;
- o proċeduri biex jiġi żgurat li r-rappurti dwar l-emissjonijiet tal-installazzjonijiet ġew ivverifikati b'mod korrett;

- o proċeduri biex tiġi żgurata l-kwalità tax-xogħol imwettaq mill-verifikaturi;
- o spezzjonijiet mill-awtoritajiet kompetenti fir-rigward tal-installazzjonijiet;
- o rappurtar dwar l-implimentazzjoni tal-EU ETS.

#### 47

Peress li l-EU ETS ġiet stabbilita permezz ta' Direttiva taħt l-intestatura tal-Ambjent tat-Trattat, dan il-qasam ta' politika jibqa' primarjament il-kompetenza tal-Istati Membri. Konsegwentement, dawn jistgħu jimplimentaw l-iskema b'modi differenti, li jintwera fil-**Kaxxa 5**.

#### Kaxxa 5

### Diversità tal-mudelli ta' implimentazzjoni fl-Istati Membri

Fil-Greċja, l-EU ETS tiġi implimentata ċentralment. L-Awtorità Kompetenti għall-EU ETS hija l-Uffiċċju tan-Neqozjar ta' Emissjonijiet tad-Direttorat Ġenerali għall-Ambjent, fi ħdan il-Ministeru tal-Ambjent, l-Enerġija u t-Tibdil fil-Klima. Hija responsabbli għall-biċċa l-kbira mill-elementi taċ-ċiklu annwali ta' konformità u tohrōg il-permessi għall-emissjonijiet, tapprova l-pjanijiet ta' monitoraġġ, tiġbor ir-rapporti annwali vverifikati dwar l-emissjonijiet u tikkomunika ċ-ċifri vverifikati tal-emissjonijiet lill-amministratur tar-reġistru nazzjonali. Hija wkoll responsabbli għall-issettjar ta' penali u sanzjonijiet.

L-Italja tapplika wkoll approċċ ċentralizzat. Kumitat huwa responsabbli għall-implimentazzjoni tal-EU ETS, li hija appoġġata minn Segretarjat Tekniku fil-Ministeru tal-Ambjent f'Ruma. Matul il-Fażi II, il-Kumitat kien responsabbli għall-approvazzjoni ta' permessi tal-EU ETS, pjanijiet ta' monitoraġġ, għaċ-ċiklu ta' rappurtar, u għar-rikonoxximent tal-verifikaturi.

Spanja topera implimentazzjoni, fil-biċċa l-kbira deċentralizzata tal-EU ETS, li fiha l-awtoritajiet rilevanti tal-komunitajiet awtonomi japprovaw permessi u pjanijiet ta' monitoraġġ, u jimmonitorjaw ukoll iċ-ċiklu ta' rappurtar. L-Awtorità Kompetenti ċentrali taħt il-Ministeru tal-Ambjent hija responsabbli għall-koordinazzjoni kumplessiva tal-implimentazzjoni tal-EU ETS fi Spanja u tiffaċilita l-armonizzazzjoni billi tohrōg linji gwida u torganizza kumitat ta' koordinament iddedikat.

Fil-Ġermanja, fi Franza u fil-Polonja l-awtoritajiet reġjonali u/jew lokali kienu normalment involuti fil-ħruġ ta' permessi għall-emissjonijiet u fl-approvazzjoni u l-kontroll ta' pjanijiet ta' monitoraġġ, filwaqt li l-Awtorità Kompetenti nazzjonali ġeneralment kellha rwol ewlieni fil-katina ta' rappurtar tal-emissjonijiet u fil-koordinament tal-implimentazzjoni kumplessiva tal-EU ETS.

### Kien hemm dgħufijiet u tidwim fil-proċeduri għall-approvazzjoni ta' pjanijiet ta' monitoraġġ

#### 48

L-approvazzjoni ta' pjanijiet ta' monitoraġġ tal-installazzjonijiet hija ta' importanza ewlenija għall-ħruġ ta' permessi għall-emissjonijiet lill-installazzjonijiet, u biex ikun jista' jsir ir-rappurtar affidabbli futur tal-emissjonijiet.

#### 49

Il-Qorti sabet li l-proċeduri għall-approvazzjoni ta' pjanijiet ta' monitoraġġ kienu dgħajfa fil-biċċa l-kbira mill-Istati Membri awditjati, kif jintwera fil-**Kaxxa 6**.

#### Kaxxa 6

### Dgħufijiet fil-proċeduri għall-approvazzjoni ta' pjanijiet ta' monitoraġġ

Fi Franza, ma hemm l-ebda metodoloġija armonizzata fuq livell nazzjonali għall-analiżi, il-kontroll u l-approvazzjoni tal-pjanijiet ta' monitoraġġ. Anki fi ħdan l-istess reġjun l-approċi jistgħu jvarjaw skont il-kontrollur (spettur ambjentali). Fil-Polonja, l-awditu sab li l-kontrolli mwettqa mill-awtoritajiet lokali fuq il-pjanijiet ta' monitoraġġ huma limitati għal analiżi dokumentarja ta' elementi bażiċi tal-pjanijiet. Ma jitwettaq l-ebda kontrolli ulterjuri aktar dettaljat fuq l-installazzjonijiet biex tiġi vverifikata l-affidabbiltà tad-*data* ppreżentata u biex jiġi żgurat li l-pjanijiet ta' monitoraġġ jirriflettu b'mod preċiż is-sitwazzjoni tal-installazzjoni.

Fil-Ġermanja, il-Qorti sabet li matul il-Fażi II tal-EU ETS, kien hemm differenzi bejn il-*Bundesländer* fil-mod kif ġew applikati r-regoli għad-definizzjoni ta' installazzjoni. Fil-prattika, ċertu sit tal-installazzjoni f'*Bundesland* partikolari seta' jirċievi permess uniku wieħed għas-sit kollu inklużi l-faċilitajiet kollha tiegħu, filwaqt li f'*Bundesländer* oħra s-sit seta' jinqasam f'bosta installazzjonijiet b'permessi separati. Id-daqs ta' installazzjoni, definit fil-permess, seta' kellu impatt fuq jekk l-installazzjoni laħqitx il-livell limitu għall-parteċipazzjoni fl-EU ETS jew le. Barra minn hekk, matul l-ewwel nofs tal-Fażi II, il-*Bundesländer* ħadu approċi differenti għall-approvazzjoni ta' pjanijiet ta' monitoraġġ (jew "kunċetti", kif issejġħu fil-Ġermanja), b'xi wħud minnhom li approvaw il-pjan ta' monitoraġġ kollu kemm hu mill-bidu tal-Fażi II 'il quddiem u oħrajn li approvaw biss devjazzjonijiet mil-linji gwida ta' monitoraġġ. Aktar tard, deċiżjoni tal-Qorti<sup>66</sup> ordnat armonizzazzjoni ta' prattiki ta' approvazzjoni u rrikonoxxiet li l-approvazzjoni ta' pjan komprensiv ta' monitoraġġ mill-awtoritajiet rilevanti għall-Fażi II kollha kemm hi kienet importanti għaliex naqqset ir-riskju ta' rappurtar żbaljat tal-emissjonijiet.

Fi Spanja, fl-Italja u fil-Greċja, kien hemm tidwim sa sentejn fil-ħolqien u fl-approvazzjoni ta' pjanijiet ta' monitoraġġ għall-Fażi II, wara l-adozzjoni tal-MRG tal-Fażi II f'Lulju 2007. Skont l-Awtoritajiet Kompetenti, l-oqfsa ta' żmien kienu qosra wisq biex ir-regoli l-ġodda jiġu trasposti fil-linji gwida nazzjonali u biex il-pjan ta' monitoraġġ il-ġdid jiġi inkorporat fil-permess għall-emissjonijiet qabel il-bidu tal-perjodu tar-rappurtar. F'xi każijiet, il-pjanijiet ta' monitoraġġ ma ġewx formalment approvati qabel l-2010.

66 Bundesverwaltungsgericht 7 C 10.09 tat-18.2.2010.

### Ir-rappurtar tas-sejbiet mill-verifikaturi ma kienx ċar biżżejjed u s-segwitu mill-Awtoritajiet Kompetenti kien limitat

#### 50

Id-Direttiva dwar l-EU ETS tal-UE tagħti lill-Istati Membri r-responsabbiltà ġenerali li jiżguraw li l-emissjonijiet jiġu mmonitorjati fil-livell tal-installazzjoni u vverifikati skont ir-regoli stipulati fid-Direttiva dwar l-EU ETS u l-linji gwida pprovduti mill-Kummissjoni<sup>67</sup>. Il-passi prinċipali relatati mal-monitoraġġ, mar-rappurtar u mal-verifikazzjoni fiċ-ċiklu annwali ta' konformità tal-EU ETS jintwerew fil-**Kaxxa 4** hawn fuq u kienu bbażati, fil-Fażi II, fuq dawn il-linji gwida u l-prinċipji. F'dan il-kuntest, il-kontrolli ta' rapporti annwali vverifikati dwar l-emissjonijiet riċevuti mingħand l-operaturi huma element ċentrali tal-qafas ta' kontroll fil-livell tal-Awtorità Kompetenti. Fuq il-bażi tal-eżaminar tagħha tad-dokumentazzjoni relatata ma' 150 installazzjoni madwar 7 Stati Membri magħżula, il-Qorti identifikat ħafna differenzi fl-approċċi għall-organizzazzjoni ta' kontrolli bħal dawn u fil-livell tal-effettività tagħhom.

#### 51

Matul il-Fażi II tal-EU ETS, ma kien hemm l-ebda mudell standard li jiddefinixxi l-kontenut obligatorju ta' rapport ta' verifikazzjoni. Fl-assenza ta' mudell bħal dan jew ta' gwida aktar speċifika dwar in-natura u l-kontenut ta' rapport bħal dan, ġew żviluppati ħafna formats u approċċi differenti, ħaġa li mhux dejjem ippermettiet ħarsa ġenerali ċara lejn is-sejbiet u l-konklużjonijiet tal-verifikazzjoni.

#### 52

Il-Qorti sabet li l-evidenza disponibbli fl-Awtorità Kompetenti dwar il-prestazzjoni korretta tal-verifikazzjoni, kultant, ma kinitx biżżejjed jew ma kinitx ċara<sup>68</sup>. Pereżempju, kien hemm deskrizzjonijiet limitati ta' ċerti sejbiet tal-verifikazzjoni, u nuqqas ta' segwitu tas-sejbiet tas-sena preċedenti jew tar-riżultati minn azzjonijiet korrettivi. Fil-biċċa l-kbira mill-Istati Membri magħżula ma setgħetx tinkiseb evidenza ta' azzjonijiet, mill-Awtoritajiet Kompetenti, li ġew stimulati minn rappurtar ripetut tas-sejbiet. Pereżempju, sejbiet ripetuti bħal dawn kienu relatati man-nuqqas ta' applikazzjoni tad-dettall meħtieġ fil-kalkoli tal-emissjonijiet, in-nuqqas ta' kalibrar tal-apparat tal-kejl jew tal-piż fl-intervalli meħtieġa jew in-nuqqas ta' użu minn laboratorju bl-akkreditazzjoni korretta. Il-Qorti sabet każijiet fil-biċċa l-kbira mill-Istati Membri fejn is-sejbiet tal-verifikaturi ġew ripetuti minn sena għal sena, mingħajr informazzjoni adegwata dwar ir-raġunijiet, l-isfond jew is-segwitu. Madankollu, il-Qorti identifikat ukoll ħafna każijiet fil-biċċa l-kbira mill-Istati Membri fejn il-verifikaturi ma rrapportaw assolutament l-ebda sejba, minkejja l-kumplessità u d-daqs tal-installazzjonijiet individwali jew il-livell relattivament baxx tal-esperjenza fil-monitoraġġ u r-rappurtar tal-emissjonijiet taħt l-EU ETS. Il-**Kaxxa 7** tipprovi aktar dettall dwar dawn is-sejbiet.

67 Id-Deċizzjoni 2007/589/KE.

68 Il-Qorti sabet ukoll li l-ebda wieħed mill-Istati Membri magħżula ma uża l-possibbiltà – ipprovduta mil-linji gwida – għall-Awtoritajiet Kompetenti biex jevalwaw ix-xogħol tal-verifikaturi billi jitolbu u janalizzaw ir-rapporti ta' verifikazzjoni interna tagħhom. Dan jiġi spjegat aktar fil-paragrafi 53 sa 57.

**Eżempji ta' nuqqas ta' konsistenza fir-rappurtar tas-sejbiet tal-verifikazzjoni**

Il-Ġermanja tapplika sistema elettronika standardizzata u awtomatizzata ħafna għall-preżentazzjoni ta' rapporti annwali vverifikati dwar l-emissjonijiet. Dan ipprova stampa ċara tar-riżultati tax-xogħol tal-verifikazzjoni u l-opinjoni reali tal-verifikatur dwar iċ-ċifri tal-emissjonijiet, iżda ma pprovdix informazzjoni dettaljata dwar il-metodoloġija użata u x-xogħol imwettaq mill-verifikaturi. Barra minn hekk, il-formoli ma kellhomx spazji speċifiċi għat-test fit-taqsimi tal-verifikaturi li kienu jeħtieġu li l-verifikaturi jlenkaw rakkomandazzjonijiet għal titjib jew jipprovdu segwitu speċifiku tas-sejbiet u l-kummenti mis-sena preċedenti.

Fi Franza, l-Awtorità Kompetenti rċeviet dikjarazzjoni ta' aċċertament raġjonevoli dwar ir-rapport annwali dwar l-emissjonijiet mingħand il-verifikaturi. F'dawn id-dikjarazzjonijiet, il-verifikaturi jagħmlu nota dwar il-kummenti u l-problemi tagħhom fir-rigward tan-nuqqas ta' konformità. Madankollu, l-awditu sab li xi verifikaturi qatt ma rrappurtaw l-ebda problema fid-dikjarazzjonijiet tagħhom anke jekk ir-rapporti ta' verifikazzjoni interna tagħhom kien fihom sejbiet, u li l-kontenut tad-dikjarazzjoni ta' aċċertament kien ivarja bejn il-verifikaturi.

Il-leġiżlazzjoni nazzjonali Taljana tippredvi l-użu ta' mudelli speċifiċi ta' rappurtar mill-verifikaturi. Għalhekk, jintlaħaq livell għoli ta' standardizzazzjoni f'din il-katina ta' rappurtar. Madankollu, il-Qorti nnutat li fil-biċċa l-kbira mill-każijiet il-verifikaturi ma rrappurtaw l-ebda sejbja. Dan ikkuntrasta mal-eżempju tar-Renju Unit, fejn fil-biċċa l-kbira mill-każijiet il-verifikaturi rrappurtaw sejbiet.

F'każ wieħed fl-Italja, verifikatur irrapporta ħafna sejbiet għall-ewwel tliet snin. Id-dokumentazzjoni ma wrietx kif u jekk il-problemi kollha ġewx solvuti jew jekk l-Awtorità Kompetenti kinitx intervjeniet. Madankollu, għas-sena ta' rappurtar 2011 l-operatur ikkuntratta verifikatur ġdid li ma rrapporta l-ebda sejbja għal dik is-sena.

Fil-Polonja, l-Awtorità Kompetenti tuża bażi tad-*data* elettronika biex twettaq kontroverifiki tal-emissjonijiet irrappurtati, iżda ma twettaqx segwitu tas-sejbiet, jekk ikun hemm, irrappurtati fid-dikjarazzjonijiet tal-opinjoni tal-verifikaturi.

## Il-kwalità tax-xogħol imwettaq mill-verifikaturi ma kinitx ikkontrollata biżżejjed

### 53

Id-Direttiva dwar l-EU ETS u l-linji gwida assoċjati għall-monitoraġġ u r-rappurtar fil-Fażi II ma introduċietx rekwiżiti definiti għall-akkreditament ta' verifikaturi indipendenti jew għall-kontroll tal-kwalità fuq ix-xogħol imwettaq mill-verifikaturi. Id-Direttiva speċifikat ir-rekwiżiti mkinimi ta' kompetenza għall-verifikaturi, u l-MRG inkludew definizzjonijiet ta' "verifikatur" u "akkreditament" u talbu lill-Istati Membri jqisu l-gwida rispettiva maħruġa mill-Kooperazzjoni Ewropea għall-Akkreditament (EA)<sup>69</sup>. L-MRG ipprovdew ukoll il-possibbiltà għall-Awtoritajiet Kompetenti u l-korpi ta' akkreditament li jevalwaw ir-rapport ta' verifikazzjoni interna tal-verifikaturi<sup>70</sup>. L-Istati Membri kellhom diskrezzjoni sinifikanti f'dawn l-oqsma, ħaġa li ma kinitx twassal għall-implimentazzjoni effettiva tal-linji gwida. Għalhekk, l-operaturi ma ffaċċjawx l-istess rekwiżiti madwar l-UE kollha, u tnaqqas l-aċċertament miksub minn attivitajiet ta' verifikazzjoni.

### 54

L-Istati Membri kollha magħżula għall-awditu operaw xi forma ta' akkreditament jew rikonoxximent tal-verifikaturi għall-iskop li joħolqu pulita' verifikaturi approvati setgħu jiġu kkuntrattati mill-operaturi. Fl-Italja, ir-rikonoxximent tal-verifikaturi twettaq mill-Awtorità Kompetenti nazzjonali. Din stabbilixxiet lista ta' 23 verifikatur rikonoxxut għall-EU ETS fl-Italja, iżda ma wettqitx valutazzjonijiet perjodiċi tal-kwalità jew sorveljanza fuq ix-xogħolhom. Dan il-mudell ma jitkompliex fil-Fażi III. Fi Stati Membri oħra awditjati, l-akkreditament jew ir-rikonoxximent inħareġ minn korp eżistenti ta' akkreditament jew ta' rikonoxximent.

### 55

Il-Qorti sabet li l-Awtoritajiet Kompetenti fl-Istati Membri magħżula serrħu bil-kbir fuq ix-xogħol imwettaq mill-verifikaturi biex jinkiseb aċċertament rigward ir-rapporti annwali dwar l-emissjonijiet. Madankollu, l-ebda waħda mill-Awtoritajiet Kompetenti tal-Istati Membri ma wettqet kontrolli speċifiċi tal-kwalità u s-sustanza tar-rapporti ta' verifikazzjoni u d-dokumenti assoċjati, billi qiesu li din hija r-responsabbiltà tal-korpi ta' akkreditament. Bl-istess mod, l-ebda wieħed mill-Istati Membri magħżula ma uża l-possibbiltà pprovduta mil-linji gwida li jitlob rapporti ta' verifikazzjoni interna<sup>71</sup> tal-verifikaturi u juża dawn biex jevalwa xogħolhom.

### 56

Barra minn hekk, fi tlieta (il-Ġermanja, il-Polonja, ir-Renju Unit) minn ħames Stati Membri li saritilhom żjara, fejn il-verifikaturi ġew akkreditati minn korp indipendenti, kien hemm nuqqas ta' koordinazzjoni jew ta' skambji regolari ta' informazzjoni bejn l-Awtoritajiet Kompetenti u l-korpi ta' akkreditament li tikkonċerna l-kompletezza u l-kwalità tar-rapporti ta' verifikazzjoni u l-aċċertament li setgħu jiġu dderivati minnhom. Il-Qorti tinnotta li l-Awtoritajiet Kompetenti biss kellhom aċċess dirett u sħiħ għal rapporti annwali vverifikati dwar l-emissjonijiet, ippreżentati lilhom. Il-Qorti tqis li s-sejbiet ippreżentati hawn fuq kienu parzjalment minħabba n-nuqqas ta' dispożizzjonijiet dwar l-attivitajiet ta' akkreditament u ta' kontroll (tal-kwalità) fil-qafas tal-EU ETS u n-nuqqas ta' obbligu għall-Awtoritajiet Kompetenti biex jinvolvu ruħhom fl-analizzjiet tax-xogħol li sar mill-verifikaturi matul il-Fażi II tal-EU ETS.

69 Il-Kooperazzjoni Ewropea għall-Akkreditament jew l-EA hija assoċjazzjoni ta' korpi nazzjonali ta' akkreditament fl-Ewropa li huma uffiċjalment rikonoxxuti mill-Gvernijiet nazzjonali tagħhom biex jivvalutaw u jivverifikaw—bi tqabbili ma' standards internazzjonali—organizzazzjonijiet li jwettqu servizzi ta' evalwazzjoni bħaċ-ċertifikazzjoni, il-verifikazzjoni, l-ispezzjoni, l-ittestjar u l-kalibrar (magħrufa wkoll bħala servizzi ta' valutazzjoni tal-konformità) (<http://www.european-accreditation.org/about-us>).

70 Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2007/589/KE, it-Taqsima 10.4.2(d), ara wkoll il-**Kaxxa 4**.

71 Ara l-**Kaxxa 4** għal aktar informazzjoni ta' sfond.

## Osservazzjonijiet

### 57

Barra minn hekk, ma kien hemm l-ebda politika ta' rotazzjoni fis-seħħ fl-ebda wieħed mill-Istati Membri biex tqawwi l-indipendenza u l-imparzjalità tal-verifikaturi. Fi Franza u fil-Polonja, il-Qorti identifikat każijiet li fihom il-verifikaturi mhux biss kienu involuti fil-verifikazzjoni tar-rapporti dwar l-emissjonijiet, iżda wkoll fl-iżvilupp tal-pjan ta' monitoraġġ għall-istess installazzjoni jew f'attivitajiet oħra relatati (bħal spezzjonijiet tal-installazzjonijiet għall-Awtorità Kompetenti) li jkunu jistgħu jwasslu għal kunflitt ta' interess.

### L-ispezzjonijiet fuq il-post tal-installazzjonijiet kienu limitati ħafna

### 58

Id-Direttiva dwar l-EU ETS u l-MRG ma jiddefinixxux liema kontrolli għandhom jitwettqu fuq l-installazzjonijiet mill-Awtoritajiet Kompetenti. B'mod partikolari, ma kien hemm l-ebda rekwiżit għal spezzjonijiet fuq il-post tal-installazzjonijiet mill-Awtoritajiet Kompetenti sabiex tiġi vvalutata l-implimentazzjoni tal-pjan ta' monitoraġġ jew l-affidabbiltà ta' rapporti vverifikati dwar l-emissjonijiet.

### 59

Bl-eċċezzjoni tar-Renju Unit il-Qorti sabet, fl-Istati Membri li saritilhom żjara li l-Awtoritajiet Kompetenti ma wettqux żjarat fuq il-post fil-kuntest tal-EU ETS. Tipi oħra ta' żjarat lill-installazzjonijiet spiss twettqu minn korpi governattivi, pereżempju fil-kuntest li jippermetti l-IPPC<sup>72</sup> jew il-leġiżlazzjoni ambjentali u dwar l-iskart, li kienu meqjusa bħala ta' prijorità oġġla (eż. il-Ġermanja, Franza u l-Polonja) iżda li ma indirizzawx speċifikament il-kwistjonijiet tal-EU ETS. Fil-Ġermanja u fi Spanja, il-Qorti identifikat xi każijiet fejn l-Awtoritajiet Kompetenti reġjonali li akkumpanjaw lill-verifikaturi fil-post fuq bażi *ad hoc*.

### 60

L-ebda statistika ċentralizzata tal-ispezzjonijiet tal-EU ETS tal-UE ma setgħet tinkiseb fl-ebda wieħed mill-Istati Membri magħżula, ħlief fir-Renju Unit, fejn l-għadd ta' żjarat gradwalment naqas<sup>73</sup> lejn tmiem il-Fażi II.

### Kien hemm nuqqasijiet fir-rappurtar dwar l-implimentazzjoni tal-EU ETS mill-Istati Membri

### 61

L-Istati Membri għandhom obbligu ta' rappurtar annwali taħt l-Artikolu 21 tad-Direttiva dwar l-EU ETS. Ir-rapporti annwali tagħhom dwar aspetti importanti tal-applikazzjoni tad-Direttiva għandhom jiġi ppreżentati lill-Kummissjoni. Barra minn dan ir-rappurtar annwali obbligatorju, il-Qorti tqis li l-Istati Membri għandhom jinfurmaw lill-pubbliku inġenerali dwar l-implimentazzjoni nazzjonali tal-EU ETS u r-riżultati tagħha.

### 62

Il-Qorti sabet li l-Italja ma pproduċietx u ma ppreżentatx lill-Kummissjoni r-rapporti meħtieġa taħt l-Artikolu 21 għall-2010, l-2011 u l-2012 u li Franza pproduċiet biss ir-rapport għall-2012 wara li l-Qorti talbitu.

- 72 Il-Prevenzjoni u Kontroll Integrati tat-Tniġġis (sal-2013), ibbażata fuq id-Direttiva 2008/1/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Jannar 2008 dwar il-prevenzjoni u l-kontroll integrati tat-tniġġis (ĠU L 24, 29.1.2008, p. 8), sostitwita bid-Direttiva 2010/75/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 dwar l-emissjonijiet industrijali (ĠU L 334, 17.12.2010, p. 17).
- 73 Fir-Renju Unit, ir-rata perċentwali ta' spezzjonijiet tal-installazzjonijiet naqset minn bejn wieħed u ieħor 5 % fil-bidu tal-Fażi II fl-2008, għal bejn wieħed u ieħor 1 % fi tmiem il-Fażi II fl-2012.

## Osservazzjonijiet

### 63

Fir-rigward ta' tipi oħra ta' rappur-  
tar biex il-pubbliku jkun infurmat  
dwar l-implimentazzjoni nazzjonali  
tal-EU ETS, il-Ġermanja u Spanja  
pproduċew rapporti annwali estenisivi  
dwar l-EU ETS, inklużi analiżijiet tax-xe-  
rriet u tas-settur dwar l-emissjonijiet  
u ċ-ċifri tal-konformità. Madankollu,  
il-Greċja, Franza u l-Italja pprovdew  
ftit li xejn rappurta pubbliku speċifiku  
dwar l-implimentazzjoni nazzjonali  
u r-risultati tal-EU ETS. Ir-Renju Unit  
pproduċa rapport nazzjonali annwali  
dwar l-EU ETS sal-2010 biss.

### Kien hemm lakuni fil-gwida u l-monitoraġġ mill-Kummissjoni, tal-implimentazzjoni min-naħa tal-Istati Membri matul il-Fażi II tal-EU ETS

### 64

Għal Fażi II, ir-responsabbiltajiet  
tal-Kummissjoni<sup>74</sup> kienu jinkludu  
valutazzjoni tar-regoli ta' alloka-  
zzjoni tal-Istati Membri stabbiliti  
fil-PNA, l-għoti ta' gwida lill-Istati  
Membri u monitoraġġ tal-impli-  
mentazzjoni tal-politika. Dawn  
il-kompiti għall-Kummissjoni huma  
prinċipalment intenzjonati biex  
jiżguraw li l-EU ETS tiffunzjona kor-  
rettement bħala sistema madwar  
l-Ewropa kollha, id-distorsjoni tal-kom-  
petizzjoni tiġi evitata, u kwistjonijiet  
oħra ta' nuqqas ta' armonizzazzjoni  
ma jkollhomx impatt negattiv fuq  
il-funzjonament effettiv tal-EU ETS  
bħala għodda bbażata fuq is-suq biex  
jinkiseb it-tnaqqis tal-emissjonijiet  
bl-aktar mod kosteffettiv. Il-kunfiden-  
za tal-partijiet interessati fil-fun-  
zjonament xieraq tal-EU ETS tkun  
appoġġata permezz ta' divulgazzjoni  
regolari ta' informazzjoni dettaljata  
u rilevanti dwar l-implimentazzjoni  
l-funzjonament kumplessivi tas-siste-  
ma, speċjalment meta tiġi implimen-  
tata b'mod deċentralizzat.

### Il-valutazzjoni tal-Kummissjoni tal-Fażi II tal-PNA kienet nieqsa mit-trasparenza

### 65

Għall-Fażijiet I u II tal-EU ETS, l-Istati  
Membri żviluppaw Pjanijiet Naz-  
zjonali ta' Allokazzjoni li ddikjaraw  
il-kwantità totali ta' kwoti tal-emiss-  
jonijiet li huma kellhom l-intenzjoni  
jallokaw lill-operaturi. Il-Kummissjoni  
żviluppat gwida speċifika għal dan<sup>75</sup>.  
Il-gwida kienet tinkludi deskrizzjonijiet  
tal-kriterji prinċipali li jmxexx xejriet  
tal-emissjonijiet, bħat-**tkabbir tal-PDG**  
u l-intensità tal-karbonju, u modi  
kif għandu jiġi vvalutat il-potenzjal  
tal-Istati Membri għat-tnaqqis. Ibbażat  
fuq il-potenzjali għat-tnaqqis u l-emis-  
sjonijiet ta' sena bażi xierqa, limitu  
indikattiv seta' jiġi kkalkolat.

### 66

Wara li kienet approvat l-ewwel lott  
ta' 10 PNA tal-Fażi II, il-Kummissjoni  
ħarġet komunikazzjoni<sup>76</sup> fl-2006, li  
fiha spjegat li użat il-metodoloġija  
ppreżentata fix-Xejriet Ewropej  
tal-Enerġija u t-Trasport sal-2030 —  
aġġornament 2005<sup>77</sup> bħala l-bażi  
għaċ-ċifri dwar l-intensità tal-karbonju  
u dwar it-**tkabbir ekonomiku meħtieġa**  
għall-kalkolu tal-limiti tal-emissjonijiet.  
Ir-risultati ta' dan ir-rapport ġew id-  
derivati permezz tal-mudell PRIMES<sup>78</sup>,  
żviluppat mill-Università ta' Ateni.  
Madankollu, dan il-metodu ta' val-  
utazzjoni ma ġiex ikkomunikat minn  
qabel (jiġifieri fil-linji gwida dwar  
il-PNA) lill-Istati Membri.

- 74 L-Artikoli 9, 14, 19, 20, 21 u 30  
tad-Direttiva dwar l-EU ETS.
- 75 COM(2005) 703 finali  
tal-22 ta' Diċembru 2005.
- 76 KUMM(2006) 725 finali  
tad-29.11.2006.
- 77 Imħejji mis-servizz  
tad-DG Trasport u Enerġija  
tal-Kummissjoni, ibbażat fuq  
il-mudell PRIMES.
- 78 Xejriet Ewropej tal-Enerġija  
u t-Trasport sal-2030 –  
aġġornament 2005, imħejji  
mill-Istitut tal-Komunikazzjoni  
u s-Sistemi tal-Kompjuter  
tal-Università Teknika  
Nazzjonali ta' Ateni  
(ICCS-NTUA), il-Greċja  
għall-Kummissjoni. Il-mudell  
PRIMES huwa mudell bi skop  
ġenerali; huwa kkonċepit għal  
projezzjonijiet għall-futur, bini  
ta' xenarji u analiżi tal-impatt  
tal-politika. Il-mudell iqis  
it-teknoloġiji għad-domanda  
u l-forniment tal-enerġija  
u t-teknoloġiji għat-tnaqqis  
tat-tniġġis. Is-sistema tirrifletti  
kunsiderazzjonijiet dwar  
l-ekonomija tas-suq,  
l-istruttura tal-industrija,  
il-politiki u r-regolazzjoni dwar  
l-enerġija/ambjentali, li huma  
kkonċepiti sabiex  
jinfluwenzaw l-impjega  
tal-aġenti tas-sistema  
tal-enerġija, fis-suq ([https://  
ec.europa.eu/energy/sites/  
ener/files/documents/  
trends\\_to\\_2030\\_  
update\\_2005.pdf](https://ec.europa.eu/energy/sites/ener/files/documents/trends_to_2030_update_2005.pdf)).



**67**

Il-Qorti sabet li l-Kummissjoni ma kinitx trasparenti fid-deċiżjoni li tuża l-mudell PRIMES bħala bażi għall-kalkolu tal-limiti tal-Fażi II u l-2005 bħala s-sena bażi għal dawn il-kalkoli, peress li l-Istati Membri kienu ppjanaw li jiżviluppaw il-PNA tagħhom fuq il-bażi tal-gwida tal-PNA mingħajr ma jissema xejn il-mudell PRIMES. Dan wassal għal ineffiċjenzi sinifikanti għall-Istati Membri peress li kellhom jabbozzaw il-PNA tagħhom mill-ġdid bl-użu ta' kriterji ġodda, u għal nuqqas ta' trasparenza fit-tnejn u l-valutazzjoni tal-PNA tal-Fażi II.

**68**

Barra minn hekk, sabiex teżamina jekk il-PNA tal-Fażi II kinix ġew ivvalutati b'mod konsistenti, ġust, u ugwalment dettaljat, il-Qorti talbet lill-Kummissjoni ttiprovdi d-dokumenti interni u d-dokumenti ta' ħidma tagħha relatati mal-valutazzjoni tal-PNA tal-Fażi II.

**69**

Peress li l-perjodu taż-żamma ta' dawn id-dokumenti kien skada, is-servizzi tal-Kummissjoni setgħu biss jipprovdu l-mudell għal-listi ta' kontroll li kienu jużaw, u l-listi ta' kontroll ikkompletati għal żewġ Stati Membri. Huma ma setgħux jipprovdu listi ta' kontroll ikkompletati għall-Istati Membri l-oħra. Fl-assenza ta' dokumentazzjoni disponibbli, il-Qorti ma setgħetx tikkonkludi li x-xogħol li sar mill-Kummissjoni biex jiġu vvalutati l-PNA kien dettaljat u komplet ugwalment għall-Istati Membri kollha magħżula.

## **Il-Kummissjoni ma ppubblikatx ir-rapporti annwali ta' implimentazzjoni meħtieġa taħt id-Direttiva dwar l-EU ETS**

**70**

L-Artikolu 21 tad-Direttiva dwar l-EU ETS jeħtieġ li l-Istati Membri jippreżentaw rapport annwali lill-Kummissjoni dwar l-applikazzjoni tad-Direttiva (ara wkoll il-paragrafi 61 u 62). Fuq il-bażi tar-rapporti ppreżentati kull sena mill-Istati Membri, il-Kummissjoni għandha tippubblika rapport annwali konsolidat dwar l-implimentazzjoni tad-Direttiva dwar l-EU ETS fi ħdan tliet xhur minn meta tirċievi r-rapporti mill-Istati Membri. Sabiex tkun tista' tippubblika rapport bħal dan, il-Kummissjoni għandha timmonitorja l-preżentazzjoni f'waqtha tar-rapporti tal-Istati Membri li jservu bħala input għar-rapport konsolidat, u għandha tiżviluppa metodi biex tikkonsolida u tisfrutta l-informazzjoni riċevuta f'dawk ir-rapporti.

**71**

Il-Qorti nnutat li l-Kummissjoni ma ppubblikatx dan ir-rapport annwali ta' implimentazzjoni matul il-Fażi II tal-EU ETS. Dan ifisser li matul il-Fażi II, l-ebda informazzjoni komprensiva ma saret disponibbli mill-Kummissjoni dwar l-istat ta' implimentazzjoni tal-EU ETS fmadwar l-Istati Membri kollha.

### 72

Barra minn hekk, il-Qorti sabet li s-servizzi tal-Kummissjoni ma mmonitorjawx b'mod adegwat il-preżentazzjoni f'waqtha u kompleta tar-rapporti annwali ta' implimentazzjoni mill-Istati Membri, u lanqas ma żammew rekord konsolidat tal-informazzjoni riċevuta. Il-Kummissjoni ma sfruttatx b'mod sistematiku dan is-sors ta' informazzjoni dwar l-implimentazzjoni tal-EU ETS.

### **Il-monitoraġġ mill-Kummissjoni tal-implimentazzjoni tal-EU ETS min-naħa l-Istati Membri kien limitat**

### 73

Implimentazzjoni armonizzata mill-Istati Membri tal-iskema għan-negozjar ta' emissjonijiet hija importanti ħafna sabiex jiġu sfruttati aħjar il-benefiċċji tan-negozjar ta' emissjonijiet u biex jiġu evitati d-distorzjonijiet fis-suq intern<sup>79</sup>. L-EU ETS hija ffinanzjata u implimentata, fil-biċċa l-kbira, mill-Istati Membri li jaġixxu taħt id-diskrezzjoni pprovdata bid-Direttiva, u l-Qorti tirrikonoxxi l-għodod limitati tal-Kummissjoni għall-infurzar tal-armonizzazzjoni. Minkejja dan, għall-Fażi II tal-EU ETS, id-Direttiva kienet tinkludi għadd ta' responsabbiltajiet speċifiċi ta' gwida, monitoraġġ u implimentazzjoni għall-Kummissjoni. Sabiex tkun taf f'liema oqsma tinħtieġ aktar armonizzazzjoni, il-Kummissjoni għandha timmonitorja b'mod adegwat l-implimentazzjoni mill-Istati Membri.

### 74

Il-Qorti sabet li f'oqsma fejn il-Kummissjoni fittxet b'mod attiv l-armonizzazzjoni, pereżempju permezz tal-adozzjoni ta' linji gwida<sup>80</sup>, ir-riżultati nkisbu sa ċertu punt. Pereżempju, kull meta l-Kummissjoni ma adottatx linji gwida dettaljati, aspetti ewlenin tal-implimentazzjoni ma ġewx armonizzati; pereżempju, il-ftuħ ta' kontijiet (ara l-paragrafi 32 sa 36), l-analiżi tat-tranżazzjonijiet (ara l-paragrafi 37 sa 38), il-verifikazzjoni u l-akkreditament (ara l-paragrafi 50 sa 57), l-oqfsa ta' kontroll u r-reġimi tas-sanzjonar (ara l-paragrafi 80 sa 85).

### 75

Konsegwenza tal-varjetà ta' approċċi għall-implimentazzjoni segwiti mill-Istati Membri hija li l-operaturi u parteċipanti oħra fis-suq fi Stati Membri differenti jistgħu jkunu qed jaffaċċjaw rekwiżiti u regoli differenti (pereżempju, li jikkonċernaw l-istatus legali ta' kwoti tal-emissjonijiet; l-applikazzjoni ta' sanzjonijiet; u r-reġim tal-monitoraġġ u l-verifikazzjoni), barra minn dawk definiti speċifikament fil-liġi jew fil-linji gwida tal-UE.

79 Il-premessa 8 tad-Direttiva 2009/29/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2009 li temenda d-Direttiva 2003/87/KE għat-titjib u l-estensjoni tal-iskema Komunitarja għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra (ĠU L 140, 5.6.2009, p. 63).

80 Eż. il-linji gwida dwar l-monitoraġġ u r-rappurtar (MRG) għall-Fażi I u l-Fażi II.

## Osservazzjonijiet

### 76

Mod wieħed kif jinkiseb fehim ap-profondit dwar il-livell ta' armonizzazzjoni bejn l-Istati Membri u kif tiġi infurzata l-implimentazzjoni ta' prattiki armonizzati huwa t-twetliq ta' spezzjonijiet fuq il-post. Il-Qorti tirrikonoxxi li l-Kummissjoni ma għandha l-ebda mandat ċar biex twettaq spezzjonijiet fil-livell tal-Istati Membri, iżda sabet li ma hemm ukoll l-ebda evidenza li l-Kummissjoni debitament osservat u vvalutat ir-riskji (pereżempju, d-distorsjoni tal-kompetizzjoni) jew l-impatt potenzjali ta' prattiki diverġenti ta' implimentazzjoni dwar il-funzjonament effettiv u l-integrità tal-EU ETS. Għalkemm kwistjonijiet ta' nuqqas ta' armonizzazzjoni jistgħu jitqiesu bħala konsegwenza tal-implimentazzjoni tal-EU ETS taħt Direttiva, il-Qorti tqis li l-monitoraġġ mill-Kummissjoni tal-livell ta' armonizzazzjoni tal-implimentazzjoni fl-Istati Membri kien limitat matul il-Fażi II tal-EU ETS.

**L-iskambju tal-informazzjoni organizzat mill-Kummissjoni bejn l-Awtoritajiet Kompetenti tal-Istati Membri dwar l-implimentazzjoni tal-EU ETS kien imxekkel minn parteċipazzjoni baxxa**

### 77

Id-Direttiva dwar l-EU ETS tipprovdi li l-Kummissjoni għandha torganizza skambju tal-informazzjoni bejn l-Awtoritajiet Kompetenti tal-Istati Membri li tikkonċerna l-iżviluppi li huma relatati ma' kwistjonijiet dwar l-allokazzjoni, l-użu mill-ERUs<sup>81</sup> u s-CERs fl-iskema Komunitarja, l-operazzjoni tar-reġistri, il-monitoraġġ, ir-rappurtaġġ, il-verifikazzjoni u l-konformità ma' din id-Direttiva.

### 78

Fl-2009, Forum ta' Konformità (FK) ġie stabbilit sabiex joħloq pjattaforma fejn l-Awtoritajiet Kompetenti tal-Istati Membri jkunu jistgħu jiskambjaw informazzjoni dwar l-implimentazzjoni tagħhom tal-EU ETS. L-oġġettivi tal-FK ikopru l-funzjonament xieraq ta' proċessi fil-katina ta' konformità tal-EU ETS; l-assistenza lill-Istati Membri fl-implimentazzjoni tar-rekwiżiti u l-proċessi ta' konformità tal-EU ETS; u l-promozzjoni ta' kooperazzjoni mill-qrib u effettiva bejn l-Awtoritajiet Kompetenti fl-Istati Membri. L-FK kien wieħed mill-mekkaniżmi prinċipali li permezz tiegħu l-Kummissjoni fittxet li tiżgura skambju effettiv tal-informazzjoni tal-EU ETS, li hija essenzjali sabiex jiġu kondiviżi l-aħjar prattiki u tittejjeb il-ġestjoni tal-EU ETS.

### 79

Matul il-Fażi II tal-EU ETS, l-FK opera erba' forzi tax-xogħol. L-informazzjoni diskussa u żviluppata fl-FK ġiet kondiviża permezz ta' faċilità bbażata fuq l-internet li kienet disponibbli għall-Awtoritajiet Kompetenti kollha. Fuq il-bażi tal-minuti ta' dawn il-forzi tax-xogħol u l-intervisti mal-Awtoritajiet Kompetenti, il-Qorti sabet li minkejja l-importanza tar-rwol tal-Forum ta' Konformità, l-attenzenza mill-Istati Membri kienet baxxa (b'medja ta' anqas minn sitt Awtoritajiet Kompetenti għal kull sessjoni) u għadd limitat ħafna biss ta' Awtoritajiet Kompetenti (fil-biċċa l-kbira l-istess) ipparteċipaw b'mod regolari f'laqgħat tal-forzi tax-xogħol. Dan naqqas il-possibbiltajiet li tiġi kondiviża informazzjoni bejn l-Awtoritajiet Kompetenti, li huwa element essenzjali biex jiġi żgurat li l-oġġettivi tal-EU ETS jintlaħqu.

81 L-ERUs huma Unitajiet ta' Tnaqqis tal-Emissjonijiet iġġenerati minn proġetti ta' Implimentazzjoni Konġunta (JI) biex inaqqsu l-emissjonijiet, is-CERs huma Tnaqqis lċertifikat ta' Emissjonijiet idderivati minn proġetti ta' Mekkaniżmu għal Żvilupp Nadif (CDM).

### Instabu ċerti dgħufijiet fl-implimentazzjoni nazzjonali kemm tar-reġim tas-sanzjonar tal-EU ETS kif ukoll fil-prattiki għaċ-ċediment ta' krediti internazzjonali tal-proġetti

#### 80

Skont id-Direttiva dwar l-EU ETS, l-Istati Membri jistabbilixxu u jimplementaw regoli nazzjonali dwar il-penali applikabbli għall-ksur tal-leġislazzjoni tal-EU ETS. Id-Direttiva dwar l-EU ETS tipprevedi wkoll penali speċifika madwar l-UE kollha għal emissjonijiet eċċessivi, mingħajr preġudizzju għall-penali addizzjonali li l-Istat Membru jista' jiddefinixxi. Din il-penali tammonta għal EUR 100 għal kull tunellata ta' CO<sub>2</sub> e li għaliha l-operatur ma ċediex kwoti tal-emissjonijiet. Billi din il-penali taqbeż bil-kbir il-prezz tas-suq għall-kwoti tal-emissjonijiet, din taġixxi bħala inkoraġġiment effettiv biex l-installazzjonijiet jikkonformaw mal-limitu u jċedu biżżejjed kwoti tal-emissjonijiet. Fir-rigward tal-obbligu tal-UE kollha li l-installazzjonijiet iċedu l-għadd meħtieġ ta' kwoti tal-emissjonijiet imqabbla ma' emissjonijiet ivverifikati fid-data ta' skadenza taċ-ċediment f'April ta' kull sena, il-Qorti tinnota li l-EU ETS għandha rata għolja ħafna ta' konformità (99 % skont informazzjoni disponibbli pubblikament fl-EUTL). Il-Kummissjoni ma tistax tinforza penali; din hija l-prerogattiva tal-Istat Membru.

### Potenzjalment, il-varjetà wiesgħa ta' dispożizzjonijiet nazzjonali dwar il-penali bejn l-Istati Membri ma tiżgurax kundizzjonijiet ekwi għall-operaturi

#### 81

Il-Qorti sabet li l-Istati Membri kienu ddefinixxew, fil-leġislazzjoni nazzjonali rispettiva tagħhom, tipi differenti ta' ksur li setgħu jiġu identifikati u sussegwentement sanzjonati permezz ta' penali jew miżuri oħra (eż. ir-revoka jew is-sospensjoni temporanja ta' permess), minbarra l-penali ta' "EUR 100" prevista mid-Direttiva. It-**Tabella** turi lista mhux eżawrjenti ta' ksur nazzjonali u l-penali korrispondenti fi wħud mill-Istati Membri awditjati:

#### 82

It-tipi ta' ksur li jistgħu jwasslu għal penali, u l-ammonti tal-penali jew is-sanzjonijiet korrispondenti jvarjaw b'mod wiesa' bejn l-Istati Membri. Il-Qorti tqis li dawn il-prattiki mhux armonizzati potenzjalment jaffettwaw il-kundizzjonijiet ekwi għall-parteċipanti.

### Lista mhux eżawrjenti ta' ksur nazzjonali u l-penali korrispondenti fi wħud mill-Istati Membri awditjati

Stat Membru	Ksur (mhux eżawrjenti)	Multi € (£ għar-Renju Unit) Minimu-Massimu		Priġunerija (xhur) Minimu-Massimu
Il-Ġermanja	Operazzjoni mingħajr permess Omissjoni ta' notifika ta' bidliet fl-installazzjoni Oħrajn (5)	5–50 000		M.A.
Spanja	Operazzjoni mingħajr permess Nuqqas ta' konformità mal-obbligu li tiġi notifikata kwalunkwe modifika fil-karattru, fil-funzjonament jew fid-daqs tal-installazzjoni li jista' jkollha effett sinifikanti fuq l-emissjonijiet jew li tista' tkun teħtieġ bidliet fil-monitoraġġ L-ebda preżentazzjoni ta' rapport annwali vverifikat dwar l-emissjonijiet Li intenzjonalment iżomm jew jibdel informazzjoni fl-applikazzjoni għall-kwoti tal-emissjonijiet Li ma jħallix aċċess mill-verifikatur għall-installazzjoni	50 001–2 000 000		M.A.
	Nuqqas ta' konformità mal-obbligu li jiġu notifikati bidliet għall-identità jew il-post tar-residenza tal-operatur	10 001–50 000		M.A.
Franza	Operazzjoni mingħajr permess	0–150 000		0–24
	Ksur tal-obbligi ta' monitoraġġ u ta' rappurtar Omissjoni ta' notifika ta' bidliet fl-installazzjoni	0–75 000		0–6
L-Italja (2010)	Operazzjoni mingħajr permess	25 000–250 000		M.A.
	L-ebda dikjarazzjoni tad-data storika	2 500–25 000		
	L-ebda dikjarazzjoni tal-għeluq	1 000–100 000		
Ir-Renju Unit	Operazzjoni mingħajr permess Ksur tal-obbligi ta' monitoraġġ u ta' rappurtar Omissjoni ta' notifika ta' bidliet fl-installazzjoni Reati diversi oħra inkluż l-użu minn informazzjoni falza jew qarrieqa	0	Fuq kundanna sommarja 5 000 u fuq akkuża	0–24

Sors: Informazzjoni miksuba minn rapporti rilevanti taħt l-Artikolu 21 tal-Istati Membri għall-Fażi II.

## Kien hemm nuqqas ta' informazzjoni konsolidata dwar l-infurzar tal-penali mill-Istati Membri

### 83

Fil-biċċa l-kbira mill-Istati Membri awditjati, bl-eċċezzjoni tal-Ġermanja u r-Renju Unit, kien hemm nuqqas ta' informazzjoni aġġornata dwar l-istat ta' implimentazzjoni jew l-eżitu ta' penali madwar l-UE kollha u l-penali nazzjonali addizzjonali. Kien hemm informazzjoni inkompleta dwar l-għadd ta' proċeduri ta' penali li kienu ġew inizjati matul il-Fażi II u implimentati b'suċċess (jiġifieri fejn il-pagament kien ikkonfermat). Il-Qorti nnutat li l-Istati Membri spiss kienu kkonfrontati b'limitazzjonijiet fl-ambjent legali u amministrattiv tagħhom stess għall-implimentazzjoni b'suċċess tal-penali taħt l-EU ETS. L-Awtoritajiet Kompetenti jew ma kellhomx is-setgħa li jimponu sanzjonijiet huma nfushom (eż. l-Italja) jew inkella kienu jeħtieġu jistennaw l-eżitu ta' proċeduri u appelli fit-tul tal-Qorti (eż. fil-Ġermanja). Dan seta' skoraġġixxa lill-Awtoritajiet Kompetenti milli jsegwu proċeduri ġodda ta' penali. Barra minn hekk, in-nuqqas ta' rappurtar komprensiv dwar l-implimentazzjoni tal-penali ma jirrinforzax id-dissważività ta' sistema bħal din.

### 84

Il-Qorti sabet ukoll li l-Kummissjoni, għall-iskop ta' monitoraġġ tal-implimentazzjoni tal-EU ETS, ma żżommx ħarsa ġenerali speċifika lejn l-EU ETS tal-penali nazzjonali u ma tiġborx statistika dwar l-applikazzjoni tal-penali madwar l-UE kollha.

### 85

Kumplessivament, il-Qorti ma setgħetx tivvaluta l-implimentazzjoni ta' proċeduri ta' penali mill-Istati Membri, minħabba nuqqas ta' informazzjoni konsolidata fil-livell tal-Istati Membri u dak Ewropew.

## Kwistjonijiet speċifiċi li jikkonċernaw iċ-ċediment ta' krediti internazzjonali tal-proġetti

### 86

Il-limiti perċentwali għall-użu jew iċ-ċediment ta' krediti internazzjonali tal-proġetti mill-Implimentazzjoni Konġunta (JI-ERU) u l-Mekkaniżmu għal Żvilupp Nadif (CDM-CER) (ara l-**Parti I tal-Anness** għal aktar informazzjoni ta' sfond) kienu jvarjaw bejn l-Istati Membri, iżda ġew stabbiliti fil-Pjanijiet Nazzjonali ta' Allokazzjoni rispettivi għall-Fażi II. Jekk lill-operaturi individwali, l-Awtorità Kompetenti nazzjonali tagħhom tħallihom jaqbżu l-limitu għaċ-ċediment ta' krediti internazzjonali għall-installazzjonijiet tagħhom, dan potenzjalment jaffettwa l-kundizzjonijiet ekwi għall-operaturi. F'6 %<sup>82</sup> minn 150 każ eżaminat mill-Qorti, il-limiti perċentwali nazzjonali għaċ-ċediment ta' krediti internazzjonali tal-proġetti nqabżu mill-operaturi. Il-**Kaxxa 8** tipprovdi aktar dettall dwar uħud minn dawn il-każijiet:

82 Franza (ħames każijiet), il-Ġreċja (tliet każijiet) u r-Renju Unit (każ wieħed). Kien finanzjarjament interessanti għall-operaturi biex iċedu l-kreditu tal-proġetti tal-Protokoll ta' Kjoto minflok il-Kwoti tal-emissjonijiet tal-Unjoni Ewropea (EUAs), speċjalment lejn tmim il-Fażi II, meta dawn kienu ħafna irħas mill-EUAs. L-użu minn dawn il-kreditu tal-proġetti għall-konformità mal-EU ETS tal-UE kien ristrett fil-Fażi III. Konsegwentement, l-użu minnhom mill-operaturi żdied b'mod esponenzjali lejn tmim il-Fażi II – ara l-**Figura tal-Anness**.

### Ċediment eċċessiv ta' krediti internazzjonali

Fil-Fażi II, il-limitu għaċ-ċediment ta' krediti internazzjonali tal-proġetti għe espress bħala perċentwal tal-allokazzjoni totali għal installazzjoni.

Fi Franza, l-EUTL ma rriflettiex żieda fl-allokazzjoni ta' kwoti tal-emissjonijietwara żidiet fil-produzzjoni għal 5 minn 20 installazzjoni eżaminata għas-snin 2008-2010. Biż-żieda fl-allokazzjoni, l-ammont assolut ta' krediti internazzjonali li setgħu jiġu ċeduti kien żdied ukoll. L-operatur uża din l-opportunità billi ċeda aktar krediti internazzjonali. Madankollu, peress li l-Istat Membru naqas milli jinnotifika lill-Kummissjoni dwar dawn iż-żidiet fil-produzzjoni u l-allokazzjonijiet sussegwenti mir-riżerva għall-parteċipanti nazzjonali, il-kalkoli mill-Qorti ta' krediti internazzjoni ċeduti bbażati fuq id-*data* tal-EUTL qabżu t-13,5 %, li kien il-limitu fi Franza.

Fir-Renju Unit, il-Qorti sabet każ wieħed fejn inqabeż il-limitu għaċ-ċediment ta' krediti internazzjonali tal-proġetti kien inqabeż. Meta operatur għalaq waħda mill-installazzjonijiet tiegħu (li għaliha kienet diġà ġiet assenjata allokazzjoni), l-operatur ingħata permess mill-awtoritajiet li jżomm il-kwoti allokati tal-emissjonijiet kollha għall-installazzjoni magħluqa u li jittrasferixxi l-kwoti tal-emissjonijiet bil-limitu korrispondenti ta' krediti tal-proġetti (jiġifieri 8 %) għal installazzjoni oħra minn tiegħu. Il-Qorti kkalkulat li l-installazzjoni li rċeviet il-kwoti ttrasferiti tal-emissjonijiet ċediet aktar mit-8 % permessi tal-kwoti allokati tal-emissjonijiet fil-krediti tal-proġetti. Il-Qorti sabet li l-operatur kien żamm parzjalment biss il-kapaċità tal-installazzjoni magħluqa u ttrasferixxieha għall-installazzjoni li kien jifdal. Peress li l-operatur irċieva permess li jċedi l-krediti tal-proġetti għall-ammont totali ta' kwoti allokati tal-emissjonijiet, il-limitu nqabeż. Il-Qorti sabet li din il-prattika potenzjalment wasslet għal trattamenti differenti tal-operaturi fi ħdan l-istess settur.

# Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet

## 87

L-EU ETS hija l-pedament tal-politika tal-UE dwar il-klima u spiss tiġi kkwota-ta bħala l-mudell referenzjali għal skemi emerġenti ta' politika dwar it-tibdil fil-klima u skemi għan-negozjar ta' emissjonijiet bnadi oħra fid-dinja. Din l-iskema innovattiva introdotta fl-2005 u mtejbja progressivament, issa tinsab fit-tielet fażi tal-implimentazzjoni. Fil-livell Ewropew, l-għan tal-EU ETS, bħala mekkaniżmu bbażat fuq is-suq, mhuwiex biss it-tnaqqis fl-emissjonijiet f'konformità mal-limitu, iżda wkoll l-istabbiliment ta' mekkaniżmu tal-ipprezzar għall-karbonju. Prezz ogħla joħloq inċentiv akbar għal investiment f'teknoloġiji b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju<sup>83</sup>. Sabiex l-EU ETS taħdem kif intenzjonat, jeħtieġ ukoll li l-integrità tas-sistema tkun żgurata, u li l-iskema tiġi implimentata b'mod korrett. Inċidenti preċedenti inkluż l-allegat serq ta' kwoti tal-emissjonijiet u l-frodi karusell tal-VAT ikomplu jiddimostraw il-ħtieġa għal vigjlanza.

## 88

Għalhekk, l-awditu vvaluta jekk l-EU ETS kinitx immaniġġjata b'mod adegwat, billi eżamina jekk il-qafas żviluppat għall-protezzjoni tal-integrità tal-EU ETS huwiex robust biżżejjed biex l-EU ETS tiffunzjona tajjeb, u jekk l-EU ETS ġietx implimentata b'mod korrett fil-Fażi II.

## 89

Kumplessivament, il-Qorti kkonkludiet li l-ġestjoni tal-EU ETS mill-Kummissjoni u mill-Istati Membri ma kinitx adegwata fl-aspetti kollha. Kienet imxekkla minn ċerti kwistjonijiet relatati mar-robustezza tal-qafas għall-protezzjoni tal-integrità tagħha, u minn dgħufijiet sinifikanti fl-implimentazzjoni tal-Fażi II tal-EU ETS.

## 90

Għalkemm sar titjib sinifikanti fil-qafas għall-protezzjoni tal-integrità tas-suq (il-paragrafi 14 sa 17), notevolment permezz tal-inklużjoni tal-biċċa l-kbira mis-suq spot għal kwoti tal-emissjonijiet taħt ir-reġimi tal-MiFID u l-MAD, għadd ta' dgħufijiet għad iridu jiġu indirizzati sabiex il-qafas isir robust biżżejjed, u biex titħeġġeġ il-kunfidenza tal-investituri, sabiex l-EU ETS tiġi ingranata bħala għodda tal-politika ambjentali.

## 91

L-awditu sab li hemm kwistjonijiet li jifdal fir-regolamentazzjoni u fis-sorveljanza tas-suq tal-emissjonijiet, relatati ma' negozjanti li huma meħtieġa jikkonformaw, negozjar spot OTC bilaterali u parteċipanti iżgħar fis-suq (il-paragrafi 18 sa 21), minkejja l-kwalifikazzjoni ta' kwoti tal-emissjonijiet bħala strumenti finanzjarji. Għalkemm ir-Reġistru ġie ċentralizzat fl-2012 ma hemm l-ebda sorveljanza fil-livell tal-UE, tas-suq tal-emissjonijiet, u l-proċeduri għall-kooperazzjoni li jinvolvu regolaturi finanzjarji nazzjonali u lill-Kummissjoni mhumiex ċari biżżejjed (il-paragrafi 22 sa 24). Għalhekk, hemm riskju li d-distorsjonijiet tas-suq jew anomaliji b'effetti potenzjalment serji ma jiġux immaniġġjati b'mod xieraq.

83 L-Azzjoni Klimatika tal-Kummissjoni, l-iskeda informattiva "The EU Emissions Trading System (EU ETS)" (L-Iskema tal-UE għan-Negozjar ta' Emissjonijiet (EU ETS)), disponibbli fuq [http://ec.europa.eu/clima/publications/docs/factsheet\\_ets\\_en.pdf](http://ec.europa.eu/clima/publications/docs/factsheet_ets_en.pdf).



## Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet

### Rakkomandazzjoni 1

Il-kwistjonijiet li jifdal fir-regolamentazzjoni u s-sorveljanza tas-suq tal-emissjonijiet għandhom jiġu indirizzati mill-Kummissjoni sabiex tittejjeb aktar l-integrità tas-suq. Il-Kummissjoni għandha:

- (a) fil-kuntest tar-reviżjoni futura rilevanti tal-leġiżlazzjoni tal-MiFID u l-MAR, tanalizza r-riskji potenzjali relatati mal-eżenzjonijiet regolatorji għal negozjanti li huma meħtieġa jikkonformaw u parteċipanti iżgħar fis-suq tal-emissjonijiet biex tiddetermina jekk hijiex meħtieġa azzjoni biex dawn jiġu indirizzati;
- (b) tiżgura li filwaqt li jittieħed kont tar-regolamentazzjon li qed tevolve tas-swieq finanzjarji tal-UE (eż. l-MiFID u l-MAR) fuq is-suq tal-emissjonijiet, is-suq tal-emissjonijiet isir suġġett għal superviżjoni adegwata fil-livell tal-UE;
- (c) tqawwi l-mekkaniżmi ta' kooperazzjoni regolatorja biex tiżgura sorveljanza mtejbja tas-suq.

### 92

Il-Qorti tqis li aktar ċarezza fid-definizzjoni legali ta' kwoti tal-emissjonijiet tista' tkun ta' benefiċċju għall-funzjonament tas-suq tal-EU ETS (il-paragrafi 1 sa 27). Sabiex tappoġġa l-likwidità tas-suq tal-emissjonijiet, il-kunfidenza hija meħtieġa, b'mod partikolari minn negozjanti tal-investiment li mhumiex obbligati jkomplu jipparteċipaw f'dan is-suq. Aktar ċarezza rigward il-ħolqien u l-protezzjoni ta' interessi ta' sigurtà fi kwoti tal-emissjonijiet għandha wkoll il-potenzjal li tikkontribwixxi għal funzjonament aħjar tas-suq (il-paragrafu 28).

### Rakkomandazzjoni 2

L-istatus legali tal-kwoti tal-emissjonijiet għandu jiġi kkjarifikat aktar sabiex jikkontribwixxi għall-istabbiltà u l-kunfidenza.

F'dan il-kuntest, il-Kummissjoni għandha tanalizza l-benefiċċji tat-trattament ta' kwoti tal-emissjonijiet bħala drittijiet tal-proprietà madwar l-UE u tqis kif kif se jiġi pprovdut mekkaniżmu espicitu ta' reġistrazzjoni għall-interessi ta' sigurtà.

### 93

Ir-reġistru tal-Unjoni huwa għodda ewlenija għall-ipproċessar u d-divulgazzjoni tad-*data* fundamentali tal-EU ETS, u għall-iżgurar tal-integrità tas-suq tal-EU ETS. Minħabba l-interessi finanzjarji sinifikanti u l-firxa wiesgħa ta' parteċipanti, dan għandu profil tar-riskju għoli (il-paragrafi 29 sa 31). Sabiex is-suq jiġi żgurat fil-livell tal-UE, u fid-dawl tal-inċidenti preċedenti ta' sigurtà li affettwaw is-suq, hemm meħtieġa għal approċċ armonizzat għall-proċeduri ta' ġestjoni tar-riskju. Is-sigurtà tar-reġistru ttejjeb b'mod sinifikanti matul il-Fażi II tal-EU ETS (il-paragrafu 32). Madankollu, il-proċeduri fil-biċċa l-kbira mill-Istati Membri awditjati għall-kontroll tal-ftuħ ta' kontijiet tal-EU ETS, għall-monitoraġġ tat-tranżazzjonijiet, u għall-kooperazzjoni ma' awtoritajiet regolatorji mhumiex robusti biżżejjed (il-paragrafi 33 sa 38). Billi l-Kummissjoni wkoll ma tistax timmonitorja t-tranżazzjonijiet b'mod adegwat minħabba kunsiderazzjonijiet fir-rigward tal-protezzjoni tad-*data*, dan jirrappreżenta lakuna superviżorja sinifikanti. Fil-Kummissjoni, l-iżvilupp u l-operazzjoni tar-Reġistru kienu proġett kumpless li kien imxekkel minn problemi ta' koordinazzjoni interna u minn restrizzjonijiet ta' riżorsi (il-paragrafi 39 sa 41).

## Rakkomandazzjoni 3

Ċerti aspetti tas-sistemi għall-ipproċessar ta' informazzjoni fundamentali tal-EU ETS (ir-Regjistru tal-Unjoni tal-UE u proċeduri relatati) għandhom jittejjbu aktar.

Il-Kummissjoni għandha:

- (a) tqis kif il-monitoraġġ effettiv tat-tranżazzjonijiet transkonfinali jista' jiġi żviluppat u koordinat fil-livell tal-UE biex jiġu mitigati r-riskji ta' abbuż u ta' attivitajiet frodulent;
- (b) tidentifika miżuri xierqa biex issaħħaħ il-qafas ta' kontrolli u tip-promwovi l-aħjar prattiki mill-Istati Membri dwar il-ftuħ ta' kontijiet biex timmitiga aktar ir-riskji eżistenti ta' sigurtà u ta' integrità, u tiżgura li dawn jiġu implimentati madwar l-UE;
- (c) tipprovdi struttura xierqa għad-dmirijiet tal-IT u tan-negozju fis-servizz rilevanti tal-Kummissjoni u tiżgura l-funzjonament tajjeb tas-sistema tar-reġistri.

L-Istati Membri għandhom:

- (d) jimplimentaw il-kontrolli identifikati fir-Rakkomandazzjoni 3 (b); u
- (e) itejbu l-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet responsabbli għar-Regjistru tal-Unjoni, u awtoritajiet kompetenti oħra, notevolment unitajiet tal-intelligence finanzjarja u korpi inkarigati bl-infurzar tal-liġi.

## 94

Il-Qorti tikkonkludi li dgħufijiet sinifikanti affettwaw l-implimentazzjoni tal-EU ETS fil-Fażi II. L-Istati Membri għażlu li jimplimentaw id-Direttiva dwar l-EU ETS b'modi differenti (il-paragrafu 47). Kien hemm dgħufijiet fl-implimentazzjoni mill-Istati Membri rigward il-qafas ta' kontroll. Is-sistemi għall-monitoraġġ, għar-rappurtar u għall-verifikazzjoni tal-emissjonijiet ma kinux armonizzati biżżejjed u lanqas ma ġew implimentati b'mod effettiv (il-paragrafi 48 sa 60). B'mod partikolari, l-Awtoritajiet Kompetenti ma ċċekkjawx biżżejjed ix-xogħol imwettaq mill-verifikaturi, u wettqu kontrolli limitati fuq il-post fil-livell tal-installazzjoni. Xi Stati Membri wkoll ma pprovdewx ir-rapporti kollha meħtieġa dwar l-operazzjoni tal-EU ETS (il-paragrafi 61 sa 63).

## Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet

### Rakkomandazzjoni 4

Id-dgħufijiet identifikati mill-awditu tal-Qorti, tal-implimentazzjoni mill-Istati Membri tal-qafas ta' kontroll fil-Fażi II, għandhom jiġu indirizzati matul l-implimentazzjoni tal-qafas rivedut għall-Fażi III.

Il-Kummissjoni għandha:

- (a) tqis jekk aktar emendi għall-qafas ta' monitoraġġ u rappurtar humiex meħtieġa għat-tqawwija tal-monitoraġġ, tar-rappurtar u tal-verifikazzjoni tal-emissjonijiet;
- (b) teħtieġ lill-Awtoritajiet Kompetenti jtejbu l-prattiki ta' infurzar sabiex jingħata aċċertament dwar il-kwalità tal-qafas ta' kontroll.

L-Istati Membri għandhom:

- (c) jimplimentaw oqfsa ta' kontroll koerenti u effettivi, inklużi spezzjonijiet, għall-attivitajiet ta' monitoraġġ, rappurtar u verifikazzjoni;
- (d) jiżguraw koordinazzjoni u skambju aħjar tal-informazzjoni bejn l-Awtoritajiet Kompetenti u l-Korpi tal-akkreditament, biex tittejjeb il-kwalità tal-proċess ta' verifikazzjoni;
- (e) jipprovdu fil-ħin, lill-Kummissjoni, ir-rapporti annwali previsti mid-Direttiva; u
- (f) jippubblikaw rapporti regolament dwar l-implimentazzjoni u r-riżultati tal-EU ETS biex iħeġġu t-trasparenza għall-operaturi u l-parteċipanti fis-suq.

### 95

Il-Qorti sabet lakuni fil-gwida u l-monitoraġġ mill-Kummissjoni tal-implimentazzjoni min-naħa tal-Istati Membri matul il-Fażi II tal-EU ETS.

Il-Qorti sabet li n-nuqqas ta' trasparenza fid-deċiżjoni tal-Kummissjoni, li tuża l-mudell PRIMES u l-2005 bħala s-sena bażi biex tikkalkula l-limiti tal-emissjonijiet tal-Fażi II, wassal għal ineffiċjenzi għall-Istati Membri u għal nuqqas ta' trasparenza fit-tnejn u l-valutazzjoni tal-PNA tal-Fażi II (il-paragrafi 65 sa 67). Fl-assenza ta' dokumenti interni speċifiċi tal-Kummissjoni relatati mal-valutazzjoni tal-PNA, il-Qorti ma setgħetx tikkonkludi li x-xogħol li sar mill-Kummissjoni biex tivvaluta l-PNA kien dettaljat u komplet ugwalment għall-Istati Membri kollha magħżula (ara l-paragrafi 68 u 69).

## Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet

### 96

In-natura tal-EU ETS bħala mekkaniżmu bbażat fuq is-suq teħtieġ id-divulgazzjoni regolari ta' informazzjoni dettaljata u rilevanti dwar l-implimentazzjoni u l-funzjonament tas-sistema. Għalkemm ħafna informazzjoni hija disponibbli pubblikament, il-Kummissjoni ma ppubblikatx biċċa waħda importanti ta' informazzjoni bħal din, li hija r-rapport annwali ta' implimentazzjoni meħtieġ taħt id-Direttiva (ara l-paragrafi 71 u 72). Il-koordinazzjoni u l-iskambju ta' informazzjoni bejn l-Istati Membri huma wkoll vitali. Il-Kummissjoni kellha rwol limitat fl-iżgurar tal-armonizzazzjoni ta' kontrolli ewlenin fl-implimentazzjoni tal-EU ETS mill-Istati Membri (il-paragrafi 73 sa 76). Ġew stabbiliti diversi *fora* u gruppi ta' ħidma għall-kondiviżjoni tal-informazzjoni u dawn ipprovdew appoġġ essenzjali lill-Istati Membri. Madankollu, l-impatt tagħhom kien limitat sa ċertu punt b'livell relattivament baxx ta' parteċipazzjoni mill-Istati Membri (il-paragrafi 77 sa 79).

### Rakkomandazzjoni 5

Matul il-Fażi III, il-livell ta' gwida u informazzjoni dwar l-implimentazzjoni tal-EU ETS għandu jittejjeb. Il-Kummissjoni għandha:

- (a) ittejjeb il-monitoraġġ tagħha tal-implimentazzjoni mill-Istati Membri biex tidentifika oqsma fejn aktar armonizzazzjoni hija importanti; u
- (b) tippubblika regolarment ir-rapport meħtieġ dwar l-implimentazzjoni tal-EU ETS, filwaqt li speċifikament tindirizza kwistjonijiet ta' nuqqas ta' armonizzazzjoni u riskji riżultanti.

L-Istati Membri għandhom:

- (c) jiżguraw li r-rappreżentanti tal-Awtoritajiet Kompetenti jattendu regolarment għal laqgħat u jipparteċipaw fl-iskambju tal-informazzjoni, l-esperjenzi u l-għarfien dwar kwistjonijiet ta' implimentazzjoni.

### 97

Fir-rigward tal-obbligu tal-UE kollha li l-installazzjonijiet iċedu l-għadd meħtieġ ta' kwoti tal-emissjonijiet kull sena, l-EU ETS għandha rata għolja ħafna ta' konformità. Minkejja dan, il-Qorti sabet li l-Istati Membri ddefinixxew varjetà wiesgħa ta' dispożizzjonijiet dwar il-penali għal tipi oħra ta' ksur, li potenzjalment inaqqas il-kundizzjonijiet ekwi għall-operaturi (il-paragrafi 81 u 82). Il-Qorti ma setgħetx tivvaluta l-effettività tas-sistemi tas-sanzjonijiet tal-Istati Membri minħabba nuqqas ta' informazzjoni konsolidata fil-livell tal-Istati Membri u dak Ewropew. L-implimentazzjoni effettiva tal-penali kienet kultant imxekkla minn limitazzjonijiet fis-sistemi legali u amministrattivi tal-Istati Membri (il-paragrafi 83 sa 85). Barra minn hekk, kien hemm prattiki diverġenti li jikkonċernaw regoli speċifiċi għaċ-ċediment ta' krediti internazzjonali tal-proġetti (il-paragrafu 86). Dawn il-kwistjonijiet potenzjalment jaffettwaw il-kundizzjonijiet ekwi għall-operaturi.

## Rakkomandazzjoni 6

L-implimentazzjoni ta' sanzjonijiet fir-rigward tal-EU ETS għandha ssir aktar trasparenti. Informazzjoni aġġornata u preċiża għandha tkun disponibbli, fil-livell tal-Istati Membri u dak tal-UE, dwar l-implimentazzjoni u r-riżultati ta' proċeduri ta' penali, u l-Kummissjoni għandha timmonitorja aħjar il-prattiki ta' infurzar madwar l-UE kif ukoll l-applikazzjoni konsistenti ta' penali nazzjonali.

Il-Kummissjoni għandha:

- (a) tiżgura li l-Istati Membri jżommu informazzjoni aġġornata dwar l-applikazzjoni tat-tipi kollha ta' penali (tal-UE u dawk nazzjonali) u tagħmel proposti u linji gwida xierqa għal aktar trasparenza fost il-korpi rilevanti.

L-Istati Membri għandhom:

- (b) japplikaw b'mod konsistenti l-penali definiti fil-livell nazzjonali kif ukoll il-penali prevista fid-Direttiva; u
- (c) iżommu informazzjoni aġġornata u preċiża dwar il-penali applikati.

Dan ir-Rapport ġie adottat mill-Awla I, immexxija mis-Sur Augustyn KUBIK, Membru tal-Qorti tal-Awdituri, fil-Lussemburgu fil-laqgħa tagħha tal-15 ta' April 2015.

*Għall-Qorti tal-Awdituri*



Vítor Manuel da SILVA CALDEIRA  
*President*

## Informazzjoni ta' sfond

### PARTI 1 — Qafas internazzjonali għan-negozjar ta' emissjonijiet

1. Hemm kunsens xjentifiku mifrux li l-gassijiet serra ġġenerati mill-attività tal-bniedem u rrilaxxati fl-atmosfera għandhom impatt dirett fuq l-effett serra, u jikkawża tisħin globali u jaffettwa s-sistema tal-klima. Dan il-kunsens isostni wkoll li jekk it-temperatura medja globali tiżdied b'2°C meta mqabbla mat-temperatura fiż-żminijiet preindustrijali, hemm riskju ħafna ogħla li jseħħu bidliet perikolużi u possibilment katastrofiċi fl-ambjent globali. Għalhekk, il-komunità internazzjonali tirrakkomanda li t-tisħin jinżamm taħt iż-2°C billi jitnaqqsu dawn l-emissjonijiet<sup>1</sup>.
2. L-Unjoni Ewropea wriet tmexxija internazzjonali fl-azzjonijiet tagħha biex tittratta t-tibdil fil-klima. Hija impenjat ruħha biex tnaqqas l-emissjonijiet ta' GHG taħt il-Protokoll ta' Kjoto tal-1997 ara l-**Kaxxa**) għall-UNFCCC tal-1992 li tistabbilixxi qafas kumplessiv għall-isforzi intergovernattivi biex tiġi indirizzata l-isfida maħluqa mit-tibdil fil-klima.

### Kaxxa — Il-Protokoll ta' Kjoto

Il-**Protokoll ta' Kjoto** ġie adottat fi Kjoto, il-Ġappun, fil-11 ta' Diċembru 1997 u daħal fis-seħħ fis-16 ta' Frar 2005. Kien hemm 188 pajjiż u organizzazzjoni waħda ta' integrazzjoni ekonomika reġjonali (l-Unjoni Ewropea) li impenjaw ruħhom għall-protokoll. Mill-firmatarji tal-UNFCCC, l-Istati Uniti biss ma rratifikawx il-protokoll. Il-protokoll issettja objettiv għas-37 pajjiż industrijalizzat u għall-Unjoni Ewropea: mira vinkolanti għat-tnaqqis tal-emissjonijiet ta' GHG b'medja ta' 5 % meta mqabbla mal-livelli tal-1990 matul il-perjodu fuq ħames snin mill-2008 sal-2012. Il-Protokoll ta' Kjoto introduċa tliet mekkaniżmi bbażati fuq is-suq bħala għajjnuna fl-ilħuq ta' dawn il-miri: in-negozjar ta' emissjonijiet, il-Mekkaniżmu għal Żvilupp Nadif u l-Implimentazzjoni Konġunta.

3. Il-pjan direzzjonali tal-Kummissjoni fuq terminu twil għall-emissjonijiet ta' GHG jimmira lejn tnaqqis ta' 80 % sal-2050<sup>2</sup>. Fit-23 ta' Ottubru 2014, il-Kunsill qabel dwar il-qafas ta' politika għall-klima u l-enerġija għall-2030 u approva mira vinkolanti tal-UE ta' tnaqqis domestiku ta' mill-anqas 40 %, f'gassijiet serra sal-2030 meta mqabbel mal-1990<sup>3</sup>. L-EU ETS se tkompli jkollha rwol fl-ilħuq ta' dawn l-objettivi.

1 Ara l-Grupp Intergovernattiv ta' Esperti dwar it-Tibdil fil-Klima (IPCC), stabbilit mill-Programm tan-Nazzjonijiet Uniti għall-Ambjent u l-Organizzazzjoni Meteoroloġika Dinjija fl-1988 ([www.ipcc.ch](http://www.ipcc.ch)).


2 KUMM(2011) 112 finali tat-8.3.2011, "Pjan direzzjonali għal ekonomija kompetittiva b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju fl-2050".

3 Il-Kunsill Ewropew (it-23 u l-24 ta' Ottubru 2014), Conclusions on 2030 Climate and Energy Policy Framework (Konklużjonijiet dwar il-Qafas ta' Politika għall-Klima u l-Enerġija għall-2030), SN 79/14.

**PARTI II — Forniment u domanda fl-EU ETS matul il-Fażi II (2008–2012)**

4. Il-kriżi ekonomika, li bdiet madwar l-2008, naqqset bil-kbir l-attività industrijali u l-emissjonijiet<sup>4</sup>. Għalhekk id-domanda għall-kwoti tal-emissjonijiet fil-Fażi II kienet anqas milli mistenni, li ħolqot eċċess ta' kwoti tal-emissjonijiet fis-suq (ara l-**Figura**) u li kellha impatt fuq il-prezz tal-karbonju, li waqa' minn bejn wieħed u ieħor EUR 22 għal EUR 5 bejn il-bidu tal-Fażi II fl-2008 sa tmiem il-Fażi II fl-2012.

**Figura — Forniment, domanda u eċċess għall-Fażi II tal-EU ETS (2008–2012)**



Sors: Analiżi tal-QEA bbażata fuq l-Għodda tal-EEA għall-aċċess tad-*data* dwar l-ETS (EEA ETS Data-viewer) (Ġunju 2014) għal installazzjonijiet stazzjonarji.

<sup>4</sup> Ir-rabta bejn il-kriżi ekonomika u t-tnaqqis fl-emissjonijiet ġiet identifikata mill-Kummissjoni (“L-istat tas-suq Ewropew tal-karbonju fl-2012”, COM(2012) 652 final) u minn sorsi oħra estensivi (pereżempju, il-Bank Dinji fir-rapport tiegħu “Mapping Carbon Pricing Initiatives” (Immappjar tal-Inizjattivi għall-Ipprezzar tal-Karbonju) tal-2013).

### PARTI III — Dibattiti dwar ir-riforma għall-mitigazzjoni tal-eċċess tal-kwoti tal-emissjonijiet u prospettivi futuri

5. Għadhom għaddejnin dibattiti dwar bidliet ulterjuri għall-EU ETS u r-riforma strutturali mill-2020 'il quddiem. Fil-Fażi II, kien hemm ftit li xejn flessibbiltà fis-sistema biex twieġeb għas-sitwazzjoni ekonomika li qed tinbidel, id-domanda mnaqqsa għall-kwoti tal-emissjonijiet u l-eċċess dejjem jikber. Dan kien rikonoxxut mill-Kummissjoni bħala li qed idgħajjed l-effettività tal-iskema. Il-Kummissjoni tqis ukoll li prezz ogħla tas-suq ikun johlqoq inċentiv akbar għall-investment f'teknoloġiji b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju<sup>5</sup>. F'tentattiv biex timmitiga l-effetti tal-eċċess tal-kwoti tal-emissjonijiet tal-EU ETS (identifikat mill-Kummissjoni f'ammont ta' kważi 2 biljun kwota tal-emissjonijiet fil-bidu tal-Fażi III<sup>6</sup>) (ara wkoll il-**Figura**) u biex issaħħaħ is-sinjali tal-prezz fuq l-emissjonijiet tal-karbonju, fl-2012 il-Kummissjoni ħarġet proposta għall-“iffriżar tal-kwoti” tal-irkanti għall-Fażi III. L-irkantar ta' 900 miljun kwota tal-emissjonijiet ikun jiġi pospost sal-2019–2020. L-iffriżar tal-kwoti ma jkunx inaqqas il-livell kumplessiv ta' kwoti tal-emissjonijiet disponibbli, iżda jkun jimmodifika d-distribuzzjoni tagħhom matul il-perjodu. Din il-proposta leġiżlattiva ġiet aċċettata mill-Parlament u mill-Kunsill matul l-2013.
6. Sabiex tindirizza l-kwistjoni tal-eċċess u biex issaħħaħ l-impatt ambjentali tal-iskema, il-Kummissjoni qieset li nħtieġet soluzzjoni sostenibbli għall-iżbilanċ bejn il-forniment u d-domanda. Għalhekk, f'Janna 2014, il-Kummissjoni pproponiet — flimkien mal-proposta għall-pakkett dwar il-klima u l-enerġija<sup>7</sup> — miżuri ta' riforma strutturali għall-EU ETS, bl-introduzzjoni ta' riżerva tal-istabbiltà tas-suq mill-2021 'il quddiem biex tindirizza l-eċċess tal-kwoti tal-emissjonijiet diġà akkumulat u biex ittejjeb ir-reżiljenza għax-xokkijiet il-kbar tas-suq billi taġġusta awtomatikament il-forniment tal-kwoti tal-emissjonijiet li għandhom jiġu rkantati. Il-proposta leġiżlattiva qed tiġi meqjusa mill-Kunsill u mill-Parlament Ewropew.

5 L-Azzjoni Klimatika tal-Kummissjoni, l-iskeda informattiva “The EU Emissions Trading System (EU ETS)” (L-Iskema tal-UE għan-Negożjar ta' Emissjonijiet (EU ETS)), disponibbli fuq [http://ec.europa.eu/clima/publications/docs/factsheet\\_ets\\_en.pdf](http://ec.europa.eu/clima/publications/docs/factsheet_ets_en.pdf)

6 Il-Kummissjoni Ewropea, id-DĠ Azzjoni Klimatika ([http://ec.europa.eu/clima/policies/ets/reform/index\\_en.htm](http://ec.europa.eu/clima/policies/ets/reform/index_en.htm)).

7 COM(2014) 15 final tat-22.1.2014, “A policy framework for climate and energy in the period from 2020 to 2030” (Qafas ta' politika għall-klima u l-enerġija fil-perjodu mill-2020 sal-2030).



## Sommarju Eżekuttiv

### II

L-EU ETS hija fundamentali għall-politika tal-UE dwar il-klima. Is-sistema tat prezz lill-karbonju u l-emissjonijiet minn installazzjonijiet fis-sistema neżlin kif maħsub: sal-2012 dawn naqsu b'19 % meta mqabbla mal-livelli tal-1990.

L-EU ETS tipprowdi t-tnaqqis meħtieġ ta' emissjonijiet bi prezz baxx. L-ebda miżura politika oħra, sew jekk tassazzjoni jew regolamentazzjoni, ma tiggarrantixxi dan kif jagħmel l-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet.

Is-suċċess tal-EU ETS kien ta' ispirazzjoni għal oħrajn madwar id-dinja u l-Kummissjoni se tkompli tippromwovi l-ETS bħala miżura ta' politika.

### III

Filwaqt li l-Qorti ffukat l-awditu fuq il-faġi II tal-EU ETS (2008–2012), bosta titjib diġà huwa fis-seħħ għall-faġi III (2013–2020) u speċifikament jindirizza l-osservazzjonijiet innutati mill-Qorti. Dawn l-osservazzjonijiet huma għalhekk apprezzati bħala appoġġ ulterjuri għall-iżviluppi relatati li huma diġà attwati għall-faġi III u aktar materjal għad-diskussjoni f'każijiet oħra.

### IV

Il-Kummissjoni tieħu nota tal-konklużjoni tal-Qorti.

Il-Kummissjoni tenfasizza li, fil-faġi II il-ġestjoni tal-EU ETS kienet ostakolata minħabba xi kwistjonijiet li jirrigwardaw ir-robustezza tal-qafas biex tiġi protetta l-integrità tagħha. Il-fatt li kien hemm dgħufijiet fl-implimentazzjoni tal-EU ETS f'faġi II hija waħda mir-raġunijiet importanti għall-kunsiderazzjonijiet bir-reqqa li saru dwar l-iżviluppi l-ġodda u t-titjib li issa qed jiġu implimentati fil-faġi III.

### V

Kwalunkwe kwistjoni sinifikanti li jifdal fir-regolamentazzjoni u s-sorveljanza tas-suq tal-emissjonijiet għandha tiġi indirizzata fejn meħtieġ sabiex tittejjeb l-integrità tas-suq. Biex tiżgura li l-azzjoni tal-UE hija meħtieġa u effettiva, il-Kummissjoni tivvaluta l-impatt tal-politiki u l-proposti tagħha f'kull stadju, mill-proposta għall-implimentazzjoni, għar-rieżami. Evalwazzjoni tar-regoli adottati reċentament dwar ir-regolamentazzjoni u s-sorveljanza tas-suq tal-emissjonijiet, li bħalissa huma soġġetti għal implimentazzjoni għadha għaddejja, tista' sseħħ fil-kuntest tar-rapporti li għandhom jiġu ppreżentati mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill fl-2019 skont l-Artikolu 90 tal-MiFID II<sup>1</sup> u l-Artikolu 38 tal-MAR<sup>2</sup>.

### V (a)

Il-Kummissjoni u l-koleġżlaturi analizzaw bir-reqqa r-riskji potenzjali fir-rigward tar-regolamentazzjoni u s-sorveljanza tas-suq tal-emissjonijiet relatati mal-kummerċjanti tal-konformità, kummerċ fil-pront bilaterali barra l-Borża (OTC) u l-parteċipanti iżgħar fis-suq matul il-proċess ta' adozzjoni għal MiFID II (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "MiFID"), li għalhekk fih reġim ekwilibrat għal eżenzjonijiet. L-eżenzjonijiet imsemmija fl-Artikoli 2(1) (e), 2(1)(j) u l-Artikolu 3(1)(e) tal-MiFID huma soġġetti għal kundizzjonijiet u sorveljanza regulatorja u mhumiex neċessarjament speċifiċi għal kwoti tal-emissjonijiet iżda japplikaw ugwalment għad-derivattivi tal-komoditajiet. Ir-raġunijiet għal dawn l-eżenzjonijiet jirriżultaw minn evalwazzjoni tal-iskop li tintalab awtorizzazzjoni MiFID (prinċipalment biex ikunu protetti klijenti ta' ditti ta' investiment fi tranżazzjonijiet transfruntieri) kif ukoll il-proporzjonalità tagħhom fir-rigward tal-kostijiet għall-kisba ta' tali awtorizzazzjoni kontra l-benefiċċji tagħha għall-persuni eżentati.

1 Id-Direttiva 2014/65/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 dwar is-swieq fl-istrumenti finanzjarji u li temenda d-Direttiva 2002/92/KE u d-Direttiva 2011/61/UE

2 Ir-Regolament (UE) Nru 596/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' April 2014 dwar l-abbuż tas-suq (Regolament dwar l-abbuż tas-suq) u li jħassar id-Direttiva 2003/6/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u d-Direttivi tal-Kummissjoni 2003/124/KE, 2003/125/KE u 2004/72/KE

## V (b)

Il-qafas superviżorju stabbilit permezz tal-leġiżlazzjoni tas-swieq finanzjarji tal-UE, li jintuża wkoll għad-derivattivi ta' komoditajiet kollha nnegożjati fl-UE (eż. ir-rapportar tal-pożizzjoni MiFID, MAR jistabbilixxi firxa wiesgħa ta' mekkaniżmi ta' kooperazzjoni) japplika għas-suq tal-emissjonijiet.

Il-mekkaniżmi ta' kooperazzjoni regolatorja se jidħlu fis-seħħ u b'effett mill-2017.

## V (c)

Analiżi tas-suq tal-karbonju tal-UE ġeneralment turi li s-suq kiber u mmatura, minkejja l-fatti li l-istatus legali tal-kwoti mhux definit fil-livell tal-UE u li l-ħolqien u l-protezzjoni tal-interessi ta' sigurtà fi kwoti mhix espressament prevista.

## V (d)

Filwaqt li tibni fuq il-progress li sar fil-fażi II, il-Kummissjoni se tiżgura titjib kontinwu kif meħtieġ biex tmantni s-sigurtà tar-Reġistru tal-Unjoni fl-ogħla standard.

Il-leġiżlazzjoni ma tipprovdix li l-Kummissjoni timmonitorja t-tranżazzjonijiet fir-Reġistru tal-Unjoni. Il-livell ta' superviżjoni tal-UE fuq is-suq Ewropew tal-karbonju jista' jittejjeb sabiex jinkixef l-abbuż u l-attivitajiet frodulent, iżda din il-kwistjoni hija usa' mir-Reġistru li jirreġistra biss informazzjoni dwar trasferimenti fiżiċi ta' unitajiet tal-karbonju fiżiku u mhux it-tranżazzjoni finanzjarja.

## VI. (a)

Ġew adottati r-Regolamenti tal-Kummissjoni biex jittejjbu aktar l-effikaċja, l-effiċjenza u l-armonizzazzjoni tal-monitoraġġ u r-rapportar u l-verifikazzjoni u l-akkreditament tal-EU ETS fil-fażi III.

## VI (b)

Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2014/166/UE u nota ta' spjegazzjoni assoċjata reġgħu nedew is-sistema li teżiġi li l-Istati Membri jippreżentaw rapporti annwali lill-Kummissjoni skont l-"Artikolu 21" dwar l-implimentazzjoni tagħhom tad-Direttiva EU ETS. Dawn ir-rapporti huma disponibbli pubblikament permezz tas-sistema ReportNet tal-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent.

## VI (c)

Il-Kummissjoni tirrikonoxxi li kien hemm xi nuqqasijiet fil-preżentazzjoni tar-rapporti skont l-Artikolu 21 matul il-fażi II. Issa, ir-rekwiżiti qed ikunu implimentati b'mod aktar rigoruż għall-fażi III abbażi tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2014/166/UE.

## VI (d)

Il-Kummissjoni tkompli tikkoordina skambji frekwenti ma' u bejn l-Istati Membri fil-forma ta' laqgħat b'attenzenza tajba bi proċedimenti u konsultazzjonijiet ppubblikati.

## VI (e)

Il-Kummissjoni tikkunsidra li għad għandha rwol ewleni fl-ixprunar tal-armonizzazzjoni tal-kontrolli ewlenin fl-implimentazzjoni tal-EU ETS permezz tal-qafas regolatorju u gwida u mudelli ta' appoġġ kif ukoll permezz ta' konferenzi, laqgħat u konsultazzjonijiet.

## VI (f)

Ħarsiet ġenerali tas-sistemi ta' sanzjonar tal-EU ETS fl-Istati Membri qed jinkisbu bħala parti mill-istudji ta' analiżi tal-konformità tal-Istat Membri mal-EU ETS mill-Kummissjoni u d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2014/166/UE li taġġorna s-sistema biex b'hekk teżiġi li l-Istati Membri jippreżentaw ir-rapporti annwali skont l-Artikolu 21 lill-Kummissjoni dwar l-implimentazzjoni tagħhom tad-Direttiva EU ETS.

Fil-fażi III, kull operatur jista' juża krediti ta' proġetti internazzjonali sa ċertu limitu, stabbilit fuq il-bażi tar-regoli definiti fir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1123/2013.

## VII 1.

Il-Kummissjoni parzjalment taċċetta r-rakkomandazzjonijiet u taqbel li kwalunkwe kwistjoni li fadal fir-regolamentazzjoni u s-sorveljanza tas-suq tal-emmissjonijiet għandhom jiġu indirizzati sabiex tittejjeb l-integrità tas-suq fejn meħtieġ.

## VII 2.

Il-Kummissjoni taċċetta r-rakkomandazzjoni u se tana-lizza l-benefiċċji tal-iċċarar tal-istatus ġuridiku tal-kwoti.

## VII 3.

Il-Kummissjoni taċċetta r-rakkomandazzjonijiet rilevanti. Is-sigurtà tas-sistema tar-reġistri ttejjeb b'mod sinifikanti mill-2012 u l-Kummissjoni se tagħmel hiliha biex tkompli ttejjeb is-sistema fir-rigward tal-aspetti identifikati mill-Qorti.

## VII 4.

Il-Kummissjoni taċċetta r-rakkomandazzjonijiet rilevanti. Ir-rwoli u r-responsabbiltajiet speċifiċi tal-partijiet kollha involuti fl-EU ETS huma ċċarati bħala riżultat tar-Regolamenti tal-Kummissjoni dwar l-akkreditament u l-verifikazzjoni u l-monitoraġġ u r-rapportar adottati għall-fażi III.

## VII 5.

Il-Kummissjoni taċċetta r-rakkomandazzjonijiet rilevanti u li l-livell ta' gwida u informazzjoni dwar l-implimentazzjoni tal-EU ETS kif implimentat f'fażi II seta' kien aħjar. Hija tqis li s-sitwazzjoni ġiet debitament imtejba għall-fażi III.

## VII 6.

Il-Kummissjoni tqis li s-sistema ta' sanzjonijiet tal-EU ETS hija effettiva. Il-penali ta' EUR 100 għal kull tunnellata ta' CO<sub>2</sub> mitfugħa li għaliha ma jkunet ċeduti l-ebda kwoti sat-30 ta' April għandha effett qawwi ta' deterrent. Dan huwa partikolarment muri b'rata għolja ħafna ta' konformità.

L-Istati Membri għandhom ikunu trasparenti dwar is-sanzjonijiet li japplikaw fil-livell nazzjonali u għandhom ukoll jipubblikaw informazzjoni dwar l-operaturi fi ksur tal-obbligu ta' restituzzjoni tal-kwoti.

Il-Kummissjoni taċċetta r-rakkomandazzjoni rilevanti u tagħti importanza għat-trasparenza bejn l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri biex tinżamm rata għolja ħafna ta' konformità.

## Introduzzjoni

### Kaxxa 2

L-EU ETS ffaċċjat riskji varji li ġew indirizzati permezz ta' azzjonijiet speċifiċi. Il-frodi karusell tal-VAT fis-suq tal-karbonju kienet indirizzata permezz tal-possibbiltà li l-Istati Membri japplikaw mekkaniżmu tar-reverse charge. Diversi reġistri nazzjonali kienu fil-mira ta'

attakki tal-IT u s-sigurtà tas-sistema tar-reġistri ttejjeb wara ċentralizzazzjoni ta' operazzjonijiet f'reġistru Uniku tal-Unjoni. Fl-aħħar nett, ir-regolamentazzjoni u s-sorveljanza tas-suq tal-karbonju ġew imsaħħa.

## 15

Il-Kummissjoni tinnotta li l-Qorti espliċitament iddikjarat li l-kwistjoni ta' liema approċċ regolatorju ikun l-aktar xieraq għas-suq tal-emissjonijiet kienet lil hinn mill-ambitu ta' dan l-awditu.

Il-Kummissjoni tqis li l-kwistjonijiet pendenti li għandhom jiġu kkunsidrati għal aktar azzjoni regolatorja għandhom ikunu eżaminati waqt li jitqies il-qafas regolatorju għal kwoti tal-emissjonijiet ladarba jsiru strumenti finanzjarji fl-2017.

## 16 - It-tweġiba għall-ewwel inċiż

Fuq il-proposta tal-Kummissjoni, il-Kunsill adotta d-Direttiva tal-Kunsill 2010/23/UE<sup>3</sup>, li (fl-Artikolu 199a) tipprovdi l-possibbiltà li tapplika l-mekkaniżmu tar-reverse charge għal trasferiment ta' kwoti tal-emissjonijiet. Il-perjodu ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva ġie estiż sal-31 ta' Diċembru 2018<sup>4</sup>.

## 16 - It-tweġiba għat-tielet inċiż

Ir-Regolament (UE) Nru 389/2013 (Regolament tar-Reġistru) ma fihx referenza diretta għad-dispożizzjonijiet sostantivi tad-Direttiva dwar il-Għieda Kontra l-Ħasil tal-Flus, iżda jipprovdi reġim *ad hoc* għal amministraturi tar-reġistru nazzjonali bbażat fuq sett armonizzat ta' kontrolli dwar kemm taf lill-klijenti tiegħek u rekwiżiti oħra rilevanti, li għalhekk jistabbilixxi regoli armonizzati applikabbli direttament fil-livell tal-UE f'dan il-qasam.

<sup>3</sup> Id-Direttiva tal-Kunsill 2010/23/UE tas-16 ta' Marzu 2010 (li temenda d-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud, fir-rigward ta' applikazzjoni fakultattiva u temporanja tal-mekkaniżmu tar-reverse charge fir-rigward tal-forniment ta' ċerti servizzi li jistgħu jkunet soġġetti għal frodi (ĠU L 72, 20.3.2010, p. 1))

<sup>4</sup> Bid-Direttiva tal-Kunsill 2013/43/UE tat-22 ta' Lulju 2013 (ĠU L 201, 26.7.2013, p. 4).

## Kaxxa 3 — Tweġiba għat-tieni paragrafu

Il-Kummissarji responsabbli mill-politiki tal-ETS u tal-VAT, rispettivament, bagħtu ittra konġunta f'Ġunju 2011 lill-Istati Membri kollha li kienu għadhom ma applikawx il-mekkaniżmu tar-reverse charge u talbuhom idaħħlu fis-seħħ id-dispożizzjonijiet nazzjonali. Dan juri li din il-kwistjoni ġiet indirizzata fl-oġġla livell possibbli.

## Kaxxa 3 — Tweġiba għat-tielet paragrafu

Il-leġiżlazzjoni tal-Italja tipprovdi għall-mekkaniżmu ta' reverse charge għall-kwoti tal-emissjonijiet mill-1 ta' Jannar 2015.

### 18

Ix-xerrejja tal-konformità jeħtieġ li jieħdu sehem fis-suq tal-karbonju, jekk l-emissjonijiet tagħhom jaqzbu l-kwoti b'xejn tagħhom. Huma jistgħu jixtru permezz ta' banek jew ditti tal-investment, li huma regolati skont il-MiFID. Il-MiFID (applikat flimkien ma' mal-MAR u r-Regolament dwar l-Infrastruttura tas-Suq Ewropew (EMIR)<sup>5</sup>) għandu l-għan li jtejjeb l-istabbiltà u l-integrità tas-suq, inkluż it-tnaqqis tar-riskji sistemiċi filwaqt li jitqiesu l-kosteffettività u l-proporzjonalità tal-leġiżlazzjoni tal-UE.

### 19

L-eżenzjonijiet ikopru entitajiet "mhux finanzjarji" li jinneozjaw kwoti kummerċjali. Dawn huma simili għal eżenzjonijiet f'regoli oħra dwar is-swieq finanzjarji, pereżempju eżenzjoni mill-obbligu tal-ikklijar għal kontropartijiet mhux finanzjarji skont l-EMIR, jew dawki li japplikaw f'derivattivi ta' komodità. Dawn mhumiex eżenzjonijiet li jkopru kollioz iżda huma soġġetti għal kundizzjonijiet u/jew sorveljanza minn awtoritajiet kompetenti nazzjonali kif ukoll fil-livell tal-UE. F'xi każijiet, l-eżenzjonijiet għandhom ambitu nazzjonali u ma jkollhom l-ebda effetti transfruntieri.

Anki fejn l-entitajiet huma eżenti skont il-MiFID, ħafna minnhom xorta waħda jibqgħu soġġetti għall-obbligi skont il-MAR rigward l-abbuż minn informazzjoni privileġġata u l-manipulazzjoni tas-suq.

Il-proposta tal-Kummissjoni kienet endorsjata mill-koleġiżlaturi, li b'mod ċar approvaw u kkonfermaw dan l-approċċ u jekk xejn, wessgħu l-ambitu tal-eżenzjonijiet.

B'kont meħud tal-prinċipju ta' proporzjonalità, il-Kummissjoni tikkunsidra li f'dak li għandu x'jaqsam mal-objettivi tal-awtorizzazzjoni skont il-MiFID; il-kostijiet rispettivi tagħha kontra l-benefiċċji tagħhom; il-piż regolatorju tagħha, l-eżenzjonijiet għax-xerrejja tal-konformità jirrappreżentaw l-inqas mezz oneruż biex jinkiseb ir-riżultat mixtieq.

Barra minn hekk, entitajiet eżentati xorta jibqgħu koperti mill-kamp ta' applikazzjoni tal-MAR.

### 20

Dwar derivati OTC, l-EMIR jimponi obbligi fuq ċerti parteċipanti fis-suq li jidhru f'neozjar tad-derivati, u b'hekk dawn ikunu regolati<sup>6</sup>.

Bosta studji jindikaw li s-sehem ta' volumi ta' kuntratti spot OTC li mhumiex ikklijari kienu ta' madwar 1 % fl-2010. L-analiżi ta' dejta disponibbli dwar l-evoluzzjoni aktar riċenti tas-suq tappoġġja l-konklużjoni li dan is-sehem x'aktarx huwa saħansitra inqas issa<sup>7</sup>.

Barra minn hekk, neozji OTC purament bilaterali xorta se jkunu koperti mill-kamp ta' applikazzjoni tal-MAR, li b'mod espliċitu jispeċifika li huwa "japplika għal kwalunkwe tranżazzjoni, ordni jew imġiba li tikkonċerna kwalunkwe strument finanzjarju kif imsemmi fl-Artikolu 2(1) u (2), irrispettivament minn jekk tali tranżazzjoni, ordni jew imġiba sseħħ f'post tan-neozjar."

5 Ir-Regolament dwar l-isem sħiħ ta' derivati OTC, Kontropartijiet Ċentrali u Repożitorji tad-dejta dwar it-Tranżazzjonijiet (ir-Regolament (UE) Nru 648/2012)

6 Kważi t-tweġibiet kollha għall-konsultazzjoni mill-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq (ESMA) dwar l-abbozz relatat ma' limiti tal-ikklijar għal applikazzjoni ssuġġerew li għandhom jiżdiedu, isostnu li ditti mhux finanzjarji joħolqu riskju negliġibbli ta' natura sistemika għas-sistema finanzjarja minħabba n-nuqqas ta' interkonnettività tagħhom. L-istess jista' jingħad dwar ditti mhux finanzjarji meta niġu għan-neozju tagħhom fi kwoti tal-emissjonijiet OTC immedjati purament bilaterali.

7 Komputazzjonijiet tal-Kummissjoni bbażati fuq id-dejta ta' Bloomberg New Energy Finance dwar id-daqs totali tas-suq tal-EUA u il-qsim tiegħu minn Irkanti, Skambji u OTC, flimkien ma' estimu minn London Energy Brokers Association (LEBA) dwar is-sehem ta' neozjar OTC EUA li kienu għal prodotti spot fl-2010, u ma' dejta ta' LEBA għall-2010-2014 dwar sehem ta' neozji OTC li ma kinux ikklijari.

## 21

F'Ottubru 2013, il-Kummissjoni talbet lill-ESMA biex tiprovi pariri biex jgħinuha fil-kontenut tal-atti delegati meħtieġa minn xi dispożizzjonijiet tal-MAR, inkluż fuq il-livell tal-limiti minimi f'termini ta' emissjonijiet ekwivalenti għad-diossidu tal-karbonju u ta' kapaċità termika.

Il-maġġoranza ta' dawk li wiegħbu għall-konsultazzjoni relatata tal-ESMA argumentaw li hija ftit jew xejn l-informazzjonni rilevanti speċifika għall-entitajiet li mhix diġà ppubblikata skont regoli oħra, notevolment ir-Regolament dwar l-Integrità u t-Trasparenza tas-Swieq tal-Enerġija bl-Ingrossa (REMIT)<sup>8</sup>.

Kwalunkwe impatt kumulattiv potenzjali fuq is-suq tal-emissjonijiet ikun biss materjali sal-punt li proporzjon imdaqqas tal-parteċipanti iżgħar fis-suq ikunu kkoordinaw l-attivitajiet tagħhom, li ma jkunux biss ta' kwistjoni antitrust soġġetta għal superviżjoni antitrust, iżda jkun ukoll diffiċli għalihom li jżommu minħabba l-għadd kbir tagħhom.

## 22

Il-Kummissjoni taqbel li jista' jsir aktar xogħol dwar mekkaniżmi ta' kooperazzjoni regolatorja fil-qafas superviżorju tas-suq tal-kwoti tal-emissjonijiet. Madankollu, id-dispożizzjonijiet eżisteneti dwar il-mekkaniżmi se jidħlu fis-seħħ u b'effett mill-2017. Għalhekk, kwalunkwe ħidma futura għandha tiffoka fuq għażliet biex issaħħaħ is-sistemi eżistenti, kull fejn ikun meħtieġ ibbażat fuq evalwazzjoni ċara tal-kobor ta' kwalunkwe riskji li jkun jifdal fl-EU ETS jew fis-suq Ewropew tal-karbonju u biex dan isir bl-aktar mod kosteffettiv u proporzjonat.

## 23

Il-qafas superviżorju stabbilit permezz tal-leġiżlazzjoni tas-swieq finanzjarji tal-UE, jintuża wkoll għad-derivattivi ta' komoditajiet kollha nnegozjati fl-UE (pereżempju ir-Rapportar tal-pożizzjoni MiFID, MAR jistabbilixxi firxa wiesgħa ta' mekkaniżmi ta' kooperazzjoni). Rieżami ma pprovdix elementi sabiex isostni l-argument li dan il-qafas mhux adegwat għal dan is-suq tal-emissjonijiet meta mqabbel ma' kuntratti ta' derivattivi ta' komodità b'mod ġenerali.

Fir-rigward tal-MAR, l-awtoritajiet kompetenti jeżerċitaw il-funzjonijiet tagħhom u d-dmirijiet li jirriżultaw mill-MAR b'kollaborazzjoni ma' awtoritajiet oħra jew ma' impriża tas-suq. L-awtoritajiet kompetenti tal-MAR huma meħtieġa li jikkoperaw mal-ESMA, anki fir-rigward tal-iskambju tal-informazzjoni neċessarja, u mal-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri tal-UE.

Rigward ir-Reġistru tal-Unjoni u s-setgħat tal-Kummissjoni, ir-regolaturi finanzjarji nazzjonali jkun jistgħu jiksbu informazzjoni dwar it-tranżazzjonijiet fir-reġistru tal-Unjoni mill-amministratur nazzjonali rilevanti jew mill-Kummissjoni bħala Amministratur Ċentrali (li jistgħu jipprovdu dejta dwar diversi Stati Membri jew l-Istati Membri kollha), f'konformità mal-Artikolu 110(2) tar-Regolament (UE) Nru 389/2013. Huwa importanti ukoll li wieħed jinnota li 30-40 % tal-kwoti ta' emissjonijiet futuri ma jinżammux sal-maturità u għalhekk mhumiex saldati b'mod fiżiku u għalhekk ma jkunux jidhru fir-reġistru tal-Unjoni.

## 24

Il-Kummissjoni tinnota li s-superviżjoni tas-suq tal-emissjonijiet hija f'idejn ir-regolaturi nazzjonali. Proċeduri integrati bejn ir-regolaturi nazzjonali għall-organizzazzjoni ta' superviżjoni fil-livell tal-UE tas-suq tal-emissjonijiet huma stabbiliti permezz tal-MiFID u l-MAR reveduti li jippreskrivu regoli dettaljati dwar kooperazzjoni transfruntiera bejn awtoritajiet nazzjonali kompetenti u bejniethom u l-ESMA u l-livell tal-UE kif ukoll ma' pajjiżi terzi madwar id-dinja.

Barra minn hekk, qasam estensiv ta' sorveljanza, rapportar tad-dejta u superviżjoni (fil-livell nazzjonali u dak tal-UE) se jiġi implimentat skont is-sistemi reveduti MiFID/MiFIR<sup>9</sup> u MAR/MAD, applikabbli għall-kwoti ta' emissjonijiet minn Jannar 2017 u Lulju 2016 rispettivament.

Il-frekwenza u l-istruttura kuntatti formali u informali eżistenti bejn is-servizzi fil-Kummissjoni huma suffiċjenti u proporzjonali għal kompiti regolatorji kumplessivi.

<sup>9</sup> Ir-Regolament (UE) Nru 600/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal- 15 ta' Mejju 2014 dwar is-swieq tal-istrumenti finanzjarji u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 648/2012

## 25

Is-suq tal-karbonju tal-UE kiber u mmatura, minkejja l-fatt li l-istatus legali tal-kwoti mhuwiex definit fil-livell tal-UE. Il-fatturi li jixprunaw il-likwidità huma fil-biċċa l-kbira ta' natura pjuttost ekonomika milli legali<sup>10</sup>.

Il-Kummissjoni temmen li d-Direttiva 2003/87/KE u l-leġiżlazzjoni ta' implimentazzjoni tagħha, b'mod partikolari, l-Artikolu 40 tar-Regolament (UE) Nru 389/2013<sup>11</sup>, kif ukoll il-qafas li qed jevolvi għar-regolamentazzjoni tas-swieq finanzjarji tal-UE<sup>12</sup> jipprovdi l-bażi legali meħtieġa għal suq tal-karbonju tal-UE likwidu u trasparenti filwaqt li jiġu żgurati l-istabbiltà u l-integrità tas-suq.

## 26

F'konformità mal-Artikolu 345 tat-TFUE, skont il-liġi tal-Unjoni, id-dritt ta' proprjetà huwa prerogativa tal-Istati Membri. Skont is-sejbiet tal-Qorti, dan huwa aktar u aktar minnu f'dak li għandu x'jaqsam mal-obbligu tal-ħolqien tad-drittijiet tal-proprjetà fil-livell tal-UE f'dak li għandu x'jaqsam ma' klassi ta' assi fejn ma hemmx drittijiet tal-proprjetà preeżistenti fil-Istati Membri.

L-eżistenza ta' reġim speċifiku tad-dritt tal-proprjetà ta' assi kurrenti hija l-eċċezzjoni aktar milli r-regola għall-maġġoranza kbira ta' assi li jkunu nneozzjati inklużi l-istrumenti finanzjarji. Madankollu, dan ma jfissirx li l-prinċipji normali ta' kuntratt nazzjonali u d-dritt tal-proprjetà ma japplikawx neċessarjament għal tranżazzjonijiet f'assi bħal dawn<sup>13</sup>. Id-Direttiva 2003/87/KE u l-leġiżlazzjoni ta' implimentazzjoni tagħha jirregolaw il-karatteristiċi legali importanti kollha li jirrigwardaw l-eżerċizzju tad-drittijiet fuq il-kwoti.

10 Il-Kummissjoni diġà pproponiet li tiġi stabbilita riżerva tal-istabbiltà tas-suq (COM(2014)20) biex tindirizza l-eċċess ta' kwoti u, kif ukoll, ittejjeb ir-reżiljenza tas-sistema għad-disturbi l-kbar billi taġġusta l-provvista tal-kwoti li jridu jiġu rkantati, li qed tiġi diskussa mill-Parlament Ewropew u l-Kunsill.

11 Il-kwoti jistgħu jiġu miżmuma minn kwalunkwe persuna, imma t-titolu jista' jiġi ddeterminat b'referenza għar-reġistru tal-Unjoni peress li r-rekord tar-reġistru jikkostitwixxi evidenza *prima facie* u suffiċjenti tas-sjeda ta' kwota.

12 Sa mill-2017, il-kwoti tal-emissjonijiet se jkollhom l-istatus ta' strumenti finanzjarji fl-UE u jkunu soġġetti għall-qafas tar-regolamentazzjoni tas-swieq finanzjarji tal-UE.

13 Pereżempju, ma hemm l-ebda reġim legali għal flus miżmuma f'kont bankarju. Bħala tali d-detentur tal-kont ma għandux il-flus fil-kont tiegħu, iżda għandu biss pretensjoni legali għalihom, iżda dan ma prekludix l-iżvilupp tas-swieq finanzjarji bbażati fuq flus mhux biss fl-UE iżda madwar id-dinja.

Id-drittijiet biex għas-sjeda, it-trasferiment, iċ-ċediment u l-kanċellazzjoni ta' kwoti huma garantiti bis-sħiħ mid-Direttiva 2003/87/KE u wkoll appoġġati kompletament mir-reġistru tal-Unjoni li fih ikunu jistgħu jiġu eżerċitati.

## 27

Fid-dawl ta' dak li ntqal iktar 'il fuq, il-Kummissjoni tqis li l-interessi legali jiġu debitament protetti u l-kwoti jistgħu jiġu kkontestati bħala materji ċivili fil-qrati nazzjonali. Madankollu, il-Kummissjoni se tagħmel ħilitha biex tanalizza l-benefiċċji potenzjali li jkun iċċarat ulterjorment l-istatus legali ta' kwoti fil-liġi tal-UE għall-funzjonament tal-EU ETS u tas-suq Ewropew tal-karbonju.

## 28

Il-Kummissjoni se tikkunsidra l-ħtiġiet legali u l-fattibbiltà teknika tal-iffaċilitar tar-reġistrazzjoni tal-interessi ta' garanzija fi kwoti, fid-dawl tal-oġettivi ta' politika pubblika tal-EU ETS.

## 30

Il-Kummissjoni tikkunsidra li r-Reġistru tal-Unjoni introduċa titjib biex jindirizza nuqqasijiet tal-passat identifikati sistema deċentralizzata tal-fażi II ta' reġistri nazzjonali. Azzjonijiet addizzjonali kienu wkoll meħuda sussegwentement fil-fażi III tal-EU ETS, wara r-reviżjoni tad-Direttiva tal-EU ETS fl-2009. Ma ġie rrapportat l-ebda inċident mit-tnedija tar-Reġistru tal-Unjoni fl-2012 u d-dejta miżmuma fir-Reġistru tal-Unjoni jew fil-EUTL hija pprovduta lil korpi nazzjonali għall-infurzar tal-liġi waqt investigazzjonijiet formali jew proċeduri legali.

Il-Kummissjoni taqbel li s-superviżjoni tas-suq tal-karbonju tista' titjeb. Ir-reġistru tal-Unjoni ma fihx informazzjoni finanzjarja u għalhekk id-dejta fir-reġistru jkollha użu limitat fis-superviżjoni tat-tranżazzjonijiet finanzjarji.

Barra minn hekk skont il-leġiżlazzjoni primarja u r-Regolament (UE) 389/2013, il-Kummissjoni ma għandha l-ebda bażi legali biex twettaq analiżi fuq dejta tal-Istati Membri maħżuna fir-Reġistru tal-Unjoni.

Il-Kummissjoni appoġġat b'mod attiv lill-Istati Membri fl-implimentazzjoni tal-kooperazzjoni ma' Unitajiet tal-Intelligence Finanzjarja.

## 31

Il-Kummissjoni tikkunsidra li s-sistemi tar-reġistru tjiebu b'mod kostanti matul iż-żmien u li ħafna kwistjonijiet nnotati mill-Qorti huma indirizzati fil-fażi III.

## 32

Rigward il-kontrolli u l-prattiki KYC, ir-Regolament (UE) 389/2013 jelenka b'mod eżawrjenti l-kundizzjonijiet u d-dokumenti għall-ftuħ tal-kontijiet ta' parteċipanti għall-konformità. Madankollu r-rekwiżiti għal kontijiet ta' għall-partiċipanti volontarji jistipulaw biss ir-rekwiżiti minimi għal ftuħ ta' kont.

## 34

Ir-rekwiżiti stabbiliti bir-Regolament (UE) Nru 389/2013 għall-partiċipanti volontarji jagħtu lok li l-Istati Membri japplikaw Prattiki xierqa ta' valutazzjoni tar-riskju.

## 35 — It-twegiba għat-tieni inciż

Ir-Regolament (UE) Nru 389/2013 jelenka liema informazzjoni dwar applikazzjonijiet suspettużi għal ftuħ ta' kont hija kondiviża bejn l-amministraturi nazzjonali. L-istabbiliment ta' lista permanenti madwar l-UE kontijiet li għalihom kien irrifjutat il-ftuħ tqajjem kwistjonijiet rigward il-qafas legali dwar il-protezzjoni ta' dejta personali.

## 36

Id-Direttiva 2003/87/KE u r-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 389/2013 jafdaw il-ġestjoni ta' kontijiet tar-reġistru tal-utenti lill-Istati Membri f'konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà. Ir-rwol tal-Kummissjoni bħala amministratur ċentrali li topera u żżomm ir-reġistru tal-Unjoni. Il-Kummissjoni tikkoordina l-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet legali rilevanti billi torganizza skambji ta' informazzjoni u tal-aħjar Prattiki dwar il-kontrolli ta' għarfien dwar il-klijent, b'mod partikolari fil-grupp ta' ħidma tal-amministraturi tar-reġistri, b'enfasi partikolari fuq metodi u għodod li jistgħu jiġu implimentati fil-qafas legali eżistenti.

## 37

Is-superviżjoni tas-suq Ewropew tal-karbonju fil-livell tal-UE tista' tittejjeb aktar, anki bl-użu tad-dejta rilevanti mir-Reġistru tal-Unjoni. Madankollu, ir-reġistru tal-Unjoni jirreġistra biss informazzjoni dwar trasferimenti fiżiċi ta' unitajiet tal-karbonju u ma jirreġistra l-ebda informazzjoni dwar il-parti finanzjarja tat-tranżazzjoni, li mhijiex suffiċjenti biex jiġu individwati abbużi jew attivitajiet frodolenti.

## 38

L-analiżi ta' tranżazzjonijiet transfruntieri ma kinitx possibbli qabel il-migrazzjoni għar-Reġistru tal-Unjoni minħabba li r-reġistri nazzjonali kienu imħaddma minn Stati Membri individwali u mhux konsolidati.

Fil-qafas legali attwali, il-Kummissjoni qed tipprova l-applikazzjoni tar-Reġistru tal-Unjoni, iżda ma għandhiex rwol biex attivament tissupervizza t-tranżazzjonijiet fir-reġistru tal-Unjoni billi tisfrutta d-dejta miżmuma f'isem l-Istati Membri.

## 41

Il-Kummissjoni tqis li l-istruttura organizzazzjonali tagħha hija adegwata. Is-segregazzjoni tar-rwoli bejn is-sid tal-operat/politika u l-fornitur tal-IT ġiet implimentata mill-2014 skont il-metodoloġija għall-ġestjoni tal-proġetti rilevanti u r-riżorsi u l-ħiliet ġew ottimizzati aktar biex jiżguraw organizzazzjoni interna adegwata.

L-implimentazzjoni tal-pjan ta' azzjoni wara l-awditu tal-IT mis-Servizz tal-Awditjar Intern tal-Kummissjoni tindirizza d-dgħufijiet identifikati u se żżid l-effikaċja tal-iżvilupp u l-ġestjoni tar-reġistru.

## 50

Kaxxa 4 fir-rapport tal-Qorti issemmi l-aspetti ewlenin rilevanti għall-monitoraġġ, ir-rapportar u l-verifikazzjoni. Filwaqt li xi forma ta' verifika minn awtorità kompetenti ta' rapporti annwali vverifikati dwar l-emissjonijiet tista' tkun raġonevoment mistennija, id-Direttiva 2003/87/KE u l-miżuri ta' implimentazzjoni ma jitolbux dan b'mod espliċitu. Id-duplikazzjoni tal-verifikazzjoni sħiħa tkun kontroproduktiva anki f'termini ta' kostijiet addizzjonali.

## 51

Kontenut mandatorju speċifikat u mudell standard għar-rapport ta' verifikazzjoni tal-EU ETS issa jinsabu fis-seħħ għall-fażi III. Il-leġislazzjoni f'livell Ewropew għall-fażi II tal-EU ETS ma ppermettewx li jkun hemm mudell standard.

## 52

Il-Kummissjoni taqbel li nuqqas ta' segwitu dwar is-sejbiet tal-verifikatur kienu jeżistu f'fażi II. Għall-fażi III l-operaturi issa huma meħtieġa jissottomettu rapport tat-titjib għall-approvazzjoni mill-Awtorità Kompetenti dwar in-nuqqasijiet ta' konformità kollha u r-rakkomandazzjonijiet rrapportati mill-verifikatur. Il-Kummissjoni ppubblikat ukoll gwida dwar kif il-verifikaturi għandhom jittrattaw sejbiet ripetuti.

## Kaxxa 7

Il-mudell tar-rapport ta' verifikazzjoni ippubblikat issa mill-Kummissjoni jindika minimu li huwa mada-torju għall-inklużjoni fil-mudelli tar-rapport ta' verifikazzjoni tal-Istati Membri għal fażi III u jinkludi dispożizzjoni speċifika għall-verifikatur biex iniżżel ir-rakkomandazzjonijiet.

Għall-fażi III daħlu fis-seħħ responsabbiltajiet addizzjonali għall-akkreditament u l-verifikazzjoni u għal korpi nazzjonali tal-akkreditament li jwettqu sorveljanza kontinwa tal-verifikaturi. Wieheċ mill-iskopijiet ewlenin ta' din is-sorveljanza huwa li tkun ivverifikata l-kompetenza kontinwa tal-verifikatur waqt li jfittxu b'mod partikolari għal inkonsistenzi bħal verifikatur li qatt ma jirraportaw nuqqasijiet ta' konformità jew rakkomandazzjonijiet jew bejn id-dokumentazzjoni ta' verifikazzjoni interna u r-rapport ta' verifikazzjoni maħruġ.

## 53

Il-linji gwida għall-monitoraġġ u r-rapportar fil-fażi II kienu jinkludu definizzjonijiet speċifiċi għal fażi II li jikkonċernaw kemm il-“verifikatur” meħtieġ (it-Taqsima 2(5)(m) tal-Anness I tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2007/589/KE) u l-“akkreditament” (it-Taqsima 2(5)(k) tal-Anness I tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2007/589/KE), qabel ma jippuntaw lejn gwida rilevanti

tal-kooperazzjoni Ewropea għall-Akkreditament. Il-linji gwida jinkludu wkoll dispożizzjoni għal korpi ta' akkreditament kif ukoll biex l-awtoritajiet kompetenti jiksbu aċċess għar-rapport ta' verifikazzjoni intern tal-verifikatur. Madankollu, il-ħtieġa li tiġi żgurata aktar armonizzazzjoni fil-verifikazzjoni u l-akkreditament tal-EU ETS hija r-raġuni ewlenija għaliex ir-Regolament (UE) Nru 600/2012 dwar l-akkreditament u l-verifikazzjoni tal-EU ETS ġie adottat għall-fażi III.

## 56

Ir-rwoli ta' entitajiet individwali fl-EU ETS huma bbażati fuq il-kompetenzi rispettivi tagħhom. Il-verifikaturi huma qabel kolloxx kompetenti għall-verifikazzjoni (mhux l-awtoritajiet regolatorji). Korpi nazzjonali tal-akkreditament għandhom il-kompetenza u s-setgħa li jakkreditaw il-verifikaturi (mhux l-awtoritajiet regolatorji). L-awtoritajiet kompetenti maħtura għandhom il-kompetenza u s-setgħa ta' implimentazzjoni ġenerali tal-EU ETS (mhux il-verifikaturi jew il-korpi nazzjonali tal-akkreditament). Il-koordinazzjoni bejn l-entitajiet differenti hija importanti għall-promozzjoni tal-implimentazzjoni effettiva tal-EU ETS b'mod ġenerali, iżda din teħtieġ tkun proporzjonata skont il-kompetenza u biex tiġi evitata d-duplikazzjoni ineffiċjenti u kontroproduttiva u żieda tal-kostijiet.

## 57

Il-Kummissjoni tqis li s-sitwazzjoni rapportata meta verifikaturi jkunu involuti fil-verifikazzjonijiet kif ukoll fl-iżvilupp ta' pjanijiet ta' monitoraġġ għall-istess sit hija kunflitt ta' interess. Ir-Regolament (UE) Nru 600/2012 (ir-Regolament dwar l-Akkreditament u l-Verifikazzjoni għall-fażi III) huwa espliċitu fuq dan is-suġġett u l-kwistjoni hija qasam primarju ta' tħassib li l-korpi nazzjonali tal-akkreditament għandhom jikkunsidraw u jindirizzaw.

## 58

Id-Direttiva 2003/87/KE u l-miżuri ta' implimentazzjoni ma jiddefinixxux rekwiżit għal spezzjonijiet fuq il-post mill-awtoritajiet kompetenti. Dan iżomm il-flessibilità għal infurzar proporzjonati u effiċjenti mill-Awtorità Kompetenti, inkluż fir-rigward ta' fejn u meta l-ispezzjonijiet huma l-iktar produttivi, l-evitar ta' duplikazzjoni tar-rwol tal-verifikatur, u l-kapaċità li jingħaqad ma doveri regolatorji oħra.



## 64

Il-Kummissjoni taqbel li l-għoti, fuq bażi regolari, ta' informazzjoni rilevanti dwar l-implimentazzjoni u l-funzjonament kumplessivi tal-EU ETS huwa ta' benefiċċju għall-fiduċja tal-partijiet interessati fis-sistema. Ir-rapportar previst mid-Direttiva 2003/87/KE, b'mod partikolari skont l-Artikoli 10 u 21 tagħha, jindirizza din il-ħtieġa.

## 67

Fil-kuntest ta' valutazzjoni tan-NAP tal-Istati Membri, il-mudell PRIMES, bħala għodda analitika użata b'mod wiesa' kien ikkunsidrat bħala l-aħjar referenza disponibbli. B'mod partikolari, il-mudell kien magħruf mill-Istati Membri, meqjus affidabbli u użat minn xi Stati Membri nfishom waqt il-preparazzjoni tan-NAPs.

Il-Kummissjoni tirrikonoxxi li l-linji gwida maħruġa f'Diċembru 2005 ma kinux jinkludu istruzzjoni biex tintuża d-dejta dwar l-emissjonijiet tal-2005. Madankollu, l-emissjonijiet ivverifikati għall-2005 kienu disponibbli għall-Istati Membri mir-rebbiegħa tal-2006 u għalhekk ferm qabel l-iskadenza għall-preżentazzjoni tal-pjanijiet ta' azzjoni nazzjonali (NAPs) u ħafna qabel ma l-biċċa l-kbira tan-NAPs ġew ippreżentati fil-prattika. Waqt li kkunsidrat l-oġettiv tal-EU ETS, il-Kummissjoni kellha tivvaluta l-NAPs fl-isfond tal-aktar dejta aġġornata dwar l-emissjonijiet li ġiet enfasizzata wkoll mill-Kumitat dwar it-Tibdil fil-Klima.

## 69

Il-Kummissjoni tirrikonoxxi li hija ma setgħetx tippreżenta listi ta' kontroll kompluti għall-Istati Membri kollha quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja. Il-perjodu ta' utilità amministrattiva għal dawn id-dokumenti skada. Madankollu, għadd ta' dokumenti oħra ġew ipprovduti lill-Qorti tal-Ġustizzja, bħal korrispondenza mal-Istati Membri, preżentazzjonijiet u folji ta' informazzjoni.

Madankollu, il-Kummissjoni temmen li ma hemm l-ebda raġuni biex wieħed jemmen li l-valutazzjoni tan-NAPs kienet b'xi mod mhux daqstant dettaljata jew mhux kompluta.

B'mod partikolari, id-deċiżjonijiet kollha pubblikament disponibbli tal-Kummissjoni dwar l-NAPs tal-Istati Membri għandhom l-istess struttura u jipprovdu ġustifikazzjoni estensiva ta' x'inhuma r-raġunijiet li jsostnu jew l-approvazzjoni jew ir-rifjut tal-NAPs fil-premessi. Għal kull aspett li kellu jkun analizzat bir-reqqa mill-Kummissjoni skont l-Anness III tad-Direttiva, huwa stabbilit fid-dettall jekk ir-rekwiżiti legali ġewx imħarsa jew le. B'hekk, huma juru li l-Kummissjoni wettqet il-valutazzjoni fil-mod kif ordnat bid-Direttiva 2003/87/KE għall-Istati Membri kollha bl-istess mod.

## Tweġiba komuni għall-paragrafi 71 u 72

Il-Kummissjoni tirrikonoxxi li rapportar tal-"Artikolu 21" dwar l-implimentazzjoni tal-EU ETS mhux dejjem tlesta fil-fażi II. Ir-rekwiżiti issa qed jiġu implimentati b'mod iktar rigoruż għall-fażi III ibbażati fuq id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2014/166/UE, b'mod li l-kundizzjoni għall-pubblikazzjoni ta' rapport ta' implimentazzjoni annwali komplut għandhom jiġu sodisfatti fil-futur.

## 74

Il-Kummissjoni armonizzat ulterjorment l-implimentazzjoni tal-EU ETS f'fażi III (għalhekk l-EU ETS rivedut kien adottat fl-2009) u tkopli tikkunsidra għażliet għal titjib ulterjuri possibbli fil-futur.

## 76

Il-qafas legali jħalli l-implimentazzjoni tal-ispezzjonijiet f'idejn l-Istati Membri bħala parti mill-approċċ ġenerali tagħhom għall-infurzar regolatorju u fir-rigward tal-prinċipju tas-sussidjarjetà, il-Kummissjoni ma għandha l-ebda rwol speċifiku x'taqdi.

**77**

Il-Kummissjoni tkompli torganizza skambji estensivi ta' informazzjoni mal-awtoritajiet kompetenti tal-EU ETS tal-Istati Membri pereżempju permezz ta' deliberazzjonijiet regolari tal-Kumitat dwar it-Tibdil fil-Klima u l-Grupp ta' Ħidma 3 tiegħu ddedikat għall-Iskambju tal-Emissjonijiet, Gruppi ta' Ħidma Tekniċi *ad hoc*, fora bħall-Forum tal-Akkreditament u l-Verifikazzjoni u l-Forum dwar il-Konformità bit-Task Forces assoċjati tiegħu, u gruppi rilevanti bħall-Grupp ta' Ħidma tal-Amministraturi tar-Reġistri. Il-proċedimenti huma normalment kondiviżi b'mod elettroniku biex jassistu lil dawk li ma jkunux jistgħu jattendu l-laqqgħat personalment.

**79**

Il-Kummissjoni tirrikonoxxi r-rwol importanti addizzjonali tal-Forum dwar il-Konformità tal-EU ETS u t-Task Forces tiegħu fl-implimentazzjoni armonizzata tal-EU ETS u fl-iskambju ta' informazzjoni dwar l-aħjar prattiki bejn l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri. Għalkemm l-attenzenza tal-awtoritajiet nazzjonali kultant kienet limitata, l-informazzjoni diskussa u żviluppata fil-Forum dwar il-Konformità kienet kondiviża permezz ta' faċilità bbażata fuq l-internet disponibbli għall-awtoritajiet kompetenti kollha.

**80**

Ir-rata ta' konformità għolja hija l-aqwa indikatur tal-effett deterrenti tar-reġim tas-sanzjonijiet tal-EU ETS, notevolment id-dispożizzjoni tal-penali fil-livell tal-UE fid-Direttiva applikabbli f'każ fejn wiehded ma jċedix il-kwoti.

Minbarra din is-sanzjoni armonizzata madwar l-UE kollha, l-Istati Membri jstabbilixxu u japplikaw pieni għal ċertu ksur, bħal nuqqas ta' sottomissjoni ta' rapport dwar l-emissjonijiet fil-ħin, fuq il-bażi tal-leġiżlazzjoni nazzjonali rilevanti.

**82**

Il-Kummissjoni tinnota li varjazzjonijiet fir-rigward tat-tipi ta' ksur u penali nazzjonali jistgħu jkunu ġustifikati għal kollox meta wiehded jikkunsidra ċ-ċirkostanzi nazzjonali u l-proċessi amministrattivi, u dan iktar u iktar meta l-koleġiżlaturi iddeċidew li jpoġġu l-penali skont l-Artikolu 16(1) tad-Direttiva 2003/87/KE taħt il-kompetenza nazzjonali skont il-prinċipju tas-sussidjarjetà.

**83**

Ħarsiet ġenerali tas-sistemi ta' sanzjonar tal-EU ETS fl-Istati Membri qed jinkisbu bħala parti mill-istudji ta' anlaži tal-konformità tal-Istat Membri mal-EU ETS mill-Kummissjoni u d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2014/166/UE li taġġorna s-sistema biex b'hekk teżiġi li l-Istati Membri jippreżentaw ir-rapporti annwali skont l-Artikolu 21 lill-Kummissjoni dwar l-implimentazzjoni tagħhom tad-Direttiva EU ETS.

**84**

Il-Kummissjoni tfttex li żżomm ħarsa ġenerali speċifika għall-EU ETS ta' penali nazzjonali u statistika dwar l-applikazzjoni ta' penali. Hija diġà ħadet approċċ aktar sistematiku tal-monitoraġġ tas-sistema ta' sanzjonijiet, billi tejbet il-mistoqsijiet lill-Istati Membri dwar il-penali fil-kuntest tar-rapport skont l-Artikolu 21 tad-Direttiva 2003/87/KE.

L-awtoritajiet tal-Istati Membri huma responsabbli għall-infurzar tad-dispożizzjonijiet tal-EU ETS iżda l-Kummissjoni issegwi mill-qrib l-implimentazzjoni tad-Direttiva tal-EU ETS fl-Istati Membri. Meta, fil-fażi II, kien hemm dubji dwar il-legalità tal-applikazzjoni tal-penali, il-Kummissjoni dejjem segwiethom u kellha kuntatti regolari mal-Istati Membri fejn meħtieġ. Pereżempju, il-Kummissjoni konsistentement fakkret li l-Istati Membri ma setawx inaqqsu l-ammont tal-multi applikati f'każijiet fejn wiehded ma jċedix ta' kwoti ta' EUR 100<sup>14</sup>.

<sup>14</sup> Din l-interpretazzjoni tal-Artikolu 16 sadanittant ġiet ikkonfermata mill-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja.

## 86

Fil-fażi III tal-EU ETS, l-operaturi ma jistgħux jibqgħu jużaw krediti internazzjonali direttament biex jikkonformaw mal-obbligi tagħhom tal-EU ETS. L-operaturi għandhom l-ewwel jiskambjaw il-krediti internazzjonali tagħhom għal kwoti li mbagħad ikunu jistgħu jużaw għall-konformità.

L-għadd ta' krediti internazzjonali li operatur jista' jiskambja huwa limitat. Ir-regoli għad-determinazzjoni tad-drittijiet ta' kreditu individwali għal kull installazzjoni u operatur tal-inġenji tal-ajru huma stipulati fir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1123/2013. L-operaturi jirċievu intitolament għall-perjodu 2008-2020, għalhekk l-intitolament tagħhom għall-fażi III jgħid dak li huma bbenefikaw fil-fażi II.

### Kaxxa 8 - Tweġiba għat-tieni paragrafu

Fil-fażi III tal-EU ETS, problemi simili ma għandhomx iseħħu aktar. It-tielet inċiż: Jekk jogħġbok ara t-tweġiba tal-Kummissjoni għall-paragrafu 86.

### Kaxxa 8 - Tweġiba għat-tielet paragrafu

Fil-fażi III tal-EU ETS, problemi simili ma għandhomx iseħħu aktar. It-tielet inċiż: Jekk jogħġbok ara t-tweġiba tal-Kummissjoni għall-paragrafu 86.

## Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet

### 87

Fil-mument tal-introduzzjoni ta' ETS, l-ebda esperjenza Prattika ma kienet teżisti fil-livell nazzjonali jew tal-UE. Għalhekk, il-Kummissjoni u l-Istati Membri segwew approċċ ta' taġġim bil-prattika li wassal għal titjib kontinwu kemm fit-tfassil u kif ukoll fl-implimentazzjoni.

Fir-rigward tal-EU ETS u l-frodi karusell tal-VAT, sabiex tiġi indirizzata l-frodi tal-VAT, il-Kummissjoni pprovdiet bażi legali għal tal-Eurofisc, netwerk għall-iskambju rapidu ta' informazzjoni mmirata dwar tranżazzjonijiet frodulenti tal-VAT. F'dan il-kuntest l-Istati Membri jħarsu wkoll lejn xejriet ġodda tal-frodi u jipprovdu twissija bikrija lil xulxin jekk jiffaċċaw frodi ġodda. Il-kummerċ tal-emissjonijiet tal-karbonju huwa wieħed mis-setturi li mmonitorjat mill-qrib mill-Istati Membri f'dan il-kuntest.

### 89

Il-Kummissjoni tiegħu nota tal-konklużjoni tal-Qorti.

Il-Kummissjoni tenfasizza li, fil-fażi II l-EU ETS kienet ostakolata minħabba xi kwistjonijiet li jirrigwardaw ir-robustezza tal-qafas biex tiġi protetta l-integrità tagħha. Il-fatt li kien hemm dgħufijiet fl-implimentazzjoni tal-EU ETS f'fażi II hija waħda mir-raġunijiet importanti għall-kunsiderazzjoni bir-reqqa li saru dwar l-iżviluppi l-ġodda u t-titjib li issa qed jiġu implimentati fil-fażi III.

### 91

Rigward is-sejbiet tal-Qorti li għad fadal xi kwistjonijiet ta' regolamentazzjoni u superviżjoni tas-suq tal-emissjonijiet relatati mal-kummerċjanti tal-konformità, kummerċ spot bilaterali OTC u l-parteċipanti iżgħar fis-suq, il-Kummissjoni u l-koleġżlaturi analizaw bir-reqqa r-riskji potenzjali matul il-proċess ta' adozzjoni għall-MiFID, li fih għalhekk reġim ekwilibrat għall-eżenzjonijiet. Il-qafas superviżorju stabbilit permezz tal-leġiżlazzjoni tas-swieq finanzjarji tal-UE, li jintuża wkoll għad-derivattivi ta' komoditajiet kollha nnegozjati fl-UE (pereżempju r-Rapportar tal-pożizzjoni MiFID, MAR jistabbilixxi firxa wiesgħa ta' mekkaniżmi ta' kooperazzjoni) japplika għas-suq tal-emissjonijiet. Il-mekkaniżmi ta' kooperazzjoni regolatorja se jidhru fis-seħħ u b'effett mill-2017.

### Rakkomandazzjoni 1

Il-Kummissjoni taqbel li kwalunkwe kwistjoni sinifikanti li jifdal fir-regolamentazzjoni u s-sorveljanza tas-suq tal-emissjonijiet għandhom jiġu indirizzati fejn meħtieġ sabiex tittejjeb l-integrità tas-suq. Biex tiżgura li l-azzjoni tal-UE hija meħtieġa u effettiva, il-Kummissjoni tivvaluta l-impatt tal-politiki u l-proposti tagħha f'kull stadju, mill-proposta għall-implimentazzjoni u għar-rieżami.

Evalwazzjoni tar-regoli adottati reċentament dwar ir-regolamentazzjoni u s-sorveljanza tas-suq tal-emissjonijiet, li bħalissa qed ikunu implimentati, tista' sseħħ fil-kuntest tar-rapporti li għandhom jiġu ppreżentati mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill fl-2019 skont l-Artikolu 90 tal-MiFID II u l-Artikolu 38 tal-MAR.

## Rakkomandazzjoni 1 (a)

Il-Kummissjoni taċċetta r-Rakkomandazzjoni 1(a). Il-Kummissjoni u l-koleġiżlaturi analizzaw bir-reqqa r-riskji potenzjali matul il-proċess ta' adozzjoni tal-MiFID rivedut, li fih għalhekk reġim ekwibrat għal eżenzjonijiet. Dawn se jkunu soġġetti għal reviżjoni fl-2019 taħt il-leġislazzjoni rilevanti.

L-eżenzjonijiet imsemmija fl-Artikoli 2(1)(e), 2(1)(j) u l-Artikolu 3(1)(e) tal-MiFID huma soġġetti għal kundizzjonijiet u sorveljanza regolatorja u mhumiex neċessarjament speċifiċi għal kwoti tal-emissjonijiet iżda japplikaw ugwalment għad-derivattivi tal-komoditajiet. Ir-raġunijiet għal dawn l-eżenzjonijiet jirriżultaw minn evalwazzjoni tal-iskop li tinalab awtorizzazzjoni MiFID (prinċipalment biex ikunu protetti klijenti ta' ditti ta' investiment fi tranżazzjonijiet transfruntieri) kif ukoll il-proporzjonalità tagħhom fir-rigward tal-kostijiet għall-kisba ta' tali awtorizzazzjoni kontra l-benefiċċji tagħha għall-persuni eżentati.

## Rakkomandazzjoni 1 (b)

Il-Kummissjoni taċċetta r-Rakkomandazzjoni 1(b), peress li din tikkunsidra l-korp ta' leġiżlazzjoni dwar swieq finanzjarji tal-UE li ġie adottat u li attwalment qed ikun implimentata.

## Rakkomandazzjoni 1 (c)

Il-Kummissjoni taċċetta r-Rakkomandazzjoni 1(c) parzjalment. Hemm mekkaniżmi ta' kooperazzjoni eżistenti fis-seħħ, li l-Kummissjoni tqis bħala xierqa minħabba l-istat eżistenti tas-suq tal-emissjonijiet. Is-servizzi tal-Kummissjoni huma preżenti fil-bord/il-kumitati permanenti u l-gruppi ta' ħidma tal-Aġenzija Ewropea tat-Titoli u s-Swieq (ESMA) meta jiġu diskussi kwistjonijiet ta' politika u huma f'kuntatt mal-Aġenzija għall-Kooperazzjoni tar-Regolaturi tal-Enerġija (ACER). Madankollu, il-kooperazzjoni fil-Kummissjoni qed tiġi msaħħa aktar fil-fażi ta' implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni riveduta. Dwar regolaturi oħra u l-awtoritajiet responsabbli mis-superviżjoni (inklużi l-aġenziji) u fid-dawl tal-iżviluppi futuri tas-suq, il-Kummissjoni se tikkunsidra għażliet għall-promozzjoni ta' inizjattivi biex tissaħħaħ aktar il-kooperazzjoni regolatorja lil hinn minn dawk il-mekkaniżmi diġà fis-seħħ.

## Rakkomandazzjoni 2

Il-Kummissjoni taċċetta r-Rakkomandazzjoni 2. Hija se tanalizza l-benefiċċji li jiġi ċċarat l-istatus ġuridiku tal-kwoti u se tikkunsidra wkoll jekk u kif jista' jkun ipprovdut mekkaniżmu ta' reġistrazzjoni espress għal interessi ta' sigurtà.

Is-suq tal-karbonju tal-UE kiber u mmatura, minkejja l-fatt li l-istatus legali tal-kwoti mhux definit fil-livell tal-UE. Il-fatturi li jixprunaw il-likwidità huma fil-biċċa l-kbira ta' natura pjuttost ekonomika milli legali.

Għalhekk, il-Kummissjoni diġà pproponiet li tiġi stabbilita riżerva tal-istabbiltà tas-suq (COM(2014)20) biex tindirizza l-eċċess ta' kwoti u, kif ukoll, ittejjeb ir-reżiljenza tas-sistema għad-disturbi l-kbar billi taġġusta l-provvista tal-kwoti li jridu jiġu rkantati, li qed tiġi diskussa mill-Parlament Ewropew u l-Kunsill.

Il-Kummissjoni temmen li d-Direttiva 2003/87/KE u r-Regolament (UE) Nru 389/2013, kif ukoll il-qafas li qed jevolvi għar-regolamentazzjoni tas-swieq finanzjarji tal-UE jipprovdi l-bażi legali meħtieġa għal suq tal-karbonju tal-UE likwidu u trasparenti filwaqt li jiġu żgurati l-istabbiltà u l-integrità tas-suq.

## 93

Is-sigurtà tar-reġistru tġieb b'mod sinifikanti matul il-fażi III tal-EU ETS. Barra milli tinforza r-rekwiżiti regolatorji għal ftuħ ta' kontijiet, il-Kummissjoni tippromwovi kooperazzjoni attiva u skambju tal-aħjar prattiki bejn l-Istati Membri. Mill-2012, it-titjib kontinwu tar-Reġistru tal-Unjoni skont il-metodoloġija rilevanti tal-proġett kienet teħtieġ aġġustamenti fil-Kummissjoni.

## Rakkomandazzjoni 3 (a)

Il-Kummissjoni taċċetta r-Rakkomandazzjoni 3(a). Ir-Regjistru tal-Unjoni ma jkollux d-dejta kollha rilevanti biex ikunu detetti l-abbuż u l-attivitajiet frodulenti. Madankollu, skont il-MiFID/MiFIR u l-MAR/MAD, eżerċizzju sinifikanti tal-ġbir tad-dejta huwa diġà previst fir-rigward tal-aspett finanzjarju tat-tranżazzjonijiet fi kwoti ladarba dawn ikunu ġew implimentati bis-sħiħ fl-2017.

## Rakkomandazzjoni 3 (b)

Il-Kummissjoni taċċetta r-Rakkomandazzjoni 3(b).

## Rakkomandazzjoni 3 (c)

Il-Kummissjoni taċċetta r-rakkomandazzjoni 3(c). Fir-rigward tal-istruttura, il-Kummissjoni tqis li din diġà ġiet implimentata. Wara eżerċizzju ta' awditu tal-IT mis-Servizz tal-Awditjar Intern tagħha, il-Kummissjoni kompliet tikkjarifika r-rwoli tal-membri tal-persunal u ottimizat l-istruttura. Il-Kummissjoni hija impenjata li tiżgura t-tħaddim tajjeb tas-sistema tar-reġistri.

## Rakkomandazzjoni 3 (d)-(e)

Din ir-rakkomandazzjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

## 94

Regolamenti tal-Kummissjoni adottati qabel il-bidu tal-fażi III jtejbu l-effikaċja, l-effiċjenza u l-armonizzazzjoni tal-implimentazzjoni tal-EU ETS fil-fażi III. Dawn ir-regolamenti jindirizzaw id-dgħufijiet deskritti mill-Qorti. It-titjib huwa relatat ma' monitoraġġ u rapportar u verifikazzjoni u akkreditament, li jikkonfermaw ir-rwoli u r-responsabbiltajiet tal-partijiet kollha inklużi awtoritajiet kompetenti, operatori, verifikaturi, korpi ta' akkreditament nazzjonali u l-Istati Membri.

## Rakkomandazzjoni 4

Ir-rwoli u r-responsabbiltajiet speċifiċi tal-partijiet kollha involuti fl-EU ETS huma ċċarati bħala riżultat tar-Regolamenti tal-Kummissjoni dwar l-akkreditament u l-verifikazzjoni u l-monitoraġġ u r-rapportar adottati għall-fażi III.

## Rakkomandazzjoni 4 (a)

Il-Kummissjoni taċċetta r-Rakkomandazzjoni 4(a).

## Rakkomandazzjoni 4 (b)

Il-Kummissjoni taċċetta r-Rakkomandazzjoni 4(b). Id-Direttiva 2003/87/KE u l-miżuri ta' implimentazzjoni jiddefinixxu l-qafas għall-infurzar. Dan l-approċċ iżomm il-flessibbiltà għal infurzar proporzjonati u effiċjenti mill-Awtorità Kompetenti, inkluż fir-rigward ta' fejn u meta l-ispezzjonijiet huma l-iktar produttivi, l-evitar ta' duplikazzjoni tar-rwol tal-verifikatur, u l-kapaċità li jingħaqad ma' doveri regolatorji oħra.

## Rakkomandazzjoni 4 (c)-(f)

Dawn ir-rakkomandazzjonijiet huma indirizzati lill-Istati Membri.

## 95

Il-Kummissjoni pprovdiet gwida komprensiva fit-tnejn u l-implimentazzjoni ta' dawn il-pjanijiet għall-fażi III. Huwa jirrikonoxxi li din il-gwida ma inkludietx struzzjoni biex tintuża d-dejta dwar l-emissjonijiet tal-2005, li, madankollu, ma affettwatx il-kwalità tal-valutazzjoni tal-Kummissjoni.

Il-gwida tal-Kummissjoni u l-monitoraġġ tal-implimentazzjoni mill-Istati Membri tal-EU ETS jittejbu fil-fażi III. Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2014/166/UE u nota ta' spjegazzjoni assoċjata reġġu nedew is-sistema li teżiġi li l-Istati Membri jippreżentaw rapporti annwali lill-Kummissjoni skont l-"Artikolu 21" dwar l-implimentazzjoni tagħhom tad-Direttiva 2003/87/KE. Dawn ir-rapporti huma disponibbli pubblikament permezz tas-sistema ReportNet tal-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent

## 96

Il-Kummissjoni tirrikonoxxi li rapportar tal-"Artikolu 21" dwar l-implimentazzjoni tal-EU ETS mhux dejjem tlesta fil-fażi II. Ir-rekwiżiti issa qed jiġu implimentati b'mod iktar rigoruż għall-fażi III ibbażati fuq id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2014/166/UE, b'mod li l-kundizzjoni għall-pubblikazzjoni ta' rapport ta' implimentazzjoni annwali komplut għandhom jiġu sodisfatti fil-futur.

Il-Kummissjoni tkompli torganizza skambji estensivi ta' informazzjoni mal-awtoritajiet kompetenti tal-EU ETS tal-Istati Membri pereżempju permezz ta' deliberazzjonijiet regolari tal-Kumitat dwar it-Tibdil fil-Klima u l-Grupp ta' Ħidma 3 tiegħu ddedikat għall-Iskambju tal-Emissjonijiet, Gruppi ta' Ħidma Tekniċi *ad hoc*, fora bħall-Forum tal-Akkreditament u l-Verifikazzjoni u l-Forum dwar il-Konformità bit-Task Forces assoċjati tiegħu, u gruppi rilevanti bħall-Grupp ta' Ħidma tal-Amministraturi tar-Reġistri, u permezz ta' faċilitajiet assoċjati għall-kondiviżjoni tad-dokumenti.

### Rakkomandazzjoni 5 (a)

Il-Kummissjoni taċċetta r-Rakkomandazzjoni 5(a).

L-armonizzazzjoni tal-EU ETS hija sostanzjali fil-fażi III u l-Kummissjoni qed issegwi l-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tal-Istati Membri tal-EU ETS b'mod aktar rigoruż fil-fażi III.

### Rakkomandazzjoni 5 (b)

Il-Kummissjoni taċċetta r-Rakkomandazzjoni 5(b) rigward il-pubblikazzjoni ta' rapport regolari dwar l-implimentazzjoni tal-EU ETS.

### Rakkomandazzjoni 5 (c)

Din ir-rakkomandazzjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

## 97

Ħarsiet ġenerali tas-sistemi ta' sanzjonar tal-EU ETS fl-Istati Membri qed jinkisbu bħala parti mill-istudji ta' analiżi tal-konformità tal-Istat Membri mal-EU ETS mill-Kummissjoni u d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2014/166/UE li taġġorna s-sistema biex b'hekk teżiġi li l-Istati Membri jippreżentaw ir-rapporti annwali skont l-Artikolu 21 lill-Kummissjoni dwar l-implimentazzjoni tagħhom tad-Direttiva 2003/87/KE.

### Rakkomandazzjoni 6

Il-Kummissjoni tqis li s-sistema ta' sanzjonijiet tal-EU ETS hija effettiva. Il-penali ta' EUR 100 għal kull tunnellata ta' CO2 mitfugħa li għaliha ma jkunu ċeduti l-ebda kwoti sat-30 ta' April għandha effett qawwi ta' deterrent. B'mod partikolari, dan joħroġ mill-fatt li kull sena madwar 99 % tal-emissjonijiet huma effettivament koperti mill-għadd meħtieġ ta' kwoti u l-penali għalhekk japplikaw biss għal 1 % tal-emissjonijiet irrapportati.

L-Istati Membri għandhom ikunu trasparenti dwar is-sanzjonijiet li japplikaw fil-livell nazzjonali għall-ksur ieħor għajr l-obbligu ta' ċediment u għandhom ukoll jippubblikaw informazzjoni dwar l-operaturi bi ksur tal-obbligu ta' restituzzjoni tal-kwoti. Madankollu, huwa importanti li wieħed jinnota li skont l-Artikolu 16(1) tad-Direttiva 2003/87/KE, l-Istati Membri jżommu d-dritt li jiddeterminaw sanzjonijiet u li l-varjazzjonijiet bejn il-livell ta' sanzjonijiet jistgħu jkunu ġustifikati meta wieħed jikkunsidra l-kuntest fi Stat Membru partikolari.

Il-Kummissjoni tagħti importanza għat-trasparenza bejn l-Awtoritajiet Kompetenti tal-Istati Membri biex tinżamm rata għolja ta' konformità.

### **Rakkomandazzjoni 6 (a)**

Il-Kummissjoni taċċetta r-rakkomandazzjoni 6(a). Hija se tanalizza fid-dettall l-informazzjoni li tirċievi permezz tal-istudji li janalizzaw il-konfrmita mal-EU ETS u r-rapporti annwali ppreżentati mill-Istati Membri skont l-Artikolu 21 tad-Direttiva EU ETS u tiegħu azzjoni fejn jitqies xieraq.

### **Rakkomandazzjoni 6 (b)-(c)**

Dawn ir-rakkomandazzjonijiet huma indirizzati lill-Istati Membri.





## KIF GĦANDEK TAGĦMEL BIEX TIKSEB IL-PUBBLIKAZZJONIJIET TAL-UE

### **Pubblikazzjonijiet bla ħlas:**

- kopja waħda:  
permezz tal-EU Bookshop (<http://bookshop.europa.eu>);
- iżjed minn kopja waħda jew posters/mapep:  
mir-rappreżentanzi tal-Unjoni Ewropea ([http://ec.europa.eu/represent\\_mt.htm](http://ec.europa.eu/represent_mt.htm)),  
mid-delegazzjonijiet f'pajjiżi li mhumiex fl-UE ([http://eeas.europa.eu/delegations/index\\_mt.htm](http://eeas.europa.eu/delegations/index_mt.htm)),  
billi tikkuntatja s-servizz Europe Direct ([http://europa.eu/europedirect/index\\_mt.htm](http://europa.eu/europedirect/index_mt.htm))  
jew ċempel 00 800 6 7 8 9 10 11 (numru tat-telefown bla ħlas minn kullimkien fl-UE) (\*).

(\*) L-informazzjoni mogħtija hija b'xejn, kif ukoll it-telefonati ġeneralment huma b'xejn (għalkemm xi operaturi, kabini tat-telefown jew lukandi jistgħu jitolbu ħlas).

### **Pubblikazzjonijiet bi ħlas:**

- permezz tal-EU Bookshop (<http://bookshop.europa.eu>).

L-EU ETS hija l-pedament tal-politika tal-UE dwar il-klima u spiss tiġi kkwotata bħala mudell għall-politika emerġenti dwar it-tibdil fil-klima fid-dinja. Il-Qorti sabet dgħufijiet sinifikanti fl-implimentazzjoni matul il-Fażi II (2008-2012) u problemi bir-robustezza tal-qafas għall-protezzjoni tal-integrità tas-suq. Ir-regolamentazzjoni u s-sorveljanza tas-suq, l-istatus legali ta' kwoti tal-emissjonijiet, u s-sistemi għall-ipproċessar ta' informazzjoni fundamentali tal-EU ETS kienu jeħtieġu li jsirillhom titjib. L-Istati Membri għandhom isaħħu l-implimentazzjoni tagħhom tal-qafas ta' kontroll u tas-sanzjonijiet. Il-Qorti tagħmel għadd ta' rakkomandazzjonijiet immirati lejn it-titjib tal-integrità u tal-implimentazzjoni tal-iskema.



IL-QORTI  
EWROPEA  
TAL-AWDITURI



L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet